

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF
EUROOPA KONTROLLIKODA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ
EUROPEAN COURT OF AUDITORS
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



CORTE DEI CONTI EUROPEA
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK
IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI
EUROPESE REKENKAMER
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE
EUROOPAN TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2009

(skont l-Artikolu 248(4), it-tieni sottoparagrafu, KE)

Il-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm **Galileo**

flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

WERREJ

	Paragrafu
Akronimi	
Sommarju eżekuttiv	I-XII
Introduzzjoni	1-2
L-istorja ta' Galileo	3-29
Jiem bikrin (qabel l-1999)	3-8
Definizzjoni (1999 – 2002)	9-12
Żvilupp u validazzjoni taħt il-GJU (2003-2006)	13-26
L-iżvilupp u l-validazzjoni wara l-GJU (mill-2006)	27-29
L-ambitu u l-approċċ tal-verifika	30-33
Osservazzjonijiet	34-74
Il-falliment tan-negozjati tal-konċessjoni	35-42
Attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku ttardjati u jeċċedu l-baġit	43-50
L-attivitajiet tal-RTD ta' utilità limitata	51-57
L-integrazzjoni tal-EGNOS ta' suċċess biss parzjalment	58-65
Governanza inadegwata tas-settur pubbliku	66-74
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	75-86
 Anness I – L-Aġenzija Spazjali Ewropea	
 Anness II – Fatti, figuri u eżempji illustrattivi dwar EGNOS	
 Anness III – Koperazzjoni internazzjonali fuq Galileo	

Anness IV – Il-kriterji użati mill-QEA biex tevalwa l-ġestjoni tas-settur pubbliku tal-proċess ta' konċessjoni ta' Galileo, flimkien ma' sommarju tal-evalwazzjoni

Anness V – Glossarju ta' termini użati f'dan ir-rapport

Ir-risposti tal-Kummissjoni

AKRONIMI

ARTES	Riċerka Avvanzata fis-Sistemi ta' Telekomunikazzjoni
CNES	Ċentru Nazzjonali ta' Studji Spazjali
CS	Servizz Kummerċjali
EC	Komunitajiet Ewropej
EGNOS	Servizz ta' Overlay tan-Navigazzjoni Ewropea Ġeostazzjonarja
EOIG	Grupp tal-Operaturi u l-Infrastruttura EGNOS
ESA	Aġenzija Spazjali Ewropea
FP6	Is-Sitt Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni, li jikkontribwixxi għall-ħolqien taż-Żona ta' Riċerka Ewropea u għall-innovazzjoni (2002 to 2006)
GCC	Ċentru ta' Kontroll Galileo
GCS	Segment Kontroll mill-Art
GIOVE	Element ta' Validazzjoni fl-Orbita Galileo
GJU	Impriża Konġunta Galileo
GMS	Segment Missjoni mill-Art
GNSS	Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita
GPS	Sistema ta' Pożizzjonar Globali
GSA	Awtorità Ewropea ta' Vigilancia tal-GNSS
GSTB	Test Bed tas-Sistema Galileo
HoT	Termini Prinċipali

INTOSAI	Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika
IOV	Validazzjoni fl-Orbita
JTI	Inizjattiva Teknoloġika Konġunta
NRSCC	Ċentru Nazzjonali tar-Remote Sensing taċ-Ċina
OS	Servizz Miftuħ
PB-Nav	Programme Board dwar Navigazzjoni bis-Satellita
PFI	Inizjattiva finanzjarja privata
PGD	Prodott Gross Domestiku
PPP	Sħubija pubblika-privata
PRS	Servizz Pubbliku Regolat
PwC	PricewaterhouseCoopers
RTD	Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku
SAR	Tfittix u Salvataġġ
SESAR	Sistema Ewropea ta' Ġenerazzjoni Ġdida għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru
SoL	Sigurtà tal-Flajja
TEN-T	Netwerk ta' Trasport Trans-Ewropew

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Il-programmi ta' EGNOS u Galileo bdew f'nofs id-disgħinijiet bil-għan li jistabbilixxu Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (GNSS). EGNOS hija sistema li żżid ibbażata fuq satellita reġjonali għall-Ewropa li ttejjeb is-sinjali li ġejjin minn sistemi ta' navigazzjoni satellitari eżistenti bħal GPS. Bħalissa Galileo qiegħed jiġi żviluppat bħala s-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-satellita tal-Ewropa.

II. Sabiex iġestu l-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm Galileo, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) waqqfu struttura dedikata, l-Impriża Konġunta Galileo (GJU), li operat minn Settembru 2003 sa tmiem l-2006. Fl-2007, l-attivitajiet tal-GJU ġew trasferiti lill-Awtorità ta' Vigilanza tal-GNSS, Aġenzija Komunitarja.

III. Il-programm Galileo kien l-ewwel tat-tip tiegħu f'diversi aspetti: kien l-ewwel kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-ESA u l-Kummissjoni fuq programm spazjali tant kbir, l-ewwel programm industrijali li ġie ġestit fuq livell Ewropew u l-ewwel darba li l-Kummissjoni kellha tipparteċipa fi sħubija pubblika-privata.

IV. In-negozjati mas-settur privat fuq ftehim ta' konċessjoni waqfu kmieni fl-2007 u l-Parlament u l-Kunsill iddeċidew li jerġgħu jindirizzaw il-programm fil-ħarifa tal-2007. L-iżvilupp teknoloġiku mar lura b'ħames snin. Fi tmiem l-2008, l-ebda satelliti operattivi ma ġew illanċjati u stimi tal-ispejjeż għall-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kważi rduppjaw minn 1,1 għal 2,1 biljun euro. i:

- i) liema fatturi kienu responsabbli għall-falliment tal-proċess ta' konċessjoni;
- ii) liema fatturi kienu responsabbli għad-dewmien irrapportat u l-ispejjeż żejda tal-iżvilupp teknoloġiku;
- iii) sa liema punt l-infiq fuq l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp kien ta' benefiċċju għall-programm Galileo;
- iv) il-GJU kemm integrat sewwa EGNOS ġo Galileo;

v) jekk il-programm Galileo kienx iggvernata b'mod xieraq.

V. Il-Qorti kkonkludiet li l-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kienet inadegwata. Il-programm Galileo itaq ma' problemi f'livelli differenti:

- i) Il-GJU ma kinitx maniġer b'saħħtu tal-programm u dan l-irwol ma ġie assenjat lil ebda korp ieħor. Il-GJU ma kisbitx il-parti l-kbira tal-oġettivi tagħha – pero', minħabba fatturi li fil-biċċa l-kbira kienu barra mill-kontroll tal-GJU
- ii) Il-programm ma kellux sponsor strateġiku u sorveljatur b'saħħtu: il-Kummissjoni ma mexxitx il-programm b'mod proattiv, u ħallietu mingħajr tmunier.
- iii) Minħabba l-aspettattivi differenti tagħhom tal-programm, l-Istati Membri intervenew fl-interess tal-industrija nazzjonali tagħhom u żammew id-deċiżjonijiet milli jittieħdu. Il-kompromessi li rriżultaw wasslu għal problemi ta' implimentazzjoni, dewmien u fl-aħħar, għal spejjeż żejda.

VI. Il-PPP ma ġietx ippreparata u maħsuba b'mod xieraq. Riżultat ta' dan, il-GJU kienet meħtieġa tinnegozja PPP li kienet irrealistika.

VII. Il-kompitu tal-GJU li tissorvelja l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku kien limitat serjament minn kwestjonijiet ta' governanza, baġit inkomplet, dewmien u organizzazzjoni industrijali tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni.

VIII. Ir-riżultati tal-RTD ta' Galileo kienu ta' utilità limitata minħabba: diskontinwazzjonijiet, l-inadegwatezza tas-Sitt Programm Qafas (FP6) għall-iffinanzjar ta' attivitajiet tal-iżvilupp tas-suq, in-nuqqas ta' approċċ komprensiv għall-iżvilupp tas-suq u dewmien.

IX. L-integrazzjoni ta' EGNOS ġo Galileo kienet ta' suċċess parzjali biss għax il-mandat tal-GJU ma kienx ċar, id-deċiżjoni biex EGNOS jiġi inkluż fin-negozjati ta' konċessjoni dewwem il-kisba tal-programm EGNOS, il-qafas istituzzjonali ta'

EGNOS ma kienx ċar u l-GJU f'it għamlet sforz biex tippromwovi l-iżvilupp tal-EGNOS.

X. Il-governanza tal-programm ma kinitx xierqa. Id-diviżjoni tar-rwoli bejn l-entitajiet involuti fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm (l-Istati Membri tal-UE u tal-ESA, il-Kummissjoni, il-GJU u l-ESA) ma kinitx definita b'mod ċar. Il-Kummissjoni ma tatx direzzjoni xierqa fl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' Galileo.

XI. Jekk l-indirizz mill-ġdid f'nofs l-2007 tal-programmi EGNOS u Galileo għandu jirnexxi, il-Kummissjoni għandha ssaħħa b'mod konsiderevoli l-ġestjoni tagħha tal-programmi. Dan ir-rapport jinkludi għadd ta' rakkomandazzjonijiet immirati biex jgħinu l-Kummissjoni f'dan il-kompitu.

XII. Fl-aħħarnett, jekk l-EU tiddeċiedi li tidħol għal programmi oħrajn ta' infrastruttura kbira, il-Kummissjoni għandha tassigura li għandha aċċess għall-għodod ta' ġestjoni xierqa.

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport tal-verifika huwa dwar l-involvement tal-Unjoni Ewropa fin-navigazzjoni satellitari fil-perijodu 2003-2006.
2. L-istrateġija ta' navigazzjoni satellitari tal-Unjoni Ewropea tikkonsisti f'żewġ programmi: EGNOS¹ u Galileo.
 - a) EGNOS huwa sistema reġjonali għall-Ewropa illi tissorvelja u tikkoreġi sinjali mibgħuta minn sistemi ta' navigazzjoni satellitari eżistenti² billi ttejjeb il-preċiżjoni tagħhom u tevalwa l-affidabilità tagħhom.
 - b) Galileo bħalissa qiegħed jiġi żviluppat bħala s-Sistema ta' Navigazzjoni Satellitari Globali (GNSS) tal-Ewropa. Hija l-kontraparti Amerikana tal-GPS u inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) (ara l-**Anness I**).

L-ISTORJA TA' GALILEO

Jiem bikrin (qabel l-1999)

3. L-istorja ta' Galileo bdiet fl-1994, bil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tinvolvi lill-Ewropa fin-navigazzjoni satellitari³. Abbażi ta' din il-proposta, f'Diċembru 1994 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stieden lill-Kummissjoni sabiex tibda l-attivitajiet neċessarji⁴.

¹ Servizz ta' Overlay tan-Navigazzjoni Ewropea Ġeostazzjonarja.

² GPS (Sistema ta' Pożizzjonar Globali), GNSS żviluppata u mħaddma mid-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti; GLONASS, GNSS żviluppata mill-Unjoni Sovjetika ta' qabel u issa mħaddma għall-gvern tal-Federazzjoni Russa mill-Forzi Spazjali tiegħu.

³ COM(94) 248 – Servizzi ta' navigazzjoni satellitari: approċċ Ewropew.

⁴ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontribut Ewropew għall-iżvilupp ta' Sistema ta' Navigazzjoni Satellitari Globali (GNSS).

4. L-istrateġija inizjali tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-GNSS kienet tikkompreni żewġ stadji. L-ewwel (GNSS-1) kien sabiex tiġi żviluppata sistema kompluta mal-GPS u l-GLONASS eżistenti. Din il-fażi, magħrufa bħala EGNOS, tikkonsisti fi tliet apparati li jirċievu sinjal tar-radju u awtomatikament jittrasmettu sinjal ieħor differenti fuq satelliti ġeostazjonarji u netwerk ta' stazzjonijiet tal-art li jkopru l-Ewropa kollha li jintużaw sabiex itejbu l-preċiżjoni tal-GPS u l-GLONASS (ara n-nota tal-qiegħ 2) u biex jevalwaw l-affidabilità tas-sinjali tagħhom.

5. EGNOS ġie implimentat għall-ewwel darba fl-1994 bħala programm tal-ESA b'finanzjament minn diversi sorsi (Stati Membri tal-ESA, il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurocontrol u għadd ta' operatori nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili u organizzazzjonijiet oħrajn⁵). Inizjalment kien intenzjonat għad-dimostrazzjoni, iżda gradwalment ġie deċiż li jiġi konvertit fi programm pre-operattiv u imbagħad fi programm operattiv (ara wkoll l-**Anness II**).

6. It-tieni stadju (GNSS-2) kienet l-implimentazzjoni ta' sistema ta' navigazzjoni satellitari ċivili globali, magħrufa bħala Galileo. Fl-aħħar din se tikkonsisti fi 30 satelliti f'altitudni fissa ta' madwar 23 000 km, kif ukoll f'network ta' stazzjonijiet tal-art, u se toffri ħames livelli ta' servizzi (ara l-Kaxxa 1).

Kaxxa 1 – Il-ħames servizzi ta' Galileo

Is-Servizz Miftuħ (OS) se jkun b'xejn għall-utenti u se jagħti pożizzjoni kompetittiva u prestazzjoni fil-ħin b'paragun ma' sistemi oħrajn ta' GNSS.

Is-Sigurtà tal-Flajja (SoL) se twassal prestazzjoni aħjar (inkluża funzjoni ta' integrità, jiġifieri twissija fil-ħin ta' inqas preċiżjoni) u ċertifikazzjoni u se tiġi offruta b'garanzija ta' servizz lill-komunità ta' trasport kritiku, eż. avjazzjoni u marittima.

Is-Servizz Kummerċjali se jipprovdi aċċess għal żewġ sinjali addizzjonali (f'kord), biex jippermettu rata ogħla ta' *data* pproċessata u jippermettu l-utenti jtejbju l-preċiżjoni.

⁵ Miġbura fil-Grupp tal-Operaturi u l-Infrastruttura tal-EGNOS (EOIG).

Is-Servizz Regolat mill-Pubbliku (PRS) se jagħti pożizzjoni u ħin lill-utenti speċifiċi li jeħtieġu kontinwità għolja tas-servizz (eż. servizzi ta' emerġenza, forzi tas-sigurtà u l-militar), b'aċċess kontrollat.

Fl-aħħar, Galileo se tikkontribwixxi, permezz tas-servizz tagħha ta' Tfittix u Salvataġġ (SAR) għas-Sistema Satellitari Internazzjonali għat-Tfittix u s-Salvataġġ (Cospas-Sarsat). Satelliti Galileo se jkunu jistgħu jaqbdun sinjali ta' nar-sinjal ta' emerġenza mitfuħa mill-vapuri, ajruplani jew persuni u jibgħathom lura liċ-ċentri ta' salvataġġ nazzjonali, u b'hekk jippermettu lil dawn tal-aħħar li jsibu l-lok ta' aċċident.

7. Hemm tliet raġunijiet fil-bażi tal-ħolqien ta' Galileo:

- a) politiċi (Galileo hija dikjarazzjoni ta' kapaċità Ewropea indipendenti tal-GNSS);
- b) ekonomiċi (Galileo tqieset bħala vijabbli kummerċjalment u għet iġġustifikata minn tbassir ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali);
- c) teknoloġiċi (Galileo kellu jsir is-sistema ta' navigazzjoni l-aktar sofistikata disponibbli).

8. Il-programm Galileo mill-bidu kien maqsum f'erba' fażijiet (ara t-**Tabella 1**):

- a) definizzjoni teknika;
- b) żvilupp u validazzjoni;
- c) kostruzzjoni;
- d) operazzjoni kummerċjali.

Definizzjoni (1999 – 2002)

9. Il-programm Galileo beda fl-1999, meta l-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għall-fażi ta' definizzjoni⁶. Matul din il-fażi, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-ESA bdew studji tekniċi, studji ta' qabel l-iżvilupp u ta' vijabilità. L-iffinanzjar mill-baġit tal-Komunità Ewropea kien prinċipalment allokat permezz tar-Raba' u l-Ħames Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp⁷. L-iffinanzjar mill-ESA ġie allokat permezz tal-programm tagħha GalileoSat.

10. F'Novembru 2000⁸, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati tal-fażi ta' definizzjoni. Dawn kien fihom proposti konkreti dwar id-definizzjoni tas-sistema, l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji tagħha u l-istruttura amministrattiva tagħha. L-iskeda taż-żmien għall-fażijiet li jmiss tal-programm Galileo ġiet stabbilita b'dan il-mod (ara wkoll it-**Tabella 1**):

- a) il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kellha tkun mill-2001 sal-2005;
- b) il-fażi ta' kostruzzjoni kellha tkun mill-2006 sal-2007;
- c) il-fażi ta' operazzjoni kummerċjali kellha tibda fl-2008.

Il-komunikazzjoni ppjanat li EGNOS isir operattiv fl-2003.

⁶ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1999 dwar l-involviment tal-Ewropa f'ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi ta' navigazzjoni satellitari – fażi ta' definizzjoni Galileo.

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1); id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm qafas tal-Komunità Ewropa għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (l-1998 sal-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

⁸ COM(2000) 750 tat-22 ta' Novembru 2000 – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Dwar Galileo.

Tabella 1 – Fażijiet tal-programm Galileo kif previsti f'Novembru 2000

Fażijiet u objettivi prinċipali	Żmien inizjali	Struttura ta' governanza ¹
<i>Fażi ta' definizzjoni</i> <u>Attivitajiet tekniċi</u> – Studji tekniċi – Pre-żviluppi teknoloġiċi <u>Attivitajiet oħrajn</u> – Preparazzjoni ta' strutturi ta' governanza għall-fażi li jmiss – Studji ta' vijabilità legali u ta' żvilupp tan-negozju – Akkordji internazzjonali	1999-2000	Il-Kummissjoni Ewropea u l-ESA separatament flimkien ma' koordinazzjoni permezz tal-PMB (Bord tal-Ġestjoni tal-Programm), GPO (l-Uffiċċju tal-Programm ta' Galileo) u GISS (Struttura ta' Sostenn Interim ta' Galileo)
<i>Fażi ta' żvilupp u validazzjoni</i> <u>Attivitajiet tekniċi</u> – Definizzjoni dettaljata tas-segmenti tal-ispazju, l-art u tal-utenti – Żvilupp u kostruzzjoni ta' satelliti prototipi u segment minimu tal-art – Validazzjoni "fl-orbita" tas-sistema <u>Attivitajiet oħrajn</u> – Għotjiet tar-riċerka (FP6) – Pjan tal-iżvilupp tan-negozju – Negożjati tal-konċessjoni – Integrazzjoni tal-EGNOS – Akkordji internazzjonali	2001-2005	Il-Kummissjoni Ewropea u l-ESA permezz tal-GJU
<i>Fażi ta' kostruzzjoni</i> <u>Attivitajiet tekniċi</u> – Immuntar u llanċjar tas-satelliti – Stallazzjoni ta' segment komplet ta' art <u>Attivitajiet oħrajn</u> – Żvilupp tan-negozju	2006-2007	L-Awtorità Ewropea ta' Vigilanza tal-GNSS (GSA) + detentur tal-konċessjoni
<i>Fażi kummerċjali operattiva</i> <u>Attivitajiet tekniċi</u> – Tiġdid tas-satelliti – Tħaddim taċ-ċentri – Manutenzjoni <u>Attivitajiet oħrajn</u> – Attivitajiet kummerċjali	2008+	L-Awtorità Ewropea ta' Vigilanza tal-GNSS (GSA) + detentur tal-konċessjoni

¹ L-emendi għall-istruttura ta' ġestjoni ta' Galileo proposti minn komunikazzjonijiet reċenti (2007) tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill mhumix riflessi f'din it-tabella.

11. Fl-istess komunikazzjoni l-Kummissjoni stqarret li studji tal-ispejjeż/benefiċċji juru li Galileo huwa effettiv b'relazzjoni mal-ispejjeż u biżżejjed attraenti biex ineħħi l-bżonn għal aktar finanzjament pubbliku fl-għamla ta' sussidji mill-2007. Is-sistema Galileo kellha tqum total ta'

3.3 biljun euro (ara t-***Tabella 2*** għal analiżi dettaljata). Il-Kummissjoni qieset il-PPP bħala fattur essenzjali għas-suċċess tal-programm Galileo. Il-komunikazzjoni enfasizzat ukoll l-urġenza sabiex tittieħed deċiżjoni politika sabiex il-programm jitkompla fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza f'Diċembru 2000.

12. Kif meħtieġ mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2001, il-Kummissjoni ordnat li jsiru bosta studji ta' pjan ta' negozju għal Galileo. Dawn l-istudji rrakkomandaw mudell ta' 'konċessjoni' tal-PPP⁹. Il-Kunsill ikkonferma l-għażla ta' konċessjoni sabiex jiffinanzja l-fażijiet ta' kostruzzjoni u tħaddim tal-programm Galileo u f'Marzu 2002 ftiehem biex jaħdem sabiex jikseb sehem fl-ispejjeż ta' massimu ta' terz tal-baġit Komunitarju u minimu ta' żewġ terzi tas-settur privat għall-fażi ta' kostruzzjoni.

Żvilupp u validazzjoni taħt il-GJU (2003-2006)

Għan

13. Min-naħa teknika, il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kienet tikkonsisti mill-*iżvilupp teknoloġiku* ta' parti mis-sistema – kostellazzjoni satellitari kbira inizjali ta' żewġ satelliti esperimentali u erba' operattivi, is-segment tal-art assoċjat u s-segmenti tal-utenti għat-testijiet, li jippermettu l-validazzjoni permezz ta' testijiet fl-orbita u testijiet ibbażati fuq l-art (imsejħa wkoll Validazzjoni fl-Orbita tal-IOV). L-ESA kienet responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku permezz tal-programm tagħha GalileoSat.

14. B'mod parallel mal-iżvilupp teknoloġiku, matul il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, il-Kummissjoni ffukat fuq attivitajiet oħrajn bil-mira li tnaqqas il-vojt bejn is-sistema u l-utenti futuri tagħha sabiex tipprepara għall-fażijiet suċċessivi tal-programm permezz tal-iżvilupp tan-negozju u l-mobilizzazzjoni tal-fondi. Żvilupp bikri ta' segmenti tal-utenti kien meqjus bħala essenzjali għall-użu

⁹ Tip DBFO(fassal-ibni-iffinanzja-ħaddem) ta' PPP fejn il-parti privata tirkupra l-ispejjeż billi titlob ħlas mingħand l-utenti jew pagamenti ta' disponibiltà.

sussegwenti tas-sistema Galileo jekk kellu jiġi ġġenerat dñul dirett. Għalhekk, il-Kummissjoni mmirat l-involvement tas-settur privat permezz ta' PPP. Barra dan, il-fok kien fuq l-iffinanzjar ta' attivitajiet tal-RTD permezz tas-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka (FP6)¹⁰ sabiex jiġi sostnut kemm l-iżvilupp teknoloġiku u kif ukoll l-iżvilupp tan-negozju u sabiex EGNOS jintuża bħala programm prekursor biex jipprepara s-suq għal Galileo. EGNOS se jwassal servizzi reġjonali simili għal tlieta mill-ħames servizzi futuri ta' Galileo – OS, SoL u SAR (ara l-Kaxxa 1).

L-Impriża Konġunta Galileo – il-mezz ta' ġestjoni għall-fażi tal-iżvilupp u l-validazzjoni

15. Il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kellha tiġi ġestita mill-GJU, struttura dedikata stabbilita mill-Kummissjoni u mill-ESA wara approvazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-ESA. Id-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill biex ikompli bis-sħiħ bl-iżvilupp u l-validazzjoni ma ttiġiditx qabel Marzu 2002¹¹, 15-il xahar aktar tard milli mistenni. Dan id-dewmien kien ikkawżat minn negozjati twal fost l-Istati Membri tal-UE dwar l-użu tas-sistema għal għanijiet militari u l-iffinanzjar u l-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-programm. Il-GJU twaqqfet mir-regolament tal-KE f'Mejju 2002¹² ¹³, l-Att ta' Twaqqif tagħha ġie ffirmat f'Ġunju 2003 u saret operattiva f'Settembru 2003.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

¹¹ Approvazzjoni preliminari għal xi attivitajiet ingħatat f'April 2001.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

¹³ L-Artikolu 171 tat-Trattat tal-KE: "Il-Komunità tista' toħloq impriżi komuni jew kull struttura oħra neċessarja għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni Komunitarji."

16. Ir-raġuni prinċipali għall-istabbiliment tal-GJU kienet il-bżonn għal bażi ta' koordinazzjoni bejn l-ESA u l-Kummissjoni. Kien hemm bosta raġunijiet oħrajn¹⁴, bħall-bżonn li l-programm jiġi ġestit permezz ta' entità singola u l-kapaċità li jiġu attirati fondi privati għall-iżvilupp u l-validazzjoni. Iżda, minkejja li s-settur privat indika li kien lest jikkontribwixxi sa 200 miljun euro għall-fażi ta' żvilupp u l-validazzjoni¹⁵ billi ffirmat Memorandum ta' Fehma, din l-intenzjoni qatt ma mmaterjalizzat.

17. Kif stabbilit mill-Istatuti tagħha, il-GJU kellha :

- a) tissorvelja l-attivitajiet tal-programm Galileo kollha ppjanati għall-fażi ta' żvilupp u validazzjoni;
- b) tagħmel kwalunkwe aġġustamenti neċessarji fid-dawl ta' żviluppi li jsejtnu matul il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni;
- c) tipprepara għall-fażijiet ta' kostruzzjoni u l-fażijiet operattivi.

18. Il-kompiti prinċipali tal-GJU, skont l-Istatuti tagħha kienu :

- a) il-ġestjoni tal-proċeduri għas-sejħa tal-offerti li jirriżultaw fil-konklużjoni ta' ftehim ta' konċessjoni;
- b) is-sorveljanza tal-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku tal-ESA;
- c) il-bidu u ġestjoni tal-attivitajiet ta' riċerka;
- d) l-integrazzjoni tal-EGNOS f'Galileo.

19. Fil-bidu, l-GJU kienet tikkonsisti biss fiż-żewġ membri fundaturi tagħha, l-ESA u l-Kummissjoni. L-Ċentru Nazzjonali tar-Remote Sensing taċ-Ċina

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 876/2002; Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2001; COM(2001) 336 tal-20 ta' Ġunju 2001 – Proposta għal Regolament tal-Kunsill fuq it-twaqqif ta' Impriża Konġunta Galileo.


¹⁵ Billi 13 tar-Regolament (KE) Nru 876/2002.

(NRSCC) ingħaqad mal-GJU f'Ottubru 2004, u f'Settembru 2005 ġie segwit mill-kumpanija Iżraeljana MATIMOP (ara l-**Anness III**). L-istruttura ta' governanza tal-GJU hija ppreżentata fil-**Figura 2**.

Finanzjar

20. Waqt il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, il-fondi tal-UE (minn TEN-T¹⁶ u I-FP6) twasslu permezz tal-GJU filwaqt li l-ESA kkofinanzjat lil Galileo mill-programmi tagħha GalileoSat u ARTES (il-**Figura 1**). Mill-1999 sal-2007, il-fondi allokatil lil Galileo ammontaw għal 1,94 biljun euro.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti tal-għajnuna Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1); id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp ta' network tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1), kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 1346/2001/KE (ĠU L 185, 6.7.2001, p. 1).

Figura 1 – Fażi ta' żvilupp u validazzjoni ta' Galileo – Moviment ta' Fondi (1999-2007)¹

¹ Il-kontribuzzjonijiet Ċiniżi u Iżraeljani kienu jikkonsistu f'kontribuzzjoni lejn il-kapital ta' bażi tal-GJU (5 miljun u 4 miljun euro rispettivament) u kontribuzzjoni biex tintuża sabiex tiffinanzja l-attivitajiet tal-industrija nazzjonali tagħhom stess (permezz ta' kuntratti mal-ESA). Din tal-aħħar ma kinitx mobilizzata bis-siġġ.

Sors: Stimi tal-QEA.

Progress

21. F'Ottubru 2004, il-Kummissjoni bagħtet komunikazzjoni dwar il-progress tal-programm lill-Parlament u lill-Kunsill¹⁷. Din il-komunikazzjoni wittiet t-triq għal-

¹⁷ COM(2004) 636 finali Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – It-tressiq għall-fażijiet ta' skjerament u ta' utilizzazzjoni tal-programm Ewropew ta' navigazzjoni ir-radju permezz tas-satellita.

laqgħa tal-Kunsill tat-Trasport f'Diċembru 2004, li fiha ġie deċiż li tiġi mċaqalqa l-fażi ta' kostruzzjoni tal-programm. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx skeda taż-żmien aġġornata. F'dak iż-żmien l-iżvilupp teknoloġiku akkumula ttardjar ta' madwar tliet snin.

22. Il-komunikazzjoni kienet tgħid li l-GJU kienet lestiet b'suċċess il-proċedura tal-għażla ta' detenturi tal-konċessjoni futuri. Iżda, il-fażi tal-għażla tal-konċessjoni kienet għadha kif ġiet estiża sa tmiem Jannar 2005. Barra dan, fi Frar 2005, il-GJU ma għażlitx offerent favorit bejn żewġ konsorzji kandidati¹⁸. Minflok, l-offerenti proponew li jingħaqdu f'konsorzju magħqud, li l-GJU qablet miegħu f'Ġunju 2005, u għamlet offerta konġunta.

23. Bejn Lulju u Diċembru 2005, kemm in-negozjati għall-konċessjoni u kif ukoll l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku twaqqfu minħabba intervenzjoni minn xi Stati Membri. Id-disakkordju bejn l-Istati Membri ffoka fuq il-kompożizzjoni tal-konsorzju magħqud li kellu jitfa' offerta għall-kuntratt ta' konċessjoni u l-lok taċ-ċentri ta' attività tas-sistema, l-infrastruttura tal-art u l-kwartieri ġenerali. Permezz tal-medjazzjoni¹⁹, intlaħaq qbil f'Diċembru 2005. In-negozjati mal-konsorzju magħqud fil-fatt bdew f'Jannar 2006.

24. Fit-28 ta' Diċembru 2005, l-ewwel satellita sperimentali, imsejħa GIOVE-A, ġiet illanċjata b'suċċess, b'hekk assigurat aċċess għall-frekwenzi ta' Galileo allokatu mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet.

25. F'Ġunju 2006²⁰, il-Kummissjoni ħarġet skeda ta' żmien aġġornata għall-Galileo²¹. Il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni issa għandha tkompli sa kmieni fl-

¹⁸ Il-konsorzji Eurely u iNavsat. It-tielet konsorzju magħżul minn qabel immexxi mill-Eutelsat irtira mill-fażi tal-għażla fis-sajf tal-2004.

¹⁹ F'Ottubru tal-2005, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea ħatar eks-Kummissarju Ewropew bħala medjatur – Stqarrija għall-Istampa IP/05/1345.

²⁰ COM(2006) 272 tas-7 ta' Ġunju 2006 – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Il-progress fil-programm Galileo.

2009, u kostruzzjoni sseħħ fl-2009 u fl-2010 (bidla ta' tliet snin b'paragun mal-iskeda ta' żmien tal-bidu). Din il-komunikazzjoni espandiet ukoll il-baġit għall-fażi ta' żvilupp u validazzjoni għal 1,5 biljun euro (400 miljun euro aktar mill-baġit tal-bidu). Dwar in-negozjati tal-konċessjoni, il-Kummissjoni qalet li huwa ċar li s-soluzzjoni ta' konċessjoni tixraq l-aktar għall-karatteristiċi speċifiċi tal-programm. [...] Sa tmiem l-2006, l-istima tal-ispejjeż u d-dħul u l-kontribuzzjoni tas-settur pubbliku se jkunu ġew finalizzati. Barra dan, il-pjan finanzjarju se jiġi kkonfermat u t-termini prinċipali tal-kuntratt se jiġu ffissati.

26. F'Novembru 2006, in-negozjaturi mill-GJU u l-konsorzju magħqud għamlu l-inizjali tagħhom fuq it-Termini Prinċipali Galileo PPP (HoT) v.1, l-ewwel abbozz ta' dikjarazzjoni mhux kontrattwali li torbot. B'dan id-dokument il-GJU resqet l-aktar qrib għal ftehim ta' konċessjoni.

L-iżvilupp u l-validazzjoni wara l-GJU (mill-2006)

27. Fi tmiem l-2006, il-GJU kkunsidrat li kienet ikkonkludiet b'suċċess il-kompiti prinċipali²². Il-GJU ġiet stralċata fi tmiem Diċembru 2006²³ u l-attivitajiet tagħha ġew trasferiti lill-Awtorità Ewropea ta' Vigilancia tal-GNSS (GSA), li ġiet stabbilita f'Lulju 2004 sabiex iġġesti l-aspetti ta' interess pubbliku tal-programmi Ewropej tal-GNSS u biex tkun l-awtorità regolatorja għall-programmi waqt il-

²¹ L-ewwel darba li l-Kummissjoni ħarġet din l-iskeda kien fin-nota lill-edituri tal-Istqarrija għall-Istampa IP/05/1345 dd. Il-25 ta' Ottubru 2005.

²² Stqarrija għall-istampa tal-GJU tat-30 ta' Novembru 2006 – il-pass li jmiss fil-Programm Galileo; Trasferiment tal-ġestjoni mill-Impriża Konġunta Galileo lill-Awtorità Ewropea ta' Vigilancia tal-GNSS.

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi ta' tmexxija tal-programmi Ewropej tar-radju-navigazzjoni bis-satellita (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 18); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1943/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 876/2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 21).

fażijiet ta' kostruzzjoni u operattivi ta' Galileo²⁴. Dan it-trasferiment tal-attività rriżulta f'bidla fir-rwol tal-GSA, li ma kienx previst meta nħolqot.

28. In-negozjati tal-konċessjoni mal-konsorzju magħqud waqfu kmieni fl-2007. F'komunikazzjoni ta' Mejju 2007²⁵, il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet li EGNOS u Galileo kienu akkumulaw dewmien sostanzjali (ħames snin b'relazzjoni mal-iskeda ta' żmien inizjali) u spejjeż żejda. Fl-2007, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea²⁶ iddeċieda li jerġa' jindirizza l-programm: is-sistema issa għandha tiġi kostruwita sal-2013 b'iffinanzjar sħiħ mill-baġit tal-Komunità (ara t-**Tabella 2**), u bl-ESA fir-rwol ta' aġent delegat għax-xiri. Abbażi ta' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolament dwar aktar implimentazzjoni tal-programmi tal-GNSS²⁷. Fl-1 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għall-espressjonijiet ta' interess għax-xiri tal-infrastruttura għas-sistema Galileo, taħt sitt intestaturi (sostenn tas-sistema, segment tal-missjoni tal-art, segment tal-kontroll tal-art, segment tal-ispazju (satelliti), servizzi tal-illanċjar u operazzjonijiet). Wara għażla minn qabel ta' kandidati xierqa, ġew irċevuti proposti preliminari fi tmiem l-2008. Il-proċess ta' djalogu kompetittiv huwa mistenni li jiġi ffinalizzat matul l-2009.

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi ta' tmexxija tal-programmi Ewropej tar-radju-navigazzjoni bis-satellita (ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1).

²⁵ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Galileo f'salib it-toroq : l-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej tal-GNSS, SEC(2007) 624, is-16 ta' Mejju 2007.

²⁶ Ir-Riżoluzzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 sat-8 ta' Ġunju, l-1 sat-2 ta' Ottubru u d-29 sat-30 ta' Novembru 2007.

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar aktar implimentazzjoni tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni satellitari (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

Tabella 2 – Stimi tal-ispejjeż ta' Galileo

	Stima tal-ispejjeż oriġinali f' miljun euro (COM(2000) 750)	Stima aġġornata tal-ispejjeż f' miljun euro (COM(2007) 261 u dokumenti tal-ESA)
Fażi ta' definizzjoni	80	80
Fażi ta' żvilupp u validazzjoni	1 100	2 100
Kostruzzjoni	2 150	3 400
Total	3 330 <i>(li minnhom 1 800 miljun jiġġarrbu mis-settur pubbliku)¹</i>	5 580 <i>(kollha jiġġarrbu mis-settur pubbliku)²</i>

¹ Spejjeż annwali operattivi, li jinkludu s-sostituzzjoni tal-kostellazzjoni, ġew stmati li huma 220 miljun euro.

² Pagamenti ta' disponibilità (parti fissa) għall-ispejjeż operattivi, manutenzjoni u l-kopertura tal-interessi fuq id-dejn sal-2030 huma stmati li huma 5 300 miljun euro.

29. Fil-komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2007 il-Kummissjoni analizzat il-falliment tan-negozjati ta' konċessjoni f'dettall kbir. Dan id-dokument immira li jiċċara t-triq biex il-programm jerġa' jiġi indirizzat. Fid-dawl ta' dan, jagħti ħarsa mhux eżawrjenti ta' xi raġunijiet għall-falliment. Huwa jindirizza l-fatt li s-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar iż-żmien, il-baġit u t-trasferiment tar-riskju tas-suq u r-riskju ta' tfassil setgħu kienu ottimisti. Il-komunikazzjoni tindirizza wkoll kwestjonijiet bħall-governanza pubblika, il-governanza tas-settur privat u l-fatt li l-interessi nazzjonali tal-Istati Membri ddominaw fuq il-miri strateġiċi fuq tul ta' żmien twil tal-programm. Iżda ma tindirizzax kwestjonijiet bħall-preparazzjoni tal-PPP (inklużi l-ħin u l-kapaċitajiet) u rappurtar, fatturi li huma elaborati aktar fid-dettall f'dan ir-rapport.

L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

30. Il-Qorti wettqet verifika tal-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni ta' Galileo billi eżaminat:

- a) liema fatturi kienu responsabbli għall-falliment tal-proċess ta' konċessjoni;
- b) liema fatturi kienu responsabbli għad-dewmien irrapportat u l-ispejjeż żejda tal-iżvilupp teknoloġiku;
- c) sa liema punt l-infiq fuq l-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp kien ta' benefiċċju għall-programm Galileo;
- d) il-GJU kemm integrat tajjeb lil EGNOS ġo Galileo;
- e) jekk il-programm Galileo kienx iggvernat tajjeb.

31. Il-verifika indirizzat il-perijodu li waqtu l-GJU ġestiet il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (Settembru 2003 sa Diċembru 2006), billi b'mod partikolari ffukat fuq il-mandat tagħha, il-proċess biex tistabbilixxi u l-ġestjoni tal-kompiti tagħha. Ix-xogħol tal-verifika twettaq matul l-2007 u l-2008. Il-Qorti segwiet l-iżvilupp tal-programm, inkluż l-indirizz mill-ġdid tiegħu, sa l-aħħar tal-2008.

32. Il-Qorti ġabret evidenza tal-verifika permezz ta' reviżjonijiet tal-fajls u intervisti fil-GJU, fil-Kummissjoni u fl-ESA, u permezz ta' intervisti ma' partijiet interessati oħrajn ta' Galileo bħal rappreżentanti ta' Stati Membri, il-GSA (l-Autorità ta' Vigilancia tal-GNSS), benefiċjarji ta' proġetti tar-riċerka, rappreżentanti tal-industrija spazjali Ewropea, kumpaniji li jagħmlu l-offerti għall-konċessjoni, u konsulenti kkontrattati mill-GJU.

33. Sabiex tevalwa l-kwalità tal-ġestjoni tal-GJU tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, il-Qorti wettqet sfiżjarriġ fost 482 benefiċjarju ta' proġett wieħed jew aktar tar-riċerka ffinanzjati taħt il-prijorità tematika tal-FP6 "l-Ajronawtika u l-ispace".

OSSERVAZZJONIJIET

34. Is-sejbiet tal-verifika li ġejjin ikopru l-kompiti differenti tal-GJU waqt il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (il-paragrafi 35 sa 65) kif ukoll kwestjonijiet relatati mal-governanza tas-settur pubbliku (il-paragrafi 66 sa 74). Kull taqsima tiddekrivi fid-dettall l-oġettivi tal-GJU u tużhom bħala standards għar-riżultati tagħha. Imbagħad, il-Qorti tevalwa r-raġunijiet li minħabba fihom il-GJU naqset milli tikseb il-parti l-kbira tal-oġettivi tagħha. Fejn huwa rilevanti, l-esperjenza miksuba minn programmi, proġetti jew organizzazzjonijiet eżistenti intużat bħala standard. F'każijiet oħrajn intużaw prinċipji ġeneralment aċċettati tal-ġestjoni tal-proġetti. B'mod partikolari għall-paragrafi 35 sa 42, il-Qorti użat ukoll sett ta' kriterji dedotti mill-aħjar Prattika fl-istabbiliment tal-PPPs²⁸ (ara l-**Anness V** għal ħarsa dettaljata ta' din l-analiżi).

Il-falliment tan-negozjati tal-konċessjoni

Objettiv

35. Il-kompitu l-aktar importanti tal-GJU kien li tinnegozja PPP li s-settur privat seta' jinvesti taħtu, bi sħab mal-Kummissjoni Ewropea, fil-ħolqien u l-użu tal-infrastruttura ta' Galileo. Inizjalment kien mistenni li detentur tal-konċessjoni (il-kumpaniji privati kkonċernati) jinħatar qabel tmiem l-2004, li l-GJU tikkonkludi n-negozjati fl-2005 u li l-GSA tagħti l-kuntratt ta' konċessjoni sa tmiem l-2005.

Riżultati

36. Kif kien ippjanat, il-GJU bdiet il-proċess ta' konċessjoni f'fażijiet (qabel l-għażla, l-għażla, in-negozjazzjoni). Hija ħarġet sett inizjali ta' dokumenti ta' sejħa għall-offerti f'April 2004, u wara organizzat proċedura ta' djalogu

²⁸ Linji gwida tal-INTOSAI dwar l-Aqwa Prattika għall-Verifika tal-Finanzi u Konċessjonijiet Pubbliċi/Privati (reveduti) – Novembru 2007.

kompetittiv u tat lill-offerenti abbozz ta' kuntratt ta' konċessjoni u l-kriterji tal-evalwazzjoni.

37. Il-GJU ma kinitx kapaċi tagħżel offerent favorit, la f'Ottubru 2004, u lanqas wara li l-fażi ta' għażla ġiet estiża, fi Frar 2005. In-negożjati ma bdewx ħlief f'Jannar 2006, wara li l-offerenti ngħaqdu f'konsorzju wieħed.

38. L-iskadenza biex jingħata l-kuntratt ta' konċessjoni ġiet posposta darbtejn, minn Diċembru 2005 għal Diċembru 2006, u mbagħad għal Diċembru 2007. Kmieni fl-2007, il-Kummissjoni u l-GSA ddeċidew li jikkancelaw in-negożjati.

Raġunijiet għall-falliment

39. Il-PPP ma ġietx ippreparata u maħsuba b'mod adegwat. Riżultat ta' dan, il-GJU kienet meħtieġa tinnegożja PPP li kienet irrealistika.

Preparazzjoni

40. Hemm esperjenza konsiderevoli ta' proġetti tal-PPP fi Stati Membri u f'pajjiżi terzi. L-esperjenza tindika li l-prattika t-tajba tinkludi l-elementi li ġejjin.

- a) Preparazzjoni xierqa: is-settur pubbliku għandu jiddefinixxi biċ-ċar il-ħtiġijiet tal-proġett, jevalwa l-kapaċitajiet tas-settur privat, jevalwa l-benefiċċji potenzjali, jeżamina mezzi alternattivi sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu, jinvestiga l-allokazzjoni xierqa tar-riskju, jikkunsidra għandux il-mezzi finanzjarji u l-valur għall-flus previst u jstabbilixxi każ ta' negożju. L-għażla ta' tip ta' PPP għandha tkun ippreċeduta minn evalwazzjoni xierqa tar-riskju;
- b) Biżżejjed żmien: l-esperjenza ta' organizzazzjonijiet oħrajn²⁹ tissuġġerixxi li definizzjoni ta' approċċ tal-PPP b'saħħtu u pożizzjonijiet tas-settur pubbliku tiegħu aktar minn sena, anke f'każ ta' proġetti tal-PPP li huma inqas kumplessi minn Galileo;

- c) Riżorsi tal-ġestjoni xierqa: il-ġestjoni ta' proġett tal-PPP teħtieġ tim dedikat b'ħiliet xierqa, miġjuba flimkien fi żmien propizju;
- d) Żamma ta' kompetizzjoni effettiva;
- e) Reviżjoni regolari ta' proġett tal-PPP kontinwu sabiex ikun assigurat li dan ikompli jagħti valur għall-flus.

41. Għadd minn dawn l-aqwa prattiċi ma ġewx osservati mill-Kummissjoni waqt il-fażi preparatorja tal-PPP ta' Galileo³⁰:

- a) Preparazzjoni xierqa: Minkejja l-fatt li wettqet diversi studji, il-Kummissjoni ma investigatx l-akkwist pubbliku tradizzjonali u apparat li jqabbel il-prodott tas-settur pubbliku qatt ma nbena³¹. Barra dan, il-Kummissjoni ma investigatx minn qabel kif ir-riskju jista' jiġi realistikament allokat bejn is-setturi pubbliċi u privati; f'liema stadju tal-proġett jew fir-rigward ta' liema parti mill-attivitajiet ta' Galileo PPP aktarx tirnexxi; jew il-benefiċċji relattivi ta' mudelli ta' PPP differenti³². Il-Kummissjoni pproponiet, u l-Kunsill adotta, PPP għall-fażijiet ta' kostruzzjoni u operattivi ta' Galileo sabiex jinkiseb qbil politiku. Billi eżaminat il-possibilità għal investiment tas-settur pubbliku u privat permezz ta' diversi studji, il-Kummissjoni għażlet 'konċessjoni' għall-PPP (ara l-paragrafu 12). Id-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni ddefiniet il-karatteristiċi ta' konċessjoni, iżda b'argumenti bbażati fuq dikjarazzjonijiet ġenerali minflok fuq raġjunar speċifiku għal Galileo, u skeda ta' żmien

²⁹ Prattiċi tal-PPP/PFI fir-Renju Unit.

³⁰ Ħarsa dettaljata tal-kriterji użati għall-verifika tal-ġestjoni tas-settur pubbliku tal-proċess ta' konċessjoni ta' Galileo, flimkien ma' sommarju tal-evalwazzjoni ta' kull kriterju qegħdin fl-**Anness IV**.

³¹ Apparat li jqabbel il-prodotti tas-settur pubbliku huwa stima ta' kemm ikun jiswa proġett li kieku jintużaw metodi ta' akkwist tradizzjonali. Dan huwa użat sabiex jgħin fid-determinazzjoni dwar jekk l-iffinanzjar privat joffrix valur għall-flus aħjar mill-akkwist tradizzjonali.

³² Il-mudell ta' Impriża Konġunta u l-mudell ta' konċessjoni biss ġew investigati.

ambizzjuża għet proposta għall-akkwist. Għalkemm diversi riskji u diffikultajiet li jridu jintegħlbu għew identifikati fl-istadju preparatorju³³, il-Kummissjoni ma evalwatx biċ-ċar kif dawn jistgħu jeffettwaw il-vijabilità tal-offerta jew kif is-settur pubbliku jista jitrattom b'mod effettiv.

- b) Biżżejjed żmien: Minħabba l-iskeda ta' żmien ambizzjuża, li skontha kellha tirrapporta lill-Kunsill ta' Trasport f'Diċembru 2004, il-Kummissjoni ma tatx biżżejjeż żmien³⁴ lill-GJU biex tiddefinixxi approċċ għall-konċessjoni. Diversi offerenti esprimew ukoll tħassib li ma kienx hemm biżżejjed ħin disponibbli biex jippreparaw pjan ta' negozju kredibbli matul il-proċedura ta' djalogu kompetittiv. Konsegwenza ta' dan, id-dokumentazzjoni inizjali għassejħa għall-offerti tal-GJU ma ffissatx objettivi speċifiċi. B'mod partikolari, naqset milli tindirizza l-aktar diffikultajiet inerenti fil-mudell ta' konċessjoni. Dan irriżulta f'offerti mill-industrija li ma kienx fihom ipprezzar jew impenji sodi, u li kienu kwalifikati b'tant kundizzjonijiet u limitazzjonijiet li kienu bażi insuffiċjenti għal paragun u evalwazzjoni. Minħabba l-istess raġuni, il-GJU ma kelliex kriterji ta' evalwazzjoni b'saħħithom għal evalwazzjoni komparattiva tal-offerti rċevuti. L-ewwel dikjarazzjoni ċara tal-pożizzjoni tas-settur pubbliku dwar għadd ta' kwestjonijiet importanti għal Galileo kienet it-'Termini Prinċipali' miftehma mal-offerenti fi tmiem l-2006.
- c) Riżorsi tal-ġesjoni xierqa: il-GJU kienet organizzazzjoni ġdida, bi stabbiliment legali ġdid, tim iffurmat reċentement, kap ġdid u bla ebda esperjenza preċedenti fin-negozjati tal-konċessjoni. Sa Settembru 2004 il-konsulenti esterni ma għewx avviċinati (jiġifieri wara li nħarġu d-dokumenti ta' sejħa tal-offerti u l-fażi inizjali tad-djalogu kompetittiv).

³³ Diversi limitazzjonijiet għew enfasizzati għal PPP, bħal inċertezza tad-dħul (riskju tas-suq), riskji teknoloġiċi, interdipendenzi bejn fażijiet ta' żvilupp u kostruzzjoni (riskju ta' tfassil), u konċentrazzjoni industrijali fis-settur tal-manifattura tal-ispazju.

³⁴ Il-GJU ħarġet l-ewwel sett ta' dokumentazzjoni tas-sejħiet għall-offerti tmien xhur wara li bdiet topera.

- d) Żamma ta' kompetizzjoni: mill-ħarifa tal-2004 lil hinn, kien hemm żewġ konsorzji industrijali jikkompetu. F'Mejju 2005 huma pproponew li jgħaqqdu l-forzi biex jippreżentaw offerta waħda. Il-GJU qablet mal-għaqda b'ċerti kundizzjonijiet³⁵ u bit-tama li tikseb valur akbar għall-flus. Fin-nuqqas ta' apparat li jqabbel il-prodotti tas-settur pubbliku, kwalunkwe element kompetittiv fil-proċedura intilef.
- e) Reviżjoni regolari: is-settur pubbliku għandu jirrevedi regolarment proġett tal-PPP kontinwu biex jassigura li jkompli joffri valur għall-flus. Għalkemm ir-rapporti tal-GJU li jevalwaw il-konċessjoni identifikaw ħafna riskji u problemi³⁶, ir-rappurtar tagħha dwar il-progress tal-programm kien eċċessivament pożittiv. Fid-dikjarazzjonijiet uffiċjali regolari qatt ma qajmet dubju dwar il-vijabilità ta' konċessjoni, imma kull sena, sempliċiment ipposponiet l-iskadenza għal 12-il xahar ieħor sabiex tagħti l-kuntratt. Konsegwenza ta' dan, daww l-Istati Membri, li kienu jserrġu fuq il-GJU, ma kellhomx informazzjoni biżżejjed biex abbażi tagħha jitolbu azzjoni korrettiva (ara wkoll il-paragrafu 74(f)).

L-għażla tal-mudell ta' PPP

42. L-għażla ta' PPP fl-għamla ta' konċessjoni kienet proposta mill-Kummissjoni u l-Kunsill iddeċieda dwarha bħala qbil politiku bejn l-Istati Membri. Il-konċessjoni tal-PPP li l-GJU kienet meħtieġa tinnegozja, ibbażata fuq sehem fl-ispejjeż ta' massimu ta' terz minn konċessjonijiet pubbliċi u minimu ta' żewġ

³⁵ Konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-swieq pubbliċi u l-kompetizzjoni, skeda ta' żmien riġida, titjib sostanzjali fl-offerti fir-rigward ta' offerti individwali preċedenti u impenn mill-konsorzju magħqud dwar struttura legali komuni u adegwata.

³⁶ Rapporti ta' evalwazzjoni ta' Ottubru 2004, Frar 2005 u Ġunju 2005.

terzi mill-konċessjonijiet privati, kienet sostanzjalment differenti, f'ħafna aspetti, minn kwalunkwe PPP eżistenti dak iż-żmien³⁷:

- a) Galileo għandu livell għoli ta' riskju teknoloġiku. Huwa jikkompreni kostellazzjoni ta' 30 satellita medja fl-orbita mad-dinja b'komponenti ġodda (b'hal tip ġdid ta' arloġġi atomiċi) li s'issa għadhom ma ġewx ittestjati fl-ispazju.
- b) Huwa diffiċli li l-ġenerazzjoni tad-dħul tiġi prevista peress li sinjali miftuħa tal-GPS huma disponibbli b'xejn. Mudell ta' sfruttar għad irid jiġi definit.
- c) Il-konċessjoni ta' Galileo kellha tibda wara minflok qabel it-tfassil tas-sistema u l-iżvilupp parzjali tal-infrastruttura mis-settur pubbliku. Filwaqt li kienet simili ħafna tat-tip ta' konċessjoni DBFO (fassal-ibni-iffinanzja-ħaddem), il-PPP ta' Galileo kienet tassew differenti fir-rigward tal-fatt li d-detentur privat tal-konċessjoni kien mistenni li jikkommetti ruħu li jibni, jiffinanzja u jopera sistema ġdida li kienet ġiet ikkonċeputa u mgħoddija mis-settur pubbliku (il-Kaxxa 2).

³⁷ Proġetti tal-infrastruttura tradizzjonali tal-PPP għandhom x'jaqsmu pereżempju mal-mini u t-toroq. Il-PPP l-aktar paragonabbli, Paradigm / Skynet (Sistema tat-telekomunikazzjonijiet tad-difiża tar-Renju Unit), iżda huwa differenti minn Galileo f'bosta modi: għandu riskju teknoloġiku aktar baxx, il-Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit jirrappreżenta sors ċert ta' dħul bażiku, reġistru eżistenti tal-prestazzjoni tal-operazzjonijiet huwa disponibbli u l-proġett huwa mmexxi minn sponsor uniku b'esperjenza fil-PPP (Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit).

Kaxxa 2 – Ir-riskji prinċipali tal-konċessjoni

It-tliet fatturi prinċipali qabel in-negozjati tal-konċessjoni kienu t-trasferiment mis-settur pubbliku lejn is-settur privat tar-riskju tas-suq, ir-riskju tat-tfassil u r-reġim tal-impenji tal-parti terza.

Għat-trasferiment tar-riskju tas-suq, kien hemm il-bżonn li tinkiseb kunfidenza li d-dħul mis-suq seta' jinkiseb skont xenarju bażiku miftiehem ta' żvilupp tas-suq. Iżda, l-inċertezza fis-suq, il-prosett li d-dħul qiegħed 'il bogħod fil-ġejjieni u r-rwol prinċipali antiċipat tas-settur pubbliku fl-iżvilupp tas-suq għamel it-trasferiment tar-riskju lis-settur privat diffiċli.

Għat-trasferiment tar-riskju ta' tfassil, kien hemm bżonn ta' assigurazzjoni li t-tfassil (ippreparat mill-ESA waqt il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni) ma kellux problemi inerenti li jistgħu jirriżultaw f'sistema ħażina jew bi prestazzjoni baxxa (li d-detentur tal-konċessjoni jkun responsabbli għalih waqt l-operazzjoni). Kien diffiċli li dan ir-riskju jiġi trasferit, mhux biss minħabba l-kumplessità teknika tat-tfassil ta' Galileo u l-prodotti mistennija mid-detentur tal-konċessjoni waqt il-fażi operattiva, imma wkoll minħabba d-diviżjoni tad-doveri bejn, min-naħa t-tfassil u l-iżvilupp (l-ESA) u, min-naħa l-oħra, il-konstruzzjoni, l-operat u ż-żamma (id-detentur tal-konċessjoni).

Ir-reġim ta' impenji tal-parti terza jikkonċerna passivi extra-kontrattwali lejn vittmi potenzjali tal-fallimenti ta' Galileo, li m'hemm l-ebda mudell legali speċifiku jew ta' assigurazzjoni disponibbli għalihom.

Attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku ttardjati u jeċċedu l-baġit

Objettiv

43. It-tieni kompit u mill-erbgħa kompit prinċipali tal-GJU kien is-sorveljanza tal-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku tal-ESA sabiex tassigura li biżżejjed satelliti u installazzjonijiet ta' segment tal-art inbnew u saru operattivi sabiex turi l-kapaċità u l-affidabilità tas-sistema, kollha fiż-żmien u l-baġit ippjanat (ara l-paragrafu 13).

Riżultati

44. Minn Diċembru 2006, satellita sperimentali waħda biss (GIOVE-A) kienet operattiva u kien irnexxielha tassigura filings ta' frekwenza għal Galileo mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet. It-tieni satellita sperimentali (GIOVE-B) ġiet illanċjata f'April 2008, 30 xahar aktar tard minn dak illi ġie ppjanat oriġinalment. L-iskeda kurrenti³⁸ għandha l-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tispiċċa fl-2010 – ħames snin wara. Skont l-istimi tal-ispejjeż prodotti mill-ESA f'Lulju 2008³⁹, l-iżvilupp u l-validazzjoni se jkunu 1 biljun euro aktar mill-baġit inizjali ta' 1,1 biljun euro (ara t-**Tabella 3**).

Tabella 3 – Paragun tal-istimi tal-baġit għall-2001 u l-2008 għall-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (f'miljun euro – prezzijiet tal-2001)

<i>Attività</i>	<i>Stima inizjali tal-baġit</i>	<i>Stima tal-baġit ta' Lulju 2008</i>
Test Bed tas-Sistema Galileo (GSTB-V2)	85	173
Mezzi ta' lanċjar	90	224
Validazzjoni fl-Orbita (IOV)	747	1 253
Spiża tal-ESA	110	303
Oħrajn	68	151
Total	1 100	2 104

Sors: QEA.

Ir-raġunijiet għal dewmien u spejjeż żejda

45. Il-kompitu tal-GJU li tissorvelja l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku ġie limitat b'mod serju minn kwestjonijiet ta' governanza, baġit inkomplet, dewmien u l-organizzazzjoni industrijali tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni.

46. Il-GJU ngħatat il-kompitu li tissorvelja l-iżvilupp teknoloġiku, imma dan il-kompitu ma ġiex definit aktar fil-fond. Fil-prattika, l-ESA kienet taħdem mingħajr sorveljanza mill-GJU iżda skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess. Ir-rwol ta'

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008.

³⁹ L-istimi ġew aġġornati qabel fi Frar 2005 u f'Mejju 2007.

sorveljanza tal-GJU fir-rigward tal-ESA ma kienx jaqbel mal-istruttura ta' governanza tagħha. Dan ikompli jiġi trattat bħala kwestjoni ta' governanza fil-paragrafi 66 sa 74.

47. Il-*baġit ta' Galileo* għall-iżvilupp u l-validazzjoni, kif ippreżentat lill-Kunsill⁴⁰, kien *inkomplet*. Ma kienx fih ebda baġit jew riżerva ta' kontinġenza esplicita⁴¹. B'1,1 biljun euro, kien aktar baxx mill-istimi tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-fażi ta' definizzjoni. Barra dan, ma saret l-ebda konċessjoni għall-kontribuzzjoni finanzjarja ta' 50 miljun euro mill-Kummissjoni lill-GJU, u rekwiżiti ta' sigurtà (120 miljun euro) ma ġewx imdañħla⁴². Il-ħtiġijiet ta' riżorsi u l-ispejjeż kollha ta' proġett għandhom jiġu stabbiliti fl-istadju tal-ippjanar, inkluż, fejn hemm bżonn, baġits ta' bidla u ta' kontinġenza. L-esperjenza ta' organizzazzjonijiet oħrajn tissuġġerixxi li programmi spazjali tipikament għandhom bżonn baġit ta' kontinġenza ta' bejn 10 % u 40 %, skont il-kumplessità tal-programm, il-grad ta' innovazzjoni u l-għadd tal-affarijiet mhux magħrufa.

48. Il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni ma bdietx ħlief f'Mejju 2003, *29 xahar aktar tard milli ppjanat* (ara l-paragrafu 15). Skont il-kalkoli tal-ESA, ikkonfermati mill-GJU, madwar 142 miljun euro fi spejjeż żejda jistgħu jiġu attribwiti lil dan id-dewmien⁴³.

⁴⁰ COM(2000) 750 tat-22 ta' Novembru 2000.

⁴¹ Dwar il-parteċipazzjoni tal-ESA fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (li hija nofs il-baġit totali) tapplika konċessjoni ta' kontinġenza *de facto* ta' 20 %: jekk l-eċċess kumulattiv tal-ispejjeż huwa inqas minn 20 % tal-envelop finanzjarju tal-programm, l-ebda Stat Membru mhu permess jirtira mill-programm.

⁴² Ħtiġijiet tas-sigurtà ġew ikkunsidrati tard wisq fil-programm: fl-2004 il-Bord ta' Sigurtà ta' Galileo ħabbar ħtiġijiet addizzjonali b'valur stmat ta' 120 miljun euro fi spejjeż żejda. L-1000 talba għall-bidla li rriżultaw kellhom konsegwenzi kbar fuq il-linja ta' bażi teknika u b'dal-mod fuq attivitajiet ta' żvilupp kontinwi.

⁴³ Dan it-total jikkomprendi: (a) 41 miljun euro biex tiġi żviluppata t-tieni satellita għat-testijiet sabiex jitnaqqas ir-riskju li jiġu assigurati filings ta' frekwenza qabel Ġunju 2006, peress li kien hemm riskju kbir wisq b'satellita waħda biss; (b) 15-il miljun euro għal żvilupp addizzjonali ta' payload; (c) 40 miljun euro fi spejjeż żejda mġarrba mill-ESA għall-bidla prinċipali fl-iskeda; (d) 46 miljun euro fi spejjeż

49. L-*organizzazzjoni industrijali* tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, ikkaratterizzata minn stabbiliment speċifiku bbażat fuq kuntrattur prinċipali *ad hoc*, *wasslet għal dewmien u spejjeż żejda*. Ambjent kompetittiv huwa mistenni li jkun ta' benefiċċju għall-kisba tar-riżultati fil-ħin u fit-termini tal-baġit. FI-2000, inħolqot impriża konġunta ta' kumpaniji Ewropej 'il quddiem fil-qasam spazjali⁴⁴ sabiex taġixxi bħala mexxej prinċipali industrijali sabiex tiżviluppa u twassal l-infrastruttura ta' Galileo. F'ambjent oligopolistiku bħall-industrija spazjali Ewropea, il-ħolqien ta' impriża konġunta kompliet naqqset il-kompetizzjoni. L-ESA ma kellha l-ebda għażla ħlief li tpoġġi diversi kuntratti ma' din l-impriża konġunta bejn Lulju 2001 u Diċembru 2004. Diversi kuntratti ġarrbu dewmien u spejjeż żejda sinifikanti. Skont ir-rapporti tal-ESA, dawn il-problemi kellhom jiġu attribwiti lil ġestjoni problematika, nuqqas ta' ċarezza fir-rappurtar u l-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-fatt li l-għażla tas-sottokuntratturi kienet motivata minn limitazzjonijiet industrijali ta' distribuzzjoni imposti minnha stess minflok mill-effiċjenza tal-ispejjeż u tal-iskeda. Riżultat tal-problemi serji fl-implimentazzjoni tal-kuntratt prinċipali tal-fażi tal-iżvilupp u l-validazzjoni, f'Diċembru 2007 l-ESA ddeċidiet li tbiddel b'mod sostanzjali l-*organizzazzjoni industrijali* tal-IOV u l-qafas kuntrattwali. L-ESA ħadet f'idejha l-kompiti u r-responsabilitajiet ġenerali tal-kuntrattur prinċipali. Din ir-riorganizzazzjoni se tfisser li l-ispejjeż addizzjonali⁴⁵ huma mġarrba waqt il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni. Skont l-estimi tal-ESA, din se tinkludi 350 miljun euro għall-qafas industrijali revedut u 194 miljun euro għall-ispejjeż tal-ESA⁴⁶.

ta' impjegati żejda għall-industrija minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi li qegħdin jinbidlu.

⁴⁴ Il-lok u l-funzjonijiet tal-kwartieri ġenerali, l-istruttura ta' ġestjoni tal-kumpanija u l-allokazzjoni ta' pakketti ta' xogħol lill-varji sottokuntratturi kienu s-suġġett ta' ftehim bejn il-gvernijiet differenti.

⁴⁵ Inkluż l-għeluq tal-kuntratt tal-IOV.

⁴⁶ Estensjoni tal-kopertura tal-IOV sal-2010 u l-preparazzjoni tar-responsabilitajiet tal-akkwist għal kapaċità operattiva sħiħa (FOC).

50. Il-*waqfien tan-negozjati ta' konċessjoni* fit-tieni nofs tal-2005

(ara l-paragrafu 23) effettwa wkoll l-iżvilupp teknoloġiku: il-programm kien ittardjat b'erba' xhur u nofs, u spejjeż żejda ta' 103 miljun euro jistgħu jiġu attribwiti lil dan id-dewmien u lill-implimentazzjoni tal-ftehim tal-5 ta' Diċembru 2005⁴⁷.

L-attivitajiet tal-RTD ta' utilità limitata

Objettiv

51. Il-tielet komputu tal-GJU⁴⁸ kien li tibda u għesti l-attivitajiet ta' riċerka neċessarji biex isostnu l-kisba tal-kompiti u l-objettivi prinċipali tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni ta' Galileo (jiġifieri l-iżvilupp teknoloġiku u żvilupp bikri ta' segmenti tal-utenti – ara wkoll il-paragrafi 13 u 14).

Riżultati

52. Bejn Settembru 2003 u Diċembru 2006 il-GJU għażlet, innegozjat u ssorveljat total ta' 70 proġett tar-riċerka b'valur ta' 110 miljun euro u ffinanzjati mill-FP6 permezz ta' diversi sejñiet għall-proposti. L-attivitajiet iffukaw fuq l-iżvilupp tas-segment tal-utenti, li kien jikkonsisti fit-tneġġig ta' servizzi innovattivi u applikazzjonijiet ta' teknoloġija xierqa (riċevituri, komponenti lokali), u żvilupp fis-suq f'komunitajiet ta' utenti differenti. Attivitajiet ta' RTD inkludew ukoll xi żvilupp teknoloġiku tas-sistema Galileo u attivitajiet ta' dimostrazzjoni tal-EGNOS.

⁴⁷ L-imsieħba fil-konsorzju magħqud qablu li jstabbilixxu żewġ Ċentri ta' Kontroll Galileo (GCC) magħmula minn GMS (Segment Missjoni tal-Art) u GCS (Segment Kontroll mill-Art), imma li jimplimentaw il-GCC permezz ta' GMS ibbażat fil-Ġermanja u GCS ibbażat l-Italja, minflok ikollhom GCC operattiv u wieħed bħala back-up. Għe miftiehem ukoll li jiġi stabbilit tielet GMS f'cold back-up mode u t-tielet GCS.

⁴⁸ Il-Kummissjoni tat dan il-mandat lil GJU fil-programm ta' xogħol tagħha tal-FP6 tad-9 ta' Diċembru 2002 (priorità tematika 1.4: "l-Ajronawtika u l-ispazju"). Dan ġie tradott fi tliet kuntratti annwali ta' Azzjoni ta' Support Speċifiku mal-GJU.

53. Il-verifika wriet⁴⁹ li l-GJU kienet ġeneralment meqjusa bħala struttura effiċjenti għall-implimentazzjoni tal-qasam Galileo tal-programm ta' xogħol tal-FP6⁵⁰. Il-proġetti ta' riċerka qajmu interess u kuxjenza fil-komunitajiet tal-utenti u rnexxilhom iressqu lejn xulxin organizzazzjonijiet u partijiet interessati differenti. Iżda l-użu finali tal-attivitajiet tal-RTD għall-programm Galileo huwa limitat. Il-GJU ma sfruttatx biżżejjed ir-riżultati tal-proġett biex tifformola sett koerenti ta' rekwiżiti validati mill-utenti li jistgħu jkun ta' użu għall-ESA bħala l-bażi għall-ispeċifikazzjoni tas-sistema Galileo. Għadd kbir ta' proġetti kkonsistew f'analiżi dettaljata tal-isforzi regolatorji kemm fil-livell tal-UE u tal-Istat Membru biex iħeġġu l-applikazzjonijiet tal-GNSS f'għadd kbir ta' setturi ekonomiċi u soċjali. L-ebda segwitu ma ngħata lir-riżultati ta' dawn il-proġetti.

Ir-raġunijiet għal utilità limitata

54. Ir-raġunijiet għall-utilità limitata tar-riżultati tal-RTD ta' Galileo huma: waqfien, l-FP6 ma kienx xieraq biex jiffinanzja attivitajiet ta' żvilupp tas-suq, in-nuqqas ta' approċċ komprensiv ta' żvilupp tas-suq u dewmien.

55. Meta l-Kummissjoni pproponiet l-istralċar tal-GJU, hija kellha l-intenzjoni li tassigura l-*kontinwità* tal-programm billi għamlet trasferiment bla xkiel tal-attivitajiet lil GSA⁵¹. Iżda, it-trasferiment tal-kompitu tas-sorveljanza ta' aktar minn 50 proġett mill-GJU lill-GSA wassal għal dewmien u kkawża problemi

⁴⁹ Speċjalment permezz tal-istħarriġ u intervisti mal-parteċipanti tal-FP6.

⁵⁰ Ir-riżultati tal-istħarriġ wrew ħarsa ġenerali pożittiva tal-ġestjoni tal-GJU, speċjalment fl-oqsma li ġejjin: dokumentazzjoni tal-offerta (rendikonti tax-xogħol), ġestjoni tal-kuntratt, sorveljanza u reviżjonijiet. L-oqsma meqjusa li jeħtieġu titjib kienu jinkludu: il-politika ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali u t-tixrid u l-użu tar-riżultati.

⁵¹ COM(2006) 261 – Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar it-twaqqif ta' strutturi għall-ġestjoni tal-programmi Ewropej ta' radju-navigazzjoni bis-satellita, it-2 ta' Ġunju 2006.

f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenn tal-proġett, mas-segwitu tal-proġett, u mat-tixrid tar-riżultati tal-proġett⁵².

56. L-istrument għall-għoti ta' sussidji tal-FP mhux xieraq għall-iffinanzjar ta' attivitajiet ta' żvilupp tas-suq. Għotjiet tal-FP6 (wara sejħa għall-proposti) essenzjalment isegwu approċċ minn isfel għal fuq mingħajr sfruttar ċentralizzat tar-riżultati. Idealment, l-attivitajiet tal-FP6 kellhom ikunu sostnuti mill-konsolidazzjoni tar-riżultati tagħhom f'*approċċ komprensiv ta' żvilupp tas-suq minn fuq għal isfel* fil-livell tal-GJU/GSA (ara wkoll EGNOS – il-paragrafu 65). Mingħajr approċċ proattiv bħal dan, huwa diffiċli li tiġi assicurata l-kontinwità tal-utilità tal-proġetti għall-programm Galileo ladarba jkunu ġew ikkompletati.

57. Ir-riżultati tal-isħarriġ ikkonfermaw ukoll li *d-dewmien kumulattiv tal-programm* (żvilupp teknoloġiku, operazzjonijiet EGNOS u n-negozjati ta' konċessjoni) jolqtu b'mod negattiv kemm it-twertiq tal-proġetti tal-FP6 (pereżempju permezz tal-indisponibilità tas-sinjal EGNOS) u l-isfruttar fil-ġejjieni tar-riżultati tal-proġett (minħabba l-impatt tagħhom fuq negozju tal-GNSS u opportunitajiet ta' żvilupp tar-riċerka).

L-integrazzjoni tal-EGNOS ta' suċċess biss parzjalment

Objettiv

58. Bħala l-prekursur ta' Galileo, EGNOS kellu rwol kruċjali fl-iżvilupp bikri ta' segmenti tal-utenti (ara wkoll il-paragrafu 14). Ir-raba' komputu tal-GJU kien li tissorvelja integrazzjoni aħjar ta' EGNOS f'Galileo (ara n-nota tal-qiegħ 12). Peress li EGNOS u Galileo huma żewġ sistemi sħaħ indipendenti (ara l-***Anness II*** għal paragun dettaljat ta' EGNOS u Galileo), l-integrazzjoni m'għandiex x'taqsam mal-qsim tekniku tal-infrastruttura imma ma' dan li ġej:

⁵² 75 % tal-482 parteċipant fl-isħarriġ irrapportaw impatt negattiv fuq il-proġett(i) tagħhom.

- a) L-integrazzjoni fl-istrutturi ta' governanza u ġestjoni ta' Galileo kienet meqjusa neċessarja sabiex tittratta kwestjonijiet bħal konlużjoni ta' ftehim fost is-sidien tal-EGNOS⁵³, l-integrazzjoni ta' l-iffinanzjar ta' EGNOS u Galileo⁵⁴ u ż-żmien għall-ħatra ta' operatur ekonomiku għall-EGNOS.
- b) Fil-livell tas-suq, l-għan tal-integrazzjoni kien li tipprepara t-triq għall-introduzzjoni ta' Galileo fis-suq, billi l-EGNOS tintuża bħala sistema prekursor, peress li se twassal servizzi reġjonali simili għal tlieta mill-ħames servizzi futuri ta' Galileo.

Riżultati

59. Mil-lat politiku, EGNOS u Galileo ġew integrati f'politika Ewropea singola tal-GNSS. Bl-istess mod, min-naħa finanzjarja, l-iffinanzjar tal-Kummissjoni għall-EGNOS ġie inkorporat fl-iffinanzjar ta' Galileo.

60. Iżda, EGNOS ġarrab dewmien, u l-isfidi prinċipali tal-programm, bħall-iżvilupp tas-suq, iċ-ċertifikazzjoni u r-rwol tal-persuni interessati differenti, baqgħu ma ġewx solvuti:

- a) Sa minn Ottubru 2004 ftehim qafas dwar l-appartenza u l-isfruttar ta' EGNOS kien qiegħed jiġi negozjat. Sa Settembru 2008, kien għad m'hemmx ftehim bħal dan. Is-sinjal OS ta' EGNOS kien teknikament disponibbli sa minn Lulju 2006, imma mingħajr operatur ekonomiku ma jistax jiġi ddikjarat operattiv⁵⁵.

⁵³ Imsejjaħ wkoll il-ftehim ta' qafas EGNOS.

⁵⁴ Dan l-oġġettiv qam minħabba problemi ta' finanzjament li EGNOS beda jiffaċċja f'Jannar 2006.

⁵⁵ Minħabba kwestjonijiet ta' impenji u inċertezza dwar il-futur ta' finanzjament u governanza ta' EGNOS.

- b) Il-pjan ta' penetrazzjoni tas-suq tal-GJU qatt ma ġie implimentat u viżjoni ċertifikabbli ta' EGNOS mhix mistennija sa Marzu 2009, mill-inqas sentejn aktar tard milli kien mistenni⁵⁶.

Ir-raġunijiet għal nuqqas ta' suċċess

61. Is-suċċess tal-GJU biex jikseb ir-raba' objettiv kien imfixkel minn għadd ta' fatturi:

- a) ir-rwol u l-mandat tal-GJU fir-rigward tal-EGNOS ma kienx ċar;
- b) id-deċiżjoni biex EGNOS jiġi integrat f'Galileo kienet ta' detriment għal EGNOS;
- c) il-qafas istituzzjonali ta' EGNOS huwa kumpless ħafna;
- d) il-GJU għamlet sforz wisq żgħir biex tippromwovi l-attivitajiet ta' żvilupp tas-suq.

62. *Ir-rwol u l-mandat tal-GJU fir-rigward ta' EGNOS ma kienx ċar.* L-istatuti tal-GJU jgħidu biss li l-GJU għandha tissorvelja l-integrazzjoni ottimali ta' EGNOS u Galileo. Skont il-Ftehim Tripartitiku⁵⁷, permezz tal-programm tagħha ARTES-9, l-ESA kienet responsabbli mill-iżvilupp tekniku u operattiv ta' EGNOS. Imma dawn it-testi legali ma jagħmlux ċar minn kien il-manijer ġenerali tal-programm EGNOS. *Fin-nuqqas ta' manijer tal-programm*, EGNOS

⁵⁶ Fin-nuqqas ta' objettivi ċari u pjanar għall-EGNOS, din hija biss stima konservattiva.

⁵⁷ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni fl-Ajru dwar kontribuzzjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS), iffirmat fl-1998 (ĠU L 194, 10.7.1998, p. 16).

biċ-ċar ma kellux viżjoni fuq terminu ta' żmien twil⁵⁸, li wassal għal inċertezza, dewmien u spejjeż żejda (l-**Anness II**).

63. Anke jekk id-deċiżjoni biex *EGNOS jiġi integrat fin-negozjati ta' konċessjoni* żgurat finanzjament Komunitarju kontinwu, fl-istess ħin dewwem il-kisba tal-programm EGNOS għax:

- a) dewmien fin-negozjati ta' konċessjoni tefgħu l-iskadenzi tal-iżvilupp tekniku ta' EGNOS lura; u
- b) l-attività kollha marbuta mal-ħatra ta' operatur ekonomiku għal EGNOS twaqqfet minħabba li din kienet ir-responsabilità tad-detentur tal-konċessjoni ta' Galileo.

Barra dan, il-bżonn għall-konklużjoni ta' ftehim qafas għal EGNOS għamel in-negozjati ta' konċessjoni aktar kumplessi.

64. Il-qafas istituzzjonali ta' EGNOS *huwa kumpless ħafna*. Il-varji partijiet finanzjarji interessati f'EGNOS kollha għandhom prioritajiet differenti. Bħala s-sid tal-attivi tal-EGNOS sakemm idum għaddej il-programm ARTES-9, l-ESA tagħxxi f'isem il-pajjiżi b'interess finanzjarju f'dak il-programm. Kwalunkwe trasferiment ta' appartenza jiddependi fuq il-kunsens tagħhom⁵⁹. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda drittijiet ta' appartenza fuq EGNOS, imma permezz tal-GSA, skont ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004, hija għandha ssir is-sid tal-attivi tal-EGNOS. In-nuqqas ta' mandat ċar għall-GJU bħala l-manijer tal-programm EGNOS irriżulta f'dubju dwar jekk il-GJU ingħatatx is-setgħa li tinnegozja ftehim qafas għal EGNOS.

⁵⁸ Pereżempju: impenn finanzjarju ta' tul ta' żmien twil, linji ta' bażi tekniċi stabbli, triq ċara lejn governanza fil-ġejjieni, għoti ta' prijorità lill-oġettivi fir-rigward tal-estensjoni ta' EGNOS barra mill-Ewropa, viżjoni ċara fuq il-komplimentarjetà ta' EGNOS u Galileo.

⁵⁹ Skont l-akkordji bilaterali bejn l-ESA u tmien fornituri tas-servizz nazzjonali tat-traffiku tal-ajru (għestjoni) u aġenziji oħrajn.

65. Barra dan, l-attenzjoni tal-GJU kienet iddominata minn kwestjonijiet istituzzjonali, finanzjarji u ta' koperazzjoni internazzjonali u *ħin u riżorsi limitati ngħataw għall-iżvilupp bikri ta' sett ta' service enablers* għal EGNOS: il-GJU ma sfruttatx ir-riżultati tal-iżviluppi tas-suq tal-FP6 b'mod ċentralizzat (il-paragrafu 56) u ma implimentatx il-pjan ta' penetrazzjoni tas-suq ta' EGNOS.

Governanza inadegwata tas-settur pubbliku

66. It-taqsimiet li ġejjin jiffukaw fuq id-diviżjoni tar-rwoli u dwar kif il-Kummissjoni ssodisfat ir-rwol tagħha bħala promutur prinċipali tal-programm Galileo.

Diviżjoni mhux ċara tal-irwoli

67. Id-diviżjoni tar-rwoli bejn l-entitajiet involuti fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm (l-UE u Stati Membri tal-ESA, il-Kummissjoni, il-GJU u l-ESA) ma kinitx definita b'mod ċar.

68. Il-kapaċità tal-GJU sabiex iġġesti l-programm b'mod effettiv kienet limitata minħabba:

a) L-istruttura ta' governanza tagħha (***il-Figura 2***).

L-Istatuti tal-GJU jagħtuha rwol ta' sorveljanza fir-rigward tax-xogħol ta' żvilupp teknoloġiku li għandu jsir mill-ESA. Iżda, l-ESA kienet kemm membru fundatur tal-GJU (u għalhekk irrappreżentata fuq il-Kumitat Eżekuttiv u l-Bord Amministrattiv) u kif ukoll 'kuntrattur' (li jirċievi l-fondi u responsabbli mill-implimentazzjoni skont il-ftehim bejn l-ESA u l-GJU). Għalhekk, fil-prattika, il-GJU ma kinitx f'pożizzjoni li tissorvelja l-ESA b'mod effettiv minħabba dan il-kunflitt ta' interess għall-ESA u għal-GJU.

b) In-natura temporanja tagħha.

L-għeluq tal-GJU qabel it-tmiem tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni dgħajfet l-awtorità tagħha bħala manager tal-programm⁶⁰.

69. Il-ftehim bejn l-ESA u l-GJU dwar l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (negozjat mill-Kummissjoni qabel ma l-GJU saret operattiva⁶¹) ma kienx speċifiku biżżejjed (mudell aħjar ikunu l-akkordji bejn l-ESA u l-EUMETSAT^{62 63}). Dan wassal għal nuqqas ta' ċarezza dwar ir-regoli li jiggvernaw it-tpoġġija ta' kuntratti⁶⁴, it-trasferiment tal-

⁶⁰ Il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni ta' Mejju 2007 rrikonoxxiet li ż-żmien biex jgħaddu attivitajiet mill-GJU għal għand il-GSA fl-1 ta' Jannar 2007 wera li ma kienx subottimali (...). Il-GSA kienet għadha fil-proċess li tinbena u r-relazzjonijiet tagħha mal-Kummissjoni u l-ESA ma kinux stabbiliti.

⁶¹ Wara adottat formalment mill-Bord Amministrattiv tal-GJU u ffirmat mid-Direttur Eżekuttiv.

⁶² EUMETSAT (l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Isfruttar tas-Satelliti Meteoroloġiċi) hija organizzazzjoni intergovernattiva, maħluqa biex isservi total ta' 21 Membru u disa' Stati li jikkoperaw.

⁶³ L-ESA hija responsabbli għall-iżvilupp tas-segment tal-ispazju tal-programmi EUMETSAT, u EUMETSAT hija responsabbli għas-sistema inġenerali. L-akkordji bejn l-ESA u l-EUMETSAT huma aktar elaborati fuq aspetti bħal:

- il-passiv finanzjarju, il-qasma bejn prezz industrijali u spejjeż tal-ESA, u proċeduri biex jassiguraw li l-limiti tal-passiv finanzjarju huma rrispettati;
- l-użu ta' marġni tal-ġestjoni u proċeduri ta' approvazzjoni;
- it-twaqqif ta' linji ta' komunikazzjoni ċari;
- il-proċeduri ċari biex jittrattaw b'avviżi ta' bidla li mhumix koperti mix-xogħol inizjalment maħsub;
- l-appartenza ta' proprjetà fiżika u intelletwali.

⁶⁴ L-ESA tapplika l-prinċipju ta' "fair-returns" bħala parti mill-politika industrijali tagħha. Fi kliem ieħor, pajjiż li jħallas kontribuzzjoni lill-ESA se jirċievi, f'ċertu marġni, kuntratti tal-industrija ta' valur ekwivalenti għal dik il-kontribuzzjoni. Fit-teorija, dan il-prinċipju japplika biss għal 50 % tal-baġit għall-iżvilupp u l-validazzjoni. Fil-prattika, mhux possibbli li jiġu applikati regoli bħal dawn lil 50 % ta' attività li hija ġestita bħala waħda u mhijiex diviżibbli.

appartenza, ir-rappurtar u l-implimentazzjoni⁶⁵. Il-ftehim ma kienx jikkjarifika r-rwoli tal-atturi differenti. Fl-ispirtu tal-ftehim ta' qafas bejn l-ESA u l-Komunità Ewropea⁶⁶, dawn ir-rwoli kellhom ikunu kumplimentarji: l-ESA bħala korp tekniku kompetenti, il-Kummissjoni tindirizza d-dimensjoni politika u l-GJU tindirizza r-rekwiżiti tal-utent u ċ-ċertifikazzjoni.


70. L-ESA kienet involuta kemm fil-ġestjoni tal-programm (permezz tal-GJU) u kif ukoll responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku ta' Galileo u ta' EGNOS.

71. Id-diviżjoni mhix ċara tal-irwoli rriżultat f'linji ta' responsabilità mhux ċari. Ħafna mid-deċiżjonijiet dwar Galileo kienu milquta mill-fatt li l-ebda attur (il-Kummissjoni, il-GJU, l-ESA, l-Istati Membri) ma ħa r-responsabilità sħiħa: id-deċiżjoni favur il-fażijiet separati ta' żvilupp u kostruzzjoni, l-għażla ta' PPP, aċċettazzjoni tal-proposta ta' għaqda tal-offerenti, il-ftehim ESA/GJU, ibbaġitjar inkomplet, dewmien fl-iżvilupp teknoloġiku tal-EGNOS u l-organizzazzjoni industrijali tal-IOV.

72. Il-ġestjoni tal-programm saret aktar diffiċli wkoll minħabba interventi minn Stati Membri fil-ġestjoni tal-komponenti tal-programm individwali (il-paragrafi 23 u 49).

⁶⁵ Pereżempju, dwar l-implimentazzjoni u l-iffinanzjar ta' ċerti avviżi ta' bidla, bħall-awtentikazzjoni, l-iskambju tad-dejta, servizz ta' pożizzjonar ta' preċiżjoni għolja u l-ftehim tal-5 ta' Diċembru.

⁶⁶ Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 64).

Figura 2 – Struttura ta' Governanza tal-GJU

Il-GJU kienet iggvernata minn Direttur Eżekuttiv, erba' Bordijiet u Kumitat Eżekuttiv. Il-kwestjonijiet kollha fuq l-aġenda tal-Bord Amministrattiv kienu ppreparati fil-laqqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u l-ewwel ġew diskussi fil-livell tal-Istati Membri tal-UE mill-Bord ta' Sorveljanza u fil-livell tal-Istati Membri tal-ESA fil-PB-Nav (Programme Board dwar Navigazzjoni bis-Satellita). L-ESA u l-Kummissjoni kellhom numru indaqs ta' voti fil-Bord Amministrattiv, li kien jeħtieġ qbil għad-deċiżjonijiet kollha.

Il-programm kien nieqes minn sponsor strateġiku u sorveljatur b'saħħtu

73. Bejn l-1999 u l-2004, il-Kummissjoni ħadet sehem attiv fit-twaqqif inizjali tal-programm. Dewmien u spejjeż żejda bdew jidhru waqt l-2005, iżda sa Marzu 2007 ma ttiġiditx l-ebda azzjoni korrettiva sinifikanti.

74. Matul il-programm kollu, il-Kummissjoni, bħala l-promutur prinċipali tal-programm, ma osservatx għadd ta' prinċipji tal-ġestjoni, bħal:

- a) L-iffissar ta' objettivi ċari, realistiki u aċċettabbli: il-programm għandu objettivi multipli, li rriżultaw f'firxa ta' aspettattivi differenti mill-partijiet

interessati. Barra r-raġunijiet politiċi, ekonomiċi u teknoloġiċi tiegħu (il-paragrafu 7), l-Istati Membri kkunsidraw lil Galileo bħala mezz biex jikkonsolidaw l-industrija spazjali Ewropea. Għal xi Stati Membri, il-possibilità ta' użu militari jew ta' difiża kien objettiv tal-istess importanza. Il-Kummissjoni ma tatx prijetà lill-objettivi tal-programm.

- b) Id-definizzjoni ta' strateġiji xierqa u strumenti biex jiġu segwiti: il-Kummissjoni ma kinitx segwiet viżjoni strateġika fuq tul ta' żmien twil għall-programmi EGNOS u Galileo⁶⁷ imma ffukat fuq objettivi u deċiżjonijiet fuq tul ta' żmien qasir. Dan intwera:
 - i) min-nuqqas ta' roadmap għal EGNOS u Galileo. Kwestjonijiet relatati ma', pereżempju, l-isfruttar fil-ġejjieni tal-mudell għal Galileo u EGNOS, l-implimentazzjoni ta' prijetajiet tas-sistema (eż. liema servizz għandu jiġi implimentat l-ewwel) jew l-iżvilupp ta' swieq tal-avjazzjoni mhux ċivili għal EGNOS għad jonqsu jiġi solvut fi tmiem l-2008;
 - ii) mill-problemi li ltaqgħet magħhom fin-negozjati tal-ftehim qafas għal EGNOS. Bħala parti mill-politika ta' navigazzjoni satellitari Ewropea, il-Kummissjoni pproponiet li tgħaqqad il-programmi EGNOS u Galileo taħt umbrella waħda: il-programmi Ewropej ta' navigazzjoni satellitari. Iżda dan sar mingħajr ftehim minn qabel tal-partijiet interessati l-oħrajn tal-EGNOS (il-paragrafi 5 u 64) u bi ftehim dwar il-komplessità tal-qafas istituzzjonali. Il-GJU (u aktar tard il-GSA) kienet inkarigata milli tinnegozja ftehim bħal dan, imma fi tmiem l-2008 ma kien sar l-ebda progress. Riżultat ta' dan, barra l-kwestjonijiet tekniċi (ġestiti mill-ESA), l-ebda entità ma kellha s-setgħa li tiegħu deċiżjonijiet prinċipali dwar EGNOS u biex tmexxi l-programm;

⁶⁷ Bħall-komplimentarjetà taż-żewġ programmi, mudelli għall-isfruttar fil-ġejjieni ta' EGNOS u Galileo jew l-implimentazzjoni tal-prijetajiet tas-sistema.

- iii) it-tfassib tal-Kummissjoni biex tinnaviga l-programm minn laqgħa tal-Kunsill għall-oħra (ara pereżempju l-paragrafi 21 u 22 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2004).
- c) L-istabbiliment ta' organizzazzjoni futura (permanenti): bejn Lulju 1999 u Diċembru 2006 il-Kummissjoni inkarigat lil sitt strutturi temporanji differenti biex jipprovdu s-sostenn tekniku għall-ġestjoni tal-programm Galileo jew mill-kompitu ta' ġestjoni nnifsu. Il-GJU kienet il-ħames inizjattiva bħal din. Bħala organizzazzjoni flessibbli u dedikata b'attitudni intraprenditorjali, setgħet tkun maniġer tal-programm effettiv. Iżda, il-pożizzjoni tagħha għet imdgħajfa min-natura temporanja tagħha⁶⁸, l-istruttura ta' governanza tagħha (il-**Figura 2**) u n-nuqqas ta' kapacià tagħha.
- d) Il-ġabra tal-ħiliet xierqa biex jitwettqu l-komponenti tal-programm kollha ġestiti u sorveljati mis-settur pubbliku: meta għet stabbilità l-GJU, il-Kummissjoni ma tatx biżżejjed każ għall-fatt li kienet organizzazzjoni ġdida u li ma kelliex biżżejjed esperjenza u kapacià biex twettaq il-kompiti tagħha (ara wkoll il-paragrafu 41(c)).
- e) Provvediment għall-ġestjoni tar-riskju: meta beda l-programm, il-Kummissjoni ma indirizzatx b'mod xieraq ir-riskji relatati mal-konċessjoni ta' Galileo (eż. ir-riskju tas-suq, ir-riskju ta' tfassil u r-riskju teknoloġiku) (ara wkoll il-paragrafu 41(a) u l-Kaxxa 2) u għalhekk nediet il-proċess ta' konċessjoni mingħajr il-preparazzjoni neċessarja.
- f) It-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ħin dwar il-karatteristiċi kollha tal-programm: il-Kummissjoni ma rreveditx jew ma ssorveljatx biżżejjed b'mod kritiku r-rapporti ta' progress. Il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni b'mod konsistenti kellhom it-ton pożittiv tad-dikjarazzjonijiet uffiċjali tal-GJU. Konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ma talbitx jew ma ħaditx azzjoni

⁶⁸ Anke qabel il-GJU saret operattiva, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-GSA bħala s-suċċessur (COM(2003) 471 finali tal-31 ta' Lulju 2003).

korrettiva sinifikanti sa Marzu 2007, anke jekk l-iskadenza tal-konċessjoni ġiet posposta annwalment għal 12-il xahar ieħor.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

75. Il-ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni kienet inadegwata. Il-programm Galileo Itaqa' ma' problemi f'livelli differenti:

- a) Il-GJU ma kinitx maniġer tal-programm b'saħħtu u lanqas ma ġie assenjat korp ieħor għal dan l-irwol. Ma ssodisfatx il-parti l-kbira tal-oġġettivi tagħha – pero' minħabba fatturi li fil-biċċa l-kbira kienu barra mill-kontroll tal-GJU.
- b) Il-programm ma kellux sponsor strateġiku u sorveljatur b'saħħtu: il-Kummissjoni ma mexxitx il-programm b'mod proattiv, u ħallietu mingħajr tmunier. Il-ġestjoni tal-programm sofriet minn għadd ta' nuqqasijiet: nuqqas ta' oġġettivi realistiċi, strateġija u ħiliet xierqa, xogħol preparatorju insuffiċjenti; u ħin twil ta' reazzjoni qabel ma ttieħdet azzjoni korrettiva.
- c) Minħabba l-aspettattivi differenti tagħhom tal-programm, l-Istati Membri intervenew fl-interess tal-industriji nazzjonali tagħhom u żammew id-deċiżjonijiet milli jittieħdu. Il-kompromessi li rriżultaw wasslu għal problemi ta' implimentazzjoni, dewmien u, lejn l-aħħar, għal spejjeż żejda.

Liema fatturi kienu responsabbli għall-falliment tal-proċess ta' konċessjoni?

76. Il-PPP ma ġietx ippreparata u maħsuba b'mod xieraq. Riżultat ta' dan, il-GJU kienet meħtieġa tinnegozja PPP li kienet irrealistika (il-paragrafi 35 sa 42).

Liema fatturi kienu responsabbli għad-dewmien irrapportat u l-ispejjeż żejda tal-iżvilupp teknoloġiku?

77. Il-kompitu tal-GJU li tissorvelja l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku kien limitat serjament minn kwestjonijiet ta' governanza, baġit inkomplet, dewmien u organizzazzjoni industrijali tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni (il-paragrafi 43 sa 50).

Sa liema punt l-infiq fuq l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp kien ta' benefiċċju għall-programm Galileo?

78. Ir-riżultati tal-RTD kienu ta' utilità limitata minħabba diskontinwazzjonijiet, l-inadegwatezza tal-FP6 għall-iffinanzjar ta' attivitajiet tal-iżvilupp tas-suq, in-nuqqas ta' approċċ komprensiv għall-iżvilupp tas-suq u dewmien (il-paragrafi 51 sa 57).

Il-GJU kemm integrat sewwa l-EGNOS ġo Galileo?

79. L-integrazzjoni ta' EGNOS ġo Galileo kienet ta' suċċess biss parzjalment għax il-mandat tal-GJU ma kienx ċar, id-deċiżjoni biex EGNOS jiġi inkluż fin-negożjati ta' konċessjoni dewmet il-kisba tal-programm EGNOS, il-qafas istituzzjonali ta' EGNOS ma kienx ċar u l-GJU ftit għamlet sforz biex tippromwovi l-iżvilupp tal-EGNOS (il-paragrafi 58 sa 65).

Il-programm Galileo kien iggvernat b'mod xieraq?

80. Il-governanza tal-programm kienet inadegwata. Id-diviżjoni tar-rwoli bejn l-entitajiet involuti fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm (l-Istati Membri tal-UE u tal-ESA, il-Kummissjoni, il-GJU u l-ESA) ma kinitx definita b'mod ċar. Il-Kummissjoni ma tatx direzzjoni xierqa fl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' Galileo (il-paragrafi 66 sa 74).

Lezzjonijiet għall-futur

81. L-organizzazzjoni tal-programm Galileo nbidlet b'mod konsiderevoli mill-2007. Iżda bosta mill-lezzjonijiet mitgħallma mill-GJU huma rilevanti kemm għall-programm Galileo li għadu għaddej u kif ukoll sabiex ikomplu jiżviluppaw entitajiet konġunti u programmi industrijali possibbli.

82. Il-Kummissjoni pproponiet lilha nfisha bħala *manager tal-programm*, rwol ta' sfida li għalih ftit għandha esperjenza. Filwaqt li din tista' tkun soluzzjoni espedjenti għal żmien qasir, il-Kummissjoni għandha tqis jekk dan hux l-

arranġament l-aktar xieraq fuq tul ta' żmien twil. Il-Qorti għandha r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

Rakkomandazzjoni 1

Sabiex tikseb l-awtorità bħala l-maniġer tal-programm, il-Kummissjoni għandha tadatta r-riżorsi tagħha u l-istrumenti legali u finanzjarji tagħha għall-ispeċifikitajiet tal-iżvilupp u l-ġestjoni ta' programm industrijali:

- a) il-kwantità u l-kapaċità tar-riżorsi umani tagħha għandhom ikunu proporzjonati mal-kompitu tagħha bħala maniġer tal-programm;
- b) għandu jiġi stabbilit qafas ta' koperazzjoni xieraq bejn l-UE u l-ESA;
- c) il-Kummissjoni għandha tassicura li għandha l-istrumenti finanzjarji biex tiffinanzja l-infrastruttura (b'mod ieħor milli għotjiet) u tikkommetti ruħha biex iġġarrab l-ispejjeż annwali tal-operat u riforniment ta' din l-infrastruttura fuq żmien twil;
- d) il-governanza tal-programm għandha tkun tali li tippermetti l-maniġer tal-programm li jwettaq il-kompitu tiegħu b'mod koerenti (jiddefinixxi aspettattivi, jagħti poteri u jivverifika l-prestazzjoni).

83. Galileo jeħtieġ direzzjoni ċara biex ikun ta' suċċess. Deċiżjonijiet dwar il-futur tiegħu ma jistgħux jittieħdu mill-Kummissjoni waħedha imma direzzjoni ċara hija essenzjali.

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni għandha tiċċara urġentement l-oġettivi politiċi tal-programm u tittraduċihom f'oġettivi strateġiċi u operattivi li jipprovdu lil Galileo b'roadmap solida minn issa sa wara l-kostruzzjoni sħiħa. Pereżempju:

- a) Kif għandha tiġi pożizzjonata bħala sistema kummerċjali Galileo? Hija meħtieġa li finanzjarjament ma tagħmilx la telf u lanqas qligħ jew se teħtieġ sostenn kontinwu mis-settur pubbliku? Hija dwar il-ġenerazzjoni kemm jista' jkun kbira tad-dħul jew dwar benefiċċji makroekonomiċi kemm jista' jkun kbar u sservi l-katina ta' valur sħiħa ta' Galileo permezz ta' servizzi u oġġetti ġenerati mill-applikazzjonijiet tagħha?
- b) Kif se jirrelataw ma' xulxin EGNOS u Galileo ladarba Galileo jsir kompletament operattiv? Se jeżistu flimkien u għaldaqstant jassiguraw provvista utli imma żejda tas-servizz, jew EGNOS se jiżżarma?

84. Il-falliment tan-negożjati ta' konċessjoni ma jimplikax li m'hemmx bażi għal konċessjoni ta' Galileo fil-ġejjieni. Imma kwalunkwe attentati fil-ġejjieni biex jiġi involut l-iffinanzjar privat għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni aktar realistika ta' dak li jista' jiġi promoss u jekk fil-verità hemmx lok għal PPP. Ta' min jinnota li jeżistu mudelli ta' sfruttar ta' suċċess għal proġetti ta' satelliti internazzjonali oħrajn, bħal Inmarsat, Intelsat, Eutelsat jew Eumetsat.

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha tiegħu biżżejjed ħin biex tipprepara l-fażi operattiva kummerċjali, titgħalliem mill-aħjar prattika fl-Istati Membri, tikkunsidra varji mudelli għal inizzjattiva tas-settur privat u tiegħu inkonsiderazzjoni esperjenza fis-setturi paragunabbli.

85. Skont id-deċiżjoni ta' kif Galileo għandu jiġi pożizzjonat bħala sistema kummerċjali (ara r-rakkomandazzjoni 2), l-Unjoni Ewropea jew se jkollha tneġġeġ żvilupp bikri tas-suq tad-dħul ta' Galileo/EGNOS (biex tiġġenera dħul

dirett biex tpaċi l-ispejjeż) jew inkella se jkollha taċċetta li tiffinanzja l-ispejjeż potenzjali totali ta' Galileo (potenzjalment 10 biljun euro tul l-20 sena li ġejjin). Fl-ewwel każ, għandu jinħoloq qafas xieraq għall-utenti.

Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-kwestjonijiet li ġejjin huma indirizzati:

- a) analiżi, konsolidazzjoni u validazzjoni ta' rekwiżiti tal-utenti rilevanti u stabbli;
- b) żvilupp ta' azzjonijiet li jippermettu (bħall-qafas legali u regolatorju neċessarju);
- c) il-promozzjoni ta' EGNOS bħala vetrina għal Galileo, billi s-servizz SoL ta' EGNOS jiġi ċċertifikat u l-mudelli ta' sfruttar ta' EGNOS u Galileo jsiru kompatibbli;
- d) żvilupp ta' politika ta' prezzar jew mudell ta' dħul ċari u kompatibbli għas-servizzi ta' Galileo u EGNOS, u politika ta' impenji ta' parti terza.

86. Minn dak iż-żmien il-Kummissjoni ħolqot intrapriżi konġunti oħrajn (SESAR, ITER u diversi Inizjattivi Konġunti Teknoloġiċi (JTIs)). L-esperjenza ta' Galileo tissuġġerixxi li l-approċċ għal dawn l-intrapriżi ġodda għandu jkun ippjanat sewwa u realistiku.

Rakkomandazzjoni 5

Għal kwalunkwe intrapriża konġunti futuri u programmi industrijali li l-UE tiddeċiedi li tidħol fihom, il-Kummissjoni għandha:

- a) tassigura li hemm raġunijiet ċari u interessanti għall-ħolqien ta' intrapriża konġunta;
- b) tassigura li l-għażliet realistiki dwar koperazzjoni mas-settur privat ġew ikkunsidrati b'mod xieraq;
- c) tistinka sabiex tistabbilixxi struttura ta' governanza li ma tfixkilx il-ġestjoni tajba tal-programm mill-intrapriża konġunta.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-14 ta' Mejju 2009.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da Silva Caldeira
President

L-AĠENZIJA SPAZJALI EWROPEA

L-ESA hija organizzazzjoni intergovernattiva, maħluqa fl-għamla preżenti tagħha fl-1975 mill-għaqda taż-żewġ aġenziji eżistenti, ELDO (Organizzazzjoni Ewropea għall-Iżvilupp tal-Varar) u ESRO (Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Spazjali). L-ESA għandha 18-il Stat Membru: L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit. Il-korpi nazzjonali responsabbli mill-ispazju f'dawn il-pajjiżi għandhom siġġu fil-Kunsill li jgverna l-ESA.

L-għan tal-ESA huwa li ttiprovdi u ttipromwovi, għal raġunijiet esklussivament paċifiċi, il-koperazzjoni bejn l-Istati Ewropej fir-riċerka u t-teknoloġija spazjali u l-applikazzjonijiet spazjali tagħhom, bil-għan li jintużaw għal raġunijiet xjentifiċi u għal sistemi ta' applikazzjonijiet spazjali operattivi.

L-attivitajiet tal-ESA jaqgħu f'żewġ kategoriji – 'obbligatorji' u 'mhux obligatorji'. Programmi mwettqa taħt il-Baġit Ġenerali u l-baġit tal-Programm Xjentifiku huma 'obbligatorji'; huma jinkludu l-attivitajiet bażiċi tal-Aġenzija (studji fuq proġetti futuri, riċerka teknoloġika, investimenti tekniċi kondiviżi, sistemi tal-informazzjoni u programmi ta' taħriġ). L-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għal dawn il-programmi fuq skala bbażata fuq il-PGD tagħhom. Il-programmi l-oħrajn, magħrufa bħala 'mhux obligatorji', jinvolvu inqas Stati Membri u dawn huma ħielsa li jiddeċiedu dwar il-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom. Kemm ARTES-9 u kif ukoll GalileoSat mhumieq programmi obligatorji. L-infiq tal-baġit tal-ESA għall-2006 ammonta għal kważi 3 biljun euro.

L-ESA u l-Komunità Ewropea huma organizzazzjonijiet indipendenti minn xulxin. Huma għandhom Stati Membri differenti u huma ggvernati minn regoli u proċeduri differenti. L-ESA mhix marbuta bir-regolamenti tal-UE.

Ftehim Qafas bejn l-ESA u l-Komunità Ewropea (fis-seħħ minn Mejju 2004) jifformalizza l-koperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Il-Politika Spazjali Ewropea, iffirmata f'Mejju 2007, tgħaqqad l-approċċ tal-ESA ma' daww tal-Istati Membri tal-UE individwali u toħloq, għall-ewwel darba, qafas politiku komuni għall-attivitajiet Spazjali fl-Ewropa.

ANNEX II


FATTI, FIGURI U EŻEMPJI ILLUSTRATTIVI DWAR EGNOS

Paragun bejn EGNOS u Galileo

	EGNOS	Galileo
Rabta ma' GNSSs oħrajn	Iżid is-sinjali tal-GPS u GLONASS	Kompletament indipendenti minn GNSSs oħrajn
Servizzi	3: OS, SoL, SAR	5: OS, CS, PRS, SoL, SAR
Kopertura	Reġjonali (Ewropa)	Globali
Segment tal-ispazju	3 apparati li jirċievu sinjal tar-radju u awtomatikament jittrasmettu sinjal ieħor differenti fuq satelliti ġeostazzjonarji (GEO) fl-orbita bi 36 000 km	30 satelliti medja fl-orbita mad-dinja (MEO) fl-orbita bi 23 000 km
Segment tal-Art	4 MCCs (Ċentri ta' Kontroll tal-Missjoni) 34 RIMS (Stazzjonijiet ta' Monitoraġġ ta' Firxa u Integrità) 6 NLES (Stazzjonijiet ta' Navigazzjoni fuq l-Art)	3 GCCs (Ċentri ta' Kontroll Galileo) 20 GSSs (Stazzjonijiet ta' Sensorjar Galileo) 5 stazzjonijiet up-link S-band 10 stazzjonijiet up-link C-band
Iffinanzjat minn	ESA, il-Kummissjoni Ewropea, Eurocontrol, EOIG, partijiet interessati fil-GJU	ESA, il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċina, L-Iżrael

Sorsi ta' finanzjament tal-EGNOS

Sorsi tal-iffinanzjar EGNOS (total 630 miljun euro, preżżijiet tal-2001)
fondi allokati bejn l-1995 u l-2007



Sors: Stima tal-QEA.

EGNOS kien nieqes minn viżjoni fuq tul ta' żmien twil

L-oġġettivi tal-EGNOS ġew adattati gradwalment matul it-trasformazzjoni tal-programm minn dimostratur għal programm operattiv sħiħ. Kien isofri min-nuqqas ta' strateġija fuq tul ta' żmien twil u impenn politiku. Xi eżempji:

- L-għotjiet ta' EGNOS mill-Kummissjoni Ewropea kienu mħallsa f'ammonti annwali u sistematikament kienu jaslu tard. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-ESA wkoll kienu tard. Xi attivitajiet tal-programm għalhekk kienu ttardjati, u ħolqu inċertezza dwar l-ippjanar tal-kostruzzjoni tal-programm.
- Nofs it-terminu, kienet għalfejn li bdew jinbidlu, standards li bdew jevolvu u ideat ġodda dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-sistema kkawżaw dewmien u spejjeż żejda.
- Minn Settembru 2008, kien għad m'hemmx roadmap għal EGNOS.

- d) Għalkemm is-sinjal OS ta' EGNOS sar disponibbli f'Lulju 2006, f' Settembru 2008 is-sistema kienet għadha ma ġietx iddikjarata operattiva minħabba kwestjonijiet ta' impenji tal-parti terza, inċertezza dwar il-ġejjieni tal-programm f'termini ta' finanzjament u governanza u r-riluttanza tal-Kummissjoni li taċċetta s-sistema teknikament.
- e) Minkejja l-isforzi tal-ESA u l-GJU biex juru l-kapaċitajiet ta' EGNOS barra (eż. fl-Afrika, iċ-Ċina, l-Amerika t'Isfel), m'hemmx strateġija reali biex EGNOS jiġi sostnut barra l-Ewropa.
- f) FI-istruttura organizzattiva tal-GJU, EGNOS ġie assenjat lid-diviżjoni teknika minflok ma ġie trattat bħala programm trans-settorali kompletament ġdid. Sal-2006 il-GJU ma rċevitx il-mezzi finanzjarji mill-Kummissjoni biex tassenjhom fuq studji speċifiċi relatati ma' EGNOS.

KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI FUQ GALILEO

L-UE daħlet f'diversi akkordji internazzjonali marbuta ma' Galileo.

Akkordji ta' koperazzjoni ġew iffirmati mal-Istati Uniti (2004) u mar-Russja (2006) sabiex jassiguraw l-interoperabilità u l-kompatibilità bejn Galileo u GNSSs eżistenti bħall-GPS u GLONASS.

Akkordji ta' koperazzjoni bejn iċ-Ċina (2003) u l-Iżrael (2004), rispettivament, ġabu sħubija mal-GJU tal-NRSCC u l-MATIMOP.

Akkordji ta' koperazzjoni ġenerali ġew iffirmati mal-Ukraina (2005), l-Indja (2005), il-Marokk (2005), u l-Korea t'Isfel (2006) iżda qatt ma wasslu għal parteċipazzjoni konkreta jew sħubija mal-GJU.

L-għan ta' dawn l-akkordji kien biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji teknoloġiċi u politiċi, tiġi promossa u rinfurzata l-kapaċità industrijali u politika, jiġi stimulat l-għoti ta' sistemi ta' applikazzjoni, tingħata penetrazzjoni fis-suq ta' pajjiżi terzi, Galileo jiġi promoss bħala standard internazzjonali u tiġi ppreparata l-bażi għall-installazzjoni ta' komponenti ta' segment terrestri f'reġjuni differenti tad-dinja.

Relazzjonijiet ma' intrapriżi Ċiniżi u Iżraeljani ġarrbu ħsara meta l-GJU ġiet xolta u inqalgħu problemi bit-trasferiment tal-akkordji rilevanti lill-GSA. Diskussjonijiet dwar koperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn bħall-Brażil, il-Messiku, iċ-Ċili, il-Kanada, l-Arġentina u l-Awstralja ma komplewx wara li l-GJU għalqet.

IL-KRITERJI UŻATI MILL-QEA BIEX TEVALWA L-ĠESTJONI TAS-SETTUR PUBBLIKU TAL-PROĊESS TA' KONĊESSJONI TA' GALILEO, FLIMKIEN MA' SOMMARJU TAL-EVALWAZZJONI

Kriterji (ibbażati fuq il-Linji Gwida tal-INTOSAI dwar l-Aqwa Prattika għall-Verifika tal-Finanzi u l-Konċessjonijiet Pubbliċi/Privati)	Il-korp responsabbli	Il-kriterji ġew issodisfati?	Sommarju tal-evalwazzjoni
A. L-ambitu tal-proġett			
A.1 L-għażla tal-proġett			
<i>Il-korp ivverifikat kif ta prijorità lil proġetti potenzjali? Implimenthom f'dak l-ordni ta' prijorità?</i>	Il-Kummissjoni (il-Kunsill)	Ma saritx evalwazzjoni (għażla politika)	Galileo kien proġett uniku u d-deċiżjoni biex jiġi implimentat kienet ta' natura politika. Wara inizjattiva tal-Kummissjoni li bdiet fil-bidu tad-disgħinijiet, il-Kunsill approva l-programm Galileo u ta l-ġestjoni tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea. Sussegwentement, fuq proposta tal-Kummissjoni, u sabiex jingħata bidu għall-fażi ta' żvilupp, ittiegħdet deċiżjoni dwar il-konċessjoni ta' sħubija pubblika-privata bħala qbil politiku bejn l-Istati Membri. Kien maħsub li l-ġestjoni u l-finanzjament tal-fażijiet sussegwenti jużaw dan ix-xenarju. Ara komunikazzjonijiet suċċessivi tal-Kummissjoni, l-istudji tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill mill-1994 sal-2003.
A.2 Id-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-proġett			
<i>Il-korp ivverifikat stqarr il-ħtiġijiet tiegħu b'mod ċar mill-bidu u esprimihom f'termini ta' prodotti u ċċara kwalunkwe limitazzjonijiet partikolari li s-settur privat se jkun soġġett għalihom?</i>	Il-Kummissjoni (il-Kunsill)	Parzjalment	Kif jista' jiġi dedott mix-xogħol preparatorju tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet mittieħda mill-Kunsill, is-settur pubbliku Ewropew stqarr il-ħtiġijiet tiegħu f'termini wesgħin ħafna. Il-konċessjoni proposta suppost kellha tkopri l-iffinanzjar u l-ġestjoni tal-kostruzzjoni u l-operat – inkluż riforniment – tas-sistema Galileo. Għal dak il-għan, id-detentur ta' konċessjoni jakkwista, jillanċja, jopera, jisfrutta u jżomm is-sistema u l-komponenti tagħha waqt il-perijodu ta' konċessjoni sabiex iwassal il-ħames servizzi satellitari Galileo u sabiex iservi l-iżvilupp sussegwenti ta' applikazzjonijiet downstream. Ġie kkunsidrat ukoll li l-ġestjoni ta' EGNOS u l-provvista tas-servizzi tal-EGNOS jiġu inklużi fl-arranġamenti kontrattwali għall-konċessjoni ta' Galileo. Ix-xogħol ta' preparazzjoni tal-Kummissjoni għall-konċessjoni ħalla ħafna inċertezza fuq kwestjonijiet kruċjali, bħall-mudell ta' dħul ta' bażi u t-triq ta' tranżizzjoni bejn il-fażijiet ta' żvilupp u kostruzzjoni. Filwaqt li identifikat fil-qosor xi wħud mil-limitazzjonijiet li jiffaċċja s-settur privat meta jipparteċipa fil-proġett, hija ma ħarġitx bi strateġija tas-settur pubbliku li setgħet tiġi proposta lis-settur privat. Ix-xogħol ta' preparazzjoni tal-Kummissjoni b'dan il-mod naqas milli jipprovdli lis-settur privat bi ħtiġijiet ċari u limitazzjonijiet għall-konċessjoni proposta ta' Galileo.
A.3 Il-kapaċitajiet tas-settur privat			
<i>Il-korp ivverifikat għamel evalwazzjoni preliminari tal-kapaċitajiet tas-settur privat biex iwassal il-ħtiġijiet?</i>	Il-Kummissjoni	Parzjalment	Ix-xogħol ta' preparazzjoni tal-Kummissjoni kkonkluda b'mod pożittiv, minkejja li f'termini wesgħin, dwar il-vijabilità ta' konċessjoni minflok mudell alternattiv ta' impriża konġunta (li ħa l-għamla ta' ishma kapitali fil-GJU). Is-settur privat ġie ġġudikat bħala riluttanti li jipparteċipa u jinvesti f'din tal-aħħar minħabba inċertezza dwar il-qliġh u l-lok għal kunflitti ta' interess fil-fażi ta' żvilupp u validazzjoni. Hija kkonkludiet ukoll b'mod pożittiv li s-settur privat Ewropew kellu l-kapaċitajiet neċessarji li jwassal is-sistema u s-servizzi

			Galileo permezz tal-kapaċità teknika stabbilita tiegħu u l-esperjenza ippruvata tiegħu fl-iffinanzjar u l-ġestjoni ta' proġetti kbar. Iżda, kif intqal f'A.2, il-ħtiġijiet tal-proġett ma kinux ċari biżżejjed. Konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tas-settur privat biex iwassal dawn il-ħtiġijiet baqgħet wisq ġenerali. Il-Kummissjoni għalhekk ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel evalwazzjoni preliminari tal-kapaċitajiet tas-settur privat.
A.4 L-evalwazzjoni ta' benefiċċji potenzjali			
<i>Il-korp ivverifikat wettaq evalwazzjoni preliminari tal-benefiċċji li fittex?</i>	Il-Kummissjoni (il-Kunsill)	Parzjalment	Il-ħsieb wara l-implimentazzjoni ta' Galileo permezz ta' PPP kien jinkludi l-argumenti li ġejjin (cf. il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 1999): finanzjament komplimentari, titjib fit-tfassil tal-proġett, valur għall-flus iġenerali, interess akbar fis-sevizz, importanza ċentrali mogħtija lill-bżonnijiet tal-utenti u ġestjoni aħjar tal-ispejjeż. Studju minnhom imwettaq fuq ordni tal-Kummissjoni pproduċa lista ta' objettivi: tinkiseb kapaċità operattiva sħiħa mill-aktar fis possibbli, idealment sa kmieni fl-2008 sabiex jiġu ssodisfati opportunitajiet fis-suq tal-GNSS, tinkiseb proporzjon sinifikanti tal-ispejjeż ta' kostruzzjoni permezz tal-iffinanzjar privat (b'seħem indikattiv ta' 2/3), jinkiseb valur għall-flus (billi jittejbu kemm jista' jkun is-soluzzjoni u s-sistema teknika, jittejbu kemm jista' jkun il-kompetizzjoni u l-effiċjenza fl-akkwist, jinkiseb grad xieraq ta' trasferiment tar-riskju u jinħolqu inċentivi finanzjarji għall-prestazzjoni), l-involviment tal-industrija Ewropea sabiex tkun tista' tibbenefika mill-kuntratti biex tibni s-sistema u timmanifattura t-tagħmir għall-utenti, l-għoti lis-settur privat tar-responsabilità biex jassigura li l-prestazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ssodisfaw il-ħtiġijiet ta' prestazzjoni tas-suq kif ukoll is-settur pubbliku, tittejjeb kemm jista' jkun il-ġenerazzjoni tad-dħul mis-suq, jitnaqqas il-bżonn għal infiq pubbliku u tinfirex il-kontribuzzjoni pubblika fuq perijodu itwal, u jittejbu kemm jista' jkun l-ispejjeż kollha tal-ħajja permezz tal-introduzzjoni ta' effiċjenzi tas-settur privat. L-istudju rrikonoxxa li proġett b'ammont tant kbir ta' objettivi jkun jeħtieġ kompromessi. Iżda, ix-xogħol ta' preparazzjoni tal-Kummissjoni ma ppreżenta l-ebda kompromessi. Barra dan, dawn l-objettivi ġenerali ma kinux speċifiċi biżżejjed għall-konċessjoni proposta ta' Galileo. Il-Kummissjoni kien imissha għamlet strateġija li tgħid, pereżempju: (i) il-preferenzi tas-settur pubbliku għall-isfruttar kummerċjali ta' Galileo; (ii) l-istrateġija tas-settur pubbliku biex tassigura triq tranżitorja Prattika biex issolvi interdipendenzi bejn il-fażijiet tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni. Elementi bħal dawn setgħu sussegwentement servew bħala kriterji ta' evalwazzjoni u għażla sinifikattivi li kontribwom l-offerti preżentati setgħu jiġu ġġudikati waqt il-proċess kompetittiv tas-sejħa għall-offerti.
A.5 Obiettivi tal-politika usa' (inklużi aspetti regolatorji)			
<i>Il-korp ivverifikat evalwa l-impatt li kwalunkwe obiettivi tal-politika usa' jista' jkollhom fuq il-proġett?</i>	Il-Kummissjoni (il-Kunsill)	Parzjalment	Il-proġett Galileo huwa mdawwar b'kunsiderazzjonijiet strateġiċi (eż. il-potenzjal għal użu militari). L-Istati Membri ma jaqblux bejniethom fuq tali kwestjonijiet. Barra dan, madwar terz tad-dħul potenzjali ta' Galileo huwa mistenni li jiġi mill-użu tal-PRS (servizz pubbliku regolat) pereżempju minn servizzi ta' emerġenza, forzi tas-sigurtà, il-militar. L-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-GNSS jiddependi ħafna fuq miżuri regolatorji li jridu jiġu introdotti kemm fil-livell tal-Istat Membru u kif ukoll tal-UE. Għal darb'oħra terz tad-dħul potenzjali kien meqjus li jiddependi fuq sostenn leġiżlattiv mis-settur pubbliku, li mingħajru s-settur privat ma jistax janticiपा d-dħul. Iżda, il-Kummissjoni ma ppreżentatx pjan biex issaħħaħ iċ-ċansijiet ta' Galileo ta' suċċess permezz ta' miżuri regolatorji.
A.6 L-għażla tal-għamla ta' sħubija l-aktar xierqa			
<i>Il-korp ivverifikat eżamina firxa ta' metodi alternattivi biex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu, bħal akkwist jew privatizzazzjoni tradizzjonali tas-settur pubbliku, qabel ma għażel l-għażla ta' finanzjament u konċessjonijiet pubbliċi/privati?</i>	Il-Kummissjoni (il-Kunsill)	Le	L-akkwist pubbliku tradizzjonali ma ġiex investigat bħala parti mix-xogħol preparatorju tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni llimitat ruħha biex teżamina (i) l-iżvilupp ta' pjan ta' negozju għall-programm Galileo u (ii) l-istruttura xierqa għal PPP. Ix-xogħol ta' preparazzjoni tal-Kummissjoni ppropona PPP fl-għamla ta' mudell ta' konċessjoni minflok mudell ta' imprima konġunta. Kuntrarju għal waħda mir-rakkomandazzjonijiet ta' żewġ studji mwettqa minn PricewaterhouseCoopers (Novembru 2001 u Jannar 2003), l-ebda apparat li jgħabbel il-prodott tas-settur pubbliku ma ġie mibni sussegwentement biex jagħti standard kontra xiex il-benefiċċju ġenerali tal-offerti tas-settur pubbliku għall-PPP jista' jiġi mkejjel, bl-iskop li tittejjeb il-pożizzjoni tan-

			negozjati tas-settur pubbliku.
A.7 L-innovazzjoni			
<i>Il-korp ivverifikat identifika l-ambitu għall-innovazzjoni minn qabel f'oqsma bħat-tfassil u l-konstruzzjoni, l-operat u l-iffinanzjar tal-proġett?</i>	Il-Kummissjoni	Parzjalment	Ix-xogħol preparatorju tal-Kummissjoni rrikonoxxa l-bżonn għall-innovazzjoni fil-konċessjoni ta' Galileo proposta, imma ma identifikax preċiżament fejn jew kif kienet possibbli l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni ma kompliet twettaq ebda xogħol preparatorju ieħor. Fil-bidu tal-proċess ta' għażla tal-konċessjoni, id-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti ħeġġet lill-offerenti biex jipproponu soluzzjonijiet innovattivi billi awtorizzathom jippreżentaw offerti li jvarjaw. Iżda, in-nuqqas ta' rekwiżiti ċari għall-konċessjoni ta' Galileo (ara A.2) għamlitha impossibbli li l-innovazzjoni tiġi kkunsidrata minn qabel waqt il-proċess tal-għażla.
A.8 L-evalwazzjoni tar-riskju			
<i>Il-korp ivverifikat investiga minn qabel l-allokazzjoni xierqa tar-riskji tal-proġett bejn il-partijiet tas-settur pubbliku u tas-settur privat milquta mill-proġett?</i>	Il-Kummissjoni	Le	Ma sar l-ebda eżami tal-allokazzjoni tar-riskju fl-istadju preparatorju. Dan kien ikun possibbli li kieku ħtiġijiet ċari kienu ġew stabbiliti għas-settur privat.
A.9 Biżżejjed mezzi finanzjarji u l-valur għall-flus probabbli			
<i>Qabel ma beda l-proċess ta' akkwist, il-korp ivverifikat ikkunsidra kellux biżżejjed mezzi finanzjarji biex jidħol għall-proġett u l-valur għall-flus li kien se joffri?</i>	Il-Kummissjoni	Le	Għalkemm ir-riskji u d-diffikultajiet li jridu jiġu megħluba qabel tiġi stabbilita konċessjoni mal-imsieħba privati ġew identifikati fl-istadju preparatorju, ma kien hemm ebda evalwazzjoni dwar sa liema punt dawn l-inċertezzijiet jistgħu jeffettwaw il-vijabilità tal-proġett. Il-benefiċċji potenzjali tal-proġett Galileo ġew eżaminati, imma l-argumenti favur u kontra l-approċċ ta' konċessjoni ma ġewx żviluppati bis-sħiħ. Ma ġiex ikkunsidrat kienx hemm il-mezzi biżżejjed u l-valur għall-flus probabbli għall-konċessjoni ta' Galileo qabel ma beda l-proċess ta' akkwist.
A.10 Definizzjoni ta' każ ta' negozju			
<i>Il-korp ivverifikat ipprepara każ ta' negozju xieraq biex isostni d-deċiżjoni biex jinbada l-akkwist tal-proġett?</i>	Il-Kummissjoni	Parzjalment	Fuq talba tal-Kunsill (Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2001), il-Kummissjoni għamlet xi xogħol preparatorju biex issostni l-iżvilupp ta' pjan ta' negozju għall-programm Galileo u tinvestiga mudell xieraq (każ ta' negozju) għall-PPP. Għalkemm dan ix-xogħol iġġustifika l-għajjnuna mis-settur pubbliku, minħabba proporzjoni b'saħħitha bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji, ma ppreżentax biċ-ċar il-merti u l-iżvantaġġi għall-użu ta' mudell ta' konċessjoni.
B. Il-ġestjoni tal-proġett			
B.1 It-tim tal-proġett			
<i>Il-korp ivverifikat ikkunsidra il-ħiliet li jkollu bżonn biex iwassal il-proġett b'suċċess? Minn fejn seta'?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni	Parzjalment	Il-GJU saret operattiva f'Settembru 2003 meta ħadet persunal eżistenti mill-GISS. Ġie rreklutat persunal addizzjonali, imma l-GJU naqset milli tirrekłuta persunal b'esperjenza diretta minn qabel fuq il-ġestjoni tal-proċess tal-istabbiliment tal-PPP u l-konċessjonijiet.

<i>jiksibhom, eż. minn persunal għal-korp jew konsulenti esterni? Imbagħad il-korp ivverifikat għal-it-tim tal-proġett tiegħu fi żmien propizju?</i>	u l-GJU		Il-GJU ħatret konsulenti esterni tard fil-proċess ta' għażla (jiġifieri wara li ħarġet id-dokumentazzjoni għas-sejħa għall-offerti u d-djalogu kompetittiv).
B.2 Investigazzjoni tas-suq			
<i>Il-korp ivverifikat investiga s-suq qabel ma beda l-akkwist formali sabiex jistabbilixxi li kien hemm fornituri li kienu lesti jittgħu offerti għall-proġett?</i>	Il-Kummissjoni	Parzjalment	Fit-22 ta' Frar 2003, il-Kummissjoni tefgħet sejħa għall-espressjonijiet ta' interess (ĠU C 43, 22.2.2003, p. 12) minn intrapriżi għall-"konċessjoni ta' Galileo". Din is-sejħa mmirat biex tikkostitwixxi database ta' kumpaniji interessati u tippermettilhom jippreparaw għall-proċess tas-sejħa għall-offerti. 85 kumpanija esprimew interess u kien rreġistrati fid-database. Għalkemm ġiet organizzata għall-partijiet interessati, ma sar l-ebda sforz biex tiġi evalwata l-fehma u l-perċezzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet ta' konċessjoni proposti. B'mod ġenerali, l-interess ta' fornituri potenzjali kien jeżisti għal proġett Galileo, imma kellihom bżonn ħtiġijiet aktar preċiżi qabel ma jidhru f'konċessjoni.
B.3 Kwestjonijiet kontrattwali			
<i>Il-korp ivverifikat identifika l-kwestjonijiet kontrattwali li setgħu jinqalgħu waqt l-akkwist u pprepara abbozz ta' kuntratt, li jistabbilixxi proposti inizjali fuq kull kwestjoni?</i>	GJU	Parzjalment	Ġie ppreparat abbozz ta' kuntratt waqt il-fażi ta' għażla u djalogu kompetittiv. Iżda, l-abbozz ta' kuntratt kien għadu wisq prematur minħabba l-eżistenza ta' ħafna incerteżzi, mhux l-inqas minnhom kien in-nuqqas ta' kwalunkwe preferenza ta' liġi applikabbli.
B.4 L-istrateġija tas-sejħa għall-offerti			
<i>Il-korp ivverifikat ipprepara strateġija ta' sejħa għall-offerti li tkopri l-għadd ta' fażijiet tas-sejħa għall-offerti, l-għadd ta' offerti li kellihom jiġu mistiendna f'kull fażi tas-sejħa, l-approċċ tal-korp biex jikkomunika mal-offerenti u skeda taż-żmien realistika għall-proċess tas-sejħa għall-offerti?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-GJU	Parzjalment	Ix-xogħol preparatorju tal-Kummissjoni pproduċa pjan indikattiv tal-akkwist għall-għażla u n-negożjati permezz ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess, sejħa għall-konċessjonijiet, fażi ta' qabel l-għażla u fażi tal-għażla. L-għoti tal-kuntratt kien mistenni fi żmien 14-il xahar mill-bidu tal-proċess. Minkejja d-dewmien fil-bidu tal-operazzjonijiet tal-GJU, il-Kummissjoni u l-GJU għall-ewwel żammew mal-pjan li jorganizzaw għażla u negożjati fuq perijodu qasir fl-2003 u fl-2004 (avviż ta' konċessjoni ĠU 2003/S 200 - 179789). Iżda, din l-iskeda taż-żmien kienet ambizzjuża ħafna. Il-prattika tal-PPP/PFI fir-Renju Unit tissuġġerixxi li jittieħed konsiderevolment aktar żmien (perijodu ta' 18-il xahar mhux eċċezzjonali) sabiex jiġu definiti objettivi speċifiċi u koerenti anke għall-proġett tal-PPP medju, mhux partikolarment kumpless. Prattiki tal-akkwist stabbiliti sewwa tal-ESA jissuġġerixxu wkoll li definizzjoni ta' approċċ b'saħħtu fl-isfond tal-industrija spazjali Ewropea jeħtieġ aktar minn sena, anke għal organizzazzjoni bl-esperjenza.
B.5 L-iskeda taż-żmien tal-proġett			
<i>Il-korp ivverifikat ipprepara skeda ta' żmien tal-proġett kredibbli li kienet tidentifika objettivi li kontriha il-progress seta' jitkejjel, u punti fil-proċess li waqthom il-korp kellu jirrevedi l-kontinwazzjoni tal-vijabilità tal-proġett?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-GJU	Parzjalment	L-iskeda ta' żmien inizjali ġenerali għall-programm Galileo ġiet ikkomunikata f'diversi okkazzjonijiet bejn l-2000 u l-2004 (ara t- Tabella 1). L-iskeda taż-żmien, iżda, kienet ġenerali ħafna u ma kienx fiha objettivi intermedji li għandhom jiġu użati biex il-vijabilità tal-programm tiġi reveduta. Aġġornamenti lill-iskeda taż-żmien kienu nnotifikati uffiċjalment fl-2006 u l-2007. Objettivi intermedji dwar il-proċess ta' konċessjoni ġew posposti f'diversi okkazzjonijiet, iżda mingħajr l-ebda kumment dwar il-vijabilità tal-kontinwazzjoni tal-proġett.

B.6 Paragun bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji			
<i>Il-korp ivverifikat evalwa spejjeż u l-benefiċċji tal-għażla ta' finanzjament pubbliku/privat kontra għażla ta' akkwist alternattiva?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-GJU	Le	Ix-xogħol preparatorju tal-Kummissjoni inkluda analiżi bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġett Galileo, imma ma kien hemm l-ebda analiżi bħal din tal-approċċ ta' konċessjoni propost tagħha kontra għażla ta' akkwist alternattiva. Kif indikat taħt A.6, studji minn PricewaterhouseCoopers jirrakkomandaw il-preparazzjoni ta' apparat b'saħħtu li jqabbel il-prodott tas-settur pubbliku. Iżda, din ir-rakkomandazzjoni qatt ma ġiet segwita.
B.7 Il-lista tas-sejħa għall-offerti			
<i>Il-korp ivverifikat imexxielu joħloq lista tas-sejħa għall-offerti tajba?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-GJU	Parzjalment	Konsorzji magħżula minn qabel (ara wkoll B.2) inkludew firxa tajba ta' kapaċitajiet industrijali Ewropej biex iwasslu s-sistema Galileo. Iżda, operatori u industrij down stream ġew marġinalizzati minn kumpanijiet ta' manifattura spazjali. Din is-sitwazzjoni kompliet tiħrax wara li wieħed mit-tliet konsorzji magħżula minn qabel iddeċieda li jirtira mill-proċess ta' għażla waqt is-sajf tal-2004.
B.8 Speċifikazzjoni tal-ħtiġijiet			
<i>Il-korp ivverifikat stabbilixxa speċifikazzjonijiet ċari tal-ħtiġijiet?</i>	GJU	Le	Id-dokumentazzjoni għas-sejħa għall-offerti tal-GJU serviet prinċipalment biex tgħin lill-offerenti jistrutturaw il-proposti tagħhom. Iżda, filwaqt li tat prinċipji ġenerali, ma riflettix objettivi speċifiċi, pożizzjonijiet ċari tar-riskju jew approċċi preferuti m'ħaddna mill-GJU bħala rappreżentant tas-settur pubbliku. B'mod partikolari, id-dokumentazzjoni tas-sejħa għall-offerti ma indirizzatx nuqqasijiet fit-tfassil u diffikultajiet inerenti tal-iskema ta' konċessjoni proposta. Pereżempju, il-GJU ma qalix x'inhi l-għażla favorita tagħha (jew għażliet alternattivi) għall-iżvilupp tas-suq, imma sempliċement saqsiet lill-offerenti biex jippreżentaw l-approċċi proposti tagħhom. Barra dan, filwaqt li l-GJU talbet lill-offerenti jiddeskrivu l-istrateġija tagħhom li jieħdu r-riżultati mingħand l-IOV u fir-rigward tas-suġġett "impenji tal-parti terza", hija ma stabbilixx il-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' konċessjoni, għalkemm dan seta' jservi lill-offerenti bħala bażi għall-analiżi tagħhom. L-unika eċċezzjoni kellha x'taqsam mal-għażliet għall-illanċjar, fejn il-GJU indikat biċ-ċar il-preferenza tagħha għal Ariane 5 u Soyuz. Konsegwenza ta' dan, l-offerenti ma kellhomx biżżejjed dettalji fuq il-pożizzjoni u l-preferenza tas-settur pubbliku, u tħallew għal rajhom jiġġudikaw x'offerti jippreżentaw, mingħajr gwida għall-proposti tagħhom u l-ebda opportunità biex jirrispondu preċiżament għal ħtiġijiet ċari.
B.9 Żamma tal-kompetizzjoni			
<i>Il-korp ivverifikat imexxielu jżomm tensjoni kompetittiva għall-għoti tal-kuntratt u jġesti n-negozjati mal-offerent preferit sewwa?</i>	GJU	Le	Peress li ma setgħetx tagħżel offerent preferit f'żewġ okkazzjonijiet u approvat il-għaqda, il-GJU naqset milli żżomm tensjoni kompetittiva.
B.10 Reviżjonijiet regolari			
<i>Waqt l-akkwsit, il-korp ivverifikat evalwa regolarment jekk il-proġett komplix joffri valur għall-flus?</i>	Maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-GJU	Le	Fil-komunikazzjoni tagħha, il-GJU wriet regolarment l-impenn sod tagħha biex tilħaq ftehim mas-settur privat, imma naqset milli tevalwa l-vijabilità u l-valur għall-flus potenzjali (ara wkoll B.5).
B.11 Baġits għall-ispejjeż tal-proġett			
<i>Il-korp ivverifikat stabbilixxa u kkontrolla baġits realistiċi għall-ispejjeż tal-proġett kollha, inklużi riżorsi interni u esterni?</i>	Maqsuma	Iva	Il-GJU serfet fuq l-approvazzjoni tal-baġits annwali għal kull kompitu tagħha. Iżda, il-Kummissjoni u l-GJU ma strmawx il-livell tal-infiq kemm tas-setturi pubbliċi u privati għall-proċess ta' għażla u negozjati sħiħ. Is-settur privat ippreżenta stima ta' 24,5 miljun euro f'Ottubru 2005.

B.12 Ħatra tal-konsulenti			
<i>Il-korp ivverifikat ħatar konsulenti esterni ta' kwalità tajba wara l-kompetizzjoni?</i>	Maqsuma	Parzjalment	Il-GJU għażlet konsulenti esterni b'esperjenza minn sejħa għall-offerti kompetittiva, imma hatrithom tard fil-proċess tal-għażla (jiġifieri wara l-ħruġ tad-dokumentazzjoni għas-sejħa għall-offerti u d-djalogu kompetittiv).
B.13 Ġestjoni tal-ispejjeż			
<i>Il-korp ivverifikat kif issorvelja u ġesta l-ispejjeż tal-proġett, inklużi riżorsi interni u esterni?</i>	Maqsuma	Parzjalment	Il-GJU impjegat konsulenti esterni u konsulenti permezz ta' kuntratti qafas konklużi wara s-sejħa għall-offerti. L-ispejjeż ġew miżmuma taħt kontroll permezz tat-tfieh ta' ordnijet individwali ta' xogħol. Iżda, l-GJU ma kelliex politika ta' tul ta' żmien twil dwar l-ispejjeż ta' konsulenti esterni.
C. Offerti u kuntratti			
C.1 Proposti tal-offerenti			
<i>L-offerenti pproponew firxa tajba ta' soluzzjonijiet?</i>		Parzjalment	L-offerti rċevuti mill-GJU rriflettew il-kapaċità u l-esperjenza tal-offerenti bħala l-mexxejja Ewropej fl-industrija. Iżda, peress li s-settur pubbliku ma tax speċifikazzjonijiet preċiżi (ara B.8), l-offerenti kellhom nuqqas ta' gwida għall-proposti tagħhom u ma kellhom l-ebda opportunità li jirrispondu b'mod preċiż għal ħtiġijiet ċari. Din il-problema ġiet identifikata minn offerent magħżul minn qabel li b'mod preċiż ippreveda l-eżitu tal-proċess ta' konċessjoni fir-rebbiegħa tal-2004 (minuta minn laqgħa ta' Djalogu Kompetittiv): Id-dokumentazzjoni għas-sejħa tal-offerti tal-GJU fiha ħafna istruzzjonijiet tajbin, u d-deċiżjoni li jinżammu laqgħat bilaterali kull ħmistax (jiġifieri permezz tal-laqgħat ta' djalogu kompetittiv) hija għaqlija, imma jifdal tħassib sinifikanti. Hemm ftit wisq ħin biex jiġu analizzati l-ħtiġijiet tal-GJU, biex jiġi ppjanat il-pjan ta' negozju tal-Kumpanija Operattiva Galileo u sabiex tiġi ppreżentata offerta sal-1 ta' Settembru din is-sena. Offerti miktuba fiż-żmien disponibbli se jserrġu fuq ħafna xogħol ta' previżjoni. Dikjarazzjonijiet verbali lil offerenti biex jagħmlu l-almu tagħhom jikkontradixxu l-istruzzjonijiet bil-miktub biex joħolqu u jippreżentaw offerta li torbot bil-liġi. Il-GJU m'għandiex il-mezzi biex tagħmel paragun validu tal-offerti abbażi tal-valur tas-settur pubbliku. Il-GJU mhix qiegħda toħloq pjan ta' negozju tas-settur pubbliku li permezz tiegħu tista' tagħmel dawn il-paraguni, u ma tistax tagħmel dan fl-iskadenzi tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari, il-qisien tal-offerti se jkunu inkonsistenti minħabba: (i) il-bżonn għall-offerenti li jikkwalifikaw ħafna l-offerti b'kundizzjonijiet, kundizzjonijiet li se jvarjaw bejn l-offerti u li l-GJU mhux se tkun tista' tevalwa; (ii) li l-GJU teħtieġ lill-offerenti joħolqu l-impenji ta' prodotti prinċipali tagħhom proprji, li għal darb' oħra se jvarjaw bejn l-offerti u li l-GJU mhux se tkun tista' tevalwa. Konsegwenza ta' dan, l-offerenti jiffaċċjaw riskju tal-akkwist mhux tas-soltu bil-prinċipji aċċettati tal-PPPs. Kif kien previst, l-offerti ppreżentati ma kienx fihom prezzar u impenji sodi u l-GJU kellha testendi l-fażi ta' għażla. Nota teknika minn konsulent tal-GJU f'Diċembru 2004 ikkonfermat il-ġudizzju t'hawn fuq: F'għadd ta' aspetti, in-nuqqas ta' żviluppi fil-proposti tal-offerenti rriflettew inċertezza dwar il-ħtiġijiet tal-GJU. Konsegwenza ta' din l-inċertezza, kien hemm differenzi strutturali sinifikanti bejn l-offerti (li jagħmlu l-paragun dirett diffiċli) u ż-żewġ offerenti offrew biss prezzar indikattiv.
C.2 Evalwazzjoni tal-offerti			
<i>Il-korp ivverifikat wettaq evalwazzjoni wiesgħa tal-offerti?</i>		Parzjalment	Il-GJU evalwat u mmarkat l-offerti rċevuti skont il-kriterji ta' evalwazzjoni ġenerali pre-stabbilit (finanzjarji, tekniki, ta' ġestjoni). Iżda, fi Frar 2005 il-GJU fl-aħħar tat l-offerti li jikkompetu evalwazzjoni ġenerali ugwali (ara wkoll C.1).
C.3 Għażla tal-offerent			

<i>Il-korp ivverifikat evalwa r-risultati tal-evalwazzjoni sabiex jagħżel l-offerta tal-aqwa valor?</i>	Parzjalment	Il-GJU evalwat l-offerti billi applikat il-kriterji ta' evalwazzjoni formali għas-sejħa għall-offerti. Iżda, ma kelliex kriterji ta' evalwazzjoni dettaljati u b'saħħithom li jirriflettu l-ħtiġijiet preċiżi li kontrihom jiġu ġġudikati u mqabbla offerti li jikkompetu (ara wkoll A.4). Il-GJU ddikjarat lilha nfisha mhux kapaċi tagħżel l-offerta preferita f'żewġ okkazzjonijiet: f'Ottubru 2004 u, wara li estendiet il-fażi tal-għażla, Frar 2005.
C.4 Tibdil waqt in-negozjati mal-offerent ta' suċċess		
<i>Il-korp ivverifikat naqqas kemm jista' jkun bidliet lit-termini tal-offerta waqt in-negozjati finali mal-offerent ta' suċċess?</i>	Le	Wara l-approvazzjoni tal-għaqda u s-sottomissjoni ta' offerta konġunta, il-GJU tilfet il-kapaċità tagħha biex tidderieġi l-proċess ta' negozjati. Ma kinitx kapaċi tinforza l-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-għaqda, u n-negozjati sofrew mill-kompożizzjoni tal-konsorzju magħqud u n-nuqqas ta' kapaċità tiegħu li jilħaq qbil (minħabba l-għadd ta' azzjonisti, l-interessi diversi tagħhom, l-esperjenza tal-PPP, eċċ.).

GLOSSARJU TA' TERMINI UŻATI F'DAN IR-RAPPORT

Pagament ta' disponibbiltà	Pagament perjodiku magħmul lil konċessjonarju minn awtorità pubblika għax jipprovdi faċilità disponibbli.
Każ ta' negozju	Informazzjoni li tiddekrivi l-ġustifikazzjoni sabiex proġett jittella u jitkompla. Jagħti r-raġunijiet u t-tweġibiet għall-mistoqsija "Għaliex?" għall-proġett.
Pjan ta' negozju	Dikjarazzjoni formali ta' sett ta' għanijiet kummerċjali, ir-raġunijiet għaliex huwa meqjus li jistgħu jinkisbu, u l-pjan biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
Ftehim ta' konċessjoni	Ftehim bejn imsieħba pubbliċi u privati li jikkonċedi lil dawn tal-aħħar id-dritt esklussiv li joperaw, iżommu u jwettqu investiment f'servizz pubbliku.
Kunflitt ta' interess	Sitwazzjoni li fiha ċerta persuna jew organizzazzjoni qiegħda taġixxi f'żewġ funzjonijiet, li l-għanijiet jew l-interessi tagħhom huma opposti.
Tensjoni kompetittiva	Sitwazzjoni li fiha l-kompetituri huma sfurzati li jagħmlu l-offerti tagħhom ta' oġġetti/servizzi/offerti kemm jista' jkun attraenti għall-organizzazzjoni li qiegħda takkwista sabiex ma joħdulhomx posthom kompetituri rivali, li tirriżulta f'negozju aħjar għall-awtorità li toħroġ l-offerta.
Segment tal-Utent ta' Galileo	B'kuntrast għas-segment spazjali u tal-art, is-segment tal-utent jittraduċi s-sinjali f'servizzi lill-utenti finali. Jikkonsisti f'tipi differenti ta' riċevituri tal-utenti.
Strutturi ta' governanza	Is-sistema ta' sorveljanza fis-seħħ li tippermetti lill-maniġment iżomm kontroll fuq il-proġett, inkluża l-allokazzjoni ta' responsabilitajiet maniġerjali u l-proċessi u s-sistemi għar-rappurtar lill-maniġment.
Sħubija pubblika-privata	Servizz governattiv jew intrapriża kummerċjali privata li hija ffinanzjata u mħaddma permezz ta' sħubija bejn il-gvern u kumpanija/i tas-settur privat.
Bażi ta' paragun għas-	Stima ta' kemm iqum proġett li kieku jintużaw metodi ta'

settur pubbliku	akkwist tradizzjonali. Din tintuża sabiex tgħin id-determinazzjoni dwar jekk l-iffinanzjar privat joffrix valur aqwa għall-flus minn akkwist tradizzjonali.
Allokazzjoni tar-riskju	Il-ftehim bejn il-partijiet f'negozju finanzjarju pubbliku / privat jew konċessjoni li jiddefinixxi liema partijiet jew parti hija responsabbli milli ġġarrab il-konsegwenzi finanzjarji jew oħrajn ta' avveniment, li tnaqqas iċ-ċans li avveniment negattiv partikolari jseħħ, u biex tnaqqas l-impatt ta' dak l-avveniment.
Trasferiment tar-riskju	It-trasferiment tar-riskju li s-soltu jiġġarrab mill-organizzazzjoni li takkwista lejn dak li jipprovdi s-servizz fis-settur privat.
Proċess ta' sejħa għall-offerti	Il-proċess biex issir promozzjoni, imbagħad jiġu rċevuti u evalwati offerti minn kumpaniji differenti fis-settur privat biex joperaw is-servizzi taħt in-negozju ta' finanzjament pubbliku privat u konċessjonijiet, bil-għan li jinkiseb l-aqwa valur għall-flus.
Akkwist tradizzjonali	Kuntratt li fih il-konsumatur iħallas sempliċiment lill-kuntrattur għall-provvista ta' attiv hekk kif ix-xogħol fl-iżvilupp ta' dan l-attiv jimxi 'l quddiem. Tali attivi jiġihallsu kompletament ladarba jitlestew. Iż-żamma ta' dawn l-attivi hija trattata f'kuntratti separati, filwaqt li t-tfaddim tagħhom jibqa' r-responsabilità tas-settur pubbliku.

Tweġibiet tal-Kummissjoni għar-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri

"Il-Ġestjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-programm Galileo"

TAQSIRA EŻEKUTTIVA

I. -V. Galileo u EGNOS huma żewġ programmi innovattivi bil-għan li jistabbilixxu Sistema Globali Ewropea tan-Navigazzjoni Satellitari. L-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Kummissjoni bdew dawn iż-żewġ programmi bħala inizzjattiva konġunta, u kisbu appoġġ qawwi għall-programmi mill-Istati Membri Rispettivi.

L-ESA ħadet ħsieb l-iżvilupp teknoloġiku u l-Kummissjoni kienet responsabbli mit-tfassil tal-politika. Flimkien ħolqu l-Impriża Konġunta Galileo bħala pjattaforma ta' koordinazzjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni.

Għall-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill ħoloq aġenzija regolatorja (il-GSA) biex tirrappreżenta l-interessi ta-settur pubbliku fis- sħubija pubblika-privata (PPP).

L-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea kellhom rwol ewlieni mill-bidu tagħha. Wara li Itaqa' ma' diffikultajiet biex isib sors ta' finanzjament privat, il-programm integrat Galileo/Egnos fl-2008 sar programm tal-UE ffinanzjat kompletament mil-baġit tal-UE. Minn dakinhar, il-Kummissjoni ħadet ir-rwol ta' amministratur tal-programm. Bl-organizzazzjoni l-ġdida r-responsabilitajiet ġew iċċarati u l-Kummissjoni illum tħoss li qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq l-għanijiet tagħha. Il-Kummissjoni tammetti li kien hemm dewmien u spejjeż mhux mistennija, madanakollu meta wieħed jikkonsidra n-natura innovattiva u s-sofistikazzjoni teknika tal-proġett preliminari l-Kummissjoni tikkonsidra l-evalwazzjoni li l-Qorti għamlet dwar l-ġestjoni tal-fażi tal-iżvilupp u l-validazzjoni negattiva żżejjed. Meta wieħed iħares lura jidher li seta' sar iktar biex jiġu indirizzati uħud mill-problemi iffaċċjati fi stadji aktar bikrin.

V.

(i) Il-GJU inholoqot biex taġixxi ta' intermedjarja bejn l-ESA, responsabbli biex twettaq l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku (IOV jew il-fażi ta' validazzjoni fl-orbita), u l-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-aspetti ta' politika.

(ii) Il-Kummissjoni kontinwament segwiet il-programm, mingħajr ma interferiet mar-responsabilità tal-ESA, b'mod speċjali fuq kwistjonijiet tekniċi u industrijali. Il-Kummissjoni daħlet kull meta kien hemm bżonn biex tipprevjeni waqfien u tipproponi addtattamenti tal-programm.

VI. L-għażla tal-PPP kienet deċiżjoni politika meħuda mill-Kunsill. Il-Kummissjoni rċeviet mandat politiku ċar biex tipprepara PPP, fi żmien limitat, u ppreparatu skont l-informazzjoni disponibbli dakinhar f'dan is-settur tant speċifiku u innovattiv. L-industrija ressqet proposti serji u relaistiċi b'risposta għas-sejħa għal Konċessjoni tal-PPP.

VIII. Permezz tal-GJU u imbagħad tal-GSA, il-Kummissjoni wżat il-fondi tal-FP6 biex tiffinanzja l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku, u r-RŻT relatat mat-twettiq. Dawn il-proġetti tar-RŻT, b'mod speċjali RŻT relatati mat-twettiq għandhom jagħtu l-frott tagħhom f'żmien medju/twil (2009-2015) u l-isfruttar ta' tali xogħol għandu jkun inkluż fil-"Pjan ta' Azzjoni tat-Twettiq tal-GNSS" li ġej.

IX. Il-proposta tal-Kummissjoni li l-EGNOS jkun integrat fil-Galileo effettivament salvat il-programm EGNOS, u żgurat id-disponibbiltà tal-fondi neċessarji biex dan il-proġett ikompli. Il-Kummissjoni żammet dan l-approċċ integrat kemm waqt u kif ukoll wara n-negozjati tal-konċessjoni.

X. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti ma tikkunsidrax bis-sħiħ ir-realtà taċ-ċirkostanzi f'dak iż-żmien. Il-programm involva numru kbir ta' partijiet interessati mis-settur pubbliku (l-Istati Membri tal-UE u l-ESA, pajjiżi terzi, il-Kummissjoni) bi rwoli istituzzjonali u responsabilitajiet differenti, u l-Kummissjoni ħadmet attivament biex issib l-għodod biex tinvolvi sew lil dawn il-partijiet interessati. Il-Kummissjoni għamlet progress reali fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali. Il-ħolqien tal-GJU u tal-GSA, kif ukoll il-proposti biex tingħata direzzjoni ġdida lill-programm li laħqu il-qofol tagħhom fl-adozzjoni tar-Regolament 683/2008, huma sinjali tat-tnexxija eżerċitata mill-Kummissjoni bil-kunsiderazzjoni dovuta tar-rwoli rispettivi tal-partijiet interessati.

XI. Il-Kummissjoni rċeviet mandat ċar biex tieħu f'idejha l-ġestjoni tal-programm fil-fażi ta' mobilitazzjoni, u b'konsegwenza bdiet tadatta l-kapċitajiet ta' ġestjoni tagħha, kemm internament kif ukoll bl-appoġġ ta' konsulenti kwalifikati esterni.

XII. Il-lezzjonijiet li ħarġu mill-Galileo huma kondiviżi mal-Istati Membri u partijiet interessati oħra sabiex titjieb il-ġestjoni ta' programmi infrastrutturali kbar.

INTRODUZZJONI

2. L-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Kummissjoni bdew l-EGNOS u l-Galileo bħala inizzjattiva konġunta, u kisbu appoġġ qawwi għall-programmi mill-Istati Membri Rispettivi.

L-ESA ħadet ħsieb l-iżvilupp teknoloġiku u l-Kummissjoni kienet responsabbli mit-tfassil tal-politika. Flimkien ħolqu l-Impriża Konġunta Galileo bħala pjattaforma ta' koordinazzjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni.

Għall-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill ħoloq aġenzija regolatorja (il-GSA) biex tirappreżenta l-interessi tas-settur pubbliku fis-sħubija pubblika-privata (PPP).

L-ISTORJA TA' GALILEO

15. Għall-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-Programm Galileo inħolqot il-GJU biex tiżgura l-għaqda tal-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju tal-proġett għall-fażi ta' riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni tal-programm Galileo, u b'dan il-għan timmobilizza l-fondi għal dak il-programm (Artikolu 1 tar-Regolament (EC) Nru. 876/2002). Ir-responsabbiltà teknika ta' din il-fażi ġiet fdata f'idejn l-ESA fil-qafas tal-programm tagħha GalileoSat. L-approvazzjoni tal-programme GalileoSat mill-istati membri tal-ESA wassal għall-bidu tal-

attivitajiet industrijali. L-Impriża Konġunta Galileo kienet il-pjattaforma ta' koordinazzjoni bejn l-ESA u l-Kummissjoni għall-fażi ta' żvilupp u validazzjoni.

17. -18. Skont l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-GJU il-kompiti prinċipali huma:

1) is-sorveljanza tal-integrazzjoni tal-EGNOS fil-Galileo kif ukoll l-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni tal-Galileo;

2) it-tnedija permezz tal-ESA tal-attivitajiet industrijali fil-fażi ta' żvilupp;

3) il-preparazzjoni, flimkien mal-Kummissjoni u l-ESA, tal-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq bil-ġestjoni tal-proċedura għas-sejħa għall-offerti li twassal għall-ftehim ta' konċessjoni;

4) is-superviżjoni tat-twettiq tal-attivitajiet kollha tal-programm.

21. L-għan mgħoti sal-Kunsill tat-trasport ta' Marzu 2004 lill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2004 kien li ma tirrapurtax fuq il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, iżda fuq il-bidu tal-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq.

Id-dewmien fl-iżvilupp teknoloġiku (IOV jew il-fażi ta' validazzjoni fl-orbita) dakinhar ma kienx ikkunsidrat inkompatibbli mal-bidu tal-attivitajiet għall-fażi ta' mobilitazzjoni tal-programm tal-2006.

22. L-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien kienet issostni l-idea li, li wieħed jistenna riżultat favorevoli mill-proċess ta' akkwist ma kenitx xi ħaġa irraġonevoli. Il-Komunikazzjoni indikat li l-proċedura sa dakinhar kienet suċċess u talbet il-konferma tal-Kunsill sabiex:

– tippermetti lill-Intrapriża Konġunta tikkonkludi n-negozjar tal-kuntratt ta' konċessjoni li kien mistenni jiġi ffirmat matul l-2005, u

– tippermetti lill-partijiet interessati mis-settur privat jikkonfermaw l-offerti u l-impenn finanzjarju tagħhom.

23. Il-Kummissjoni, fit-twettiq tar-responsabilità politika mogħtija lila, ħolqot il-kundizzjonijiet għal qbil bejn l-Istati Membri billi talbet lill-eks Kummissarju Van Miert biex jagħmilha ta' medjatur. Il-Kummissjoni irnexxielha tiżblokka n-negozjati għall-konċessjoni u dik il-parti tal-attivitajiet tal-fażi ta' żvilupp u validazzjoni li kienu mwaqqfa minħabba nuqqas ta' ftehim bejn l-Istati Membri bejn Lulju u Diċembru tal-2005.

26. Matul l-2006, u b'mod partikolari fit-tieni nofs tal-2006, bl-appoġġ qawwi tal-Kummissjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-GJU naqqset id-differezi mall-konsorzju amalgamat għal ftit kwistjonijiet sostanzjali li kienu qed jibqgħu problematiċi. Ir-riżultat ta' dawn in-negozjati, flimkien mat-tim ta' negozjanti, u l-attivitajiet l-oħra tal-GJU, ġew mgħoddija lill-GSA fi tmiem 2006.

27. Fi tmiem l-2005, il-Kummissjoni wittiet it-triq għall-fażi ta' mobilitazzjoni billi bdiet l-ewwel passi biex tiżgura l-għoti gradwali tas-setgħat mill-GJU, maħluqa għall-fażi ta' Żvilupp, għall-GSA, maħluqa biex tieħu ħsieb l-interessi tas-settur pubbliku fl-iskema tal-PPP għall-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq.

Żewġ suppożizzjonijiet kienu f'moħħ il-Kummissjoni biex ħadet dawn l-azzjonijiet: 1) li n-negozjati għall-Konċessjoni setgħu jitlestew sa l-aħħar tal-2006, xi ħaġa li l-istat tan-negozjati

wara li ngħaqdu l-konsorzji kien qed jagħtiha xi ftit kredibbiltà, u 2) li d-dewmien li kien sar apparenti fuq il-fażi IOV fisser li l-fażi IOV kienet se tkompli wara t-tmien tal-GJU.

28. Fi żvilupp parallel, matul l-2006 u l-2007, l-ESA kompliet għadejja minn diffikultajiet serji fil-ġestjoni kemm tal-EGNOS kif ukoll tal-Galileo. Fl-EGNOS id-diffikultajiet kienu prinċipalment tekniċi. Fil-Galileo l-istruttura industrijali u l-ġestjoni mill-ESA kienu qed jesperjenzaw dewmien u spejjeż żejda sostanzjali. L-ESA tat bidu għal reviżjoni kbira fir-relazzjonijiet kontrattwali li kienet ħolqot għall-programm GalileoSat.

Iffaċċjata b'dawn id-diffikultajiet u l-waqfien tal-proċess ta' Konċessjoni, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill u lill-Parlament biex tbiddel id-direzzjoni tal-programm, tiffinanzja l-fażi ta' mobilitazzjoni mill-baġit Komunitarju, taġixxi ta' amministratur tal-programm u tuża l-ESA bħala aġent għall-akkwist fil-fażi ta' mobilitazzjoni. Ir-Regolament 683/2008 dwar l-implimentazzjoni tal-programm GNSS ġie addottat fid-9 ta' Lulju 2008.

29. L-ambitu tal-kommunikazzjoni ta' Mejju 2007 ma kienx li jiddeskrivi fid-dettal ir-raġunijiet għall-falliment tan-negożjati tal-Konċessjoni, iżda iktar biex jevalwa r-riżultati tan-negożjati u jipproponi mod kif jistgħu jimxu 'l quddiem.

L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-VERIFIKA

31. Fil-perjodu vverifikat mill-Qorti (Settembru 2003-Diċembru 2006), il-GJU kienet stabbilita biex tiżgura l-għaqda tal-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju tal-proġett għall-fażi ta' riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni tal-programm Galileo, u biex timmobilizza l-fondi assenjati lil dan il-programm.

OSSERVAZZJONIJIET

39. Il-kunċett tal-PPP kien ibbażat fuq studji u rapporti elaborati matul il-fażi ta' definizzjoni tal-Galileo, li kien wera l-vijabbiltà tat-mobilitazzjoni, twettiq u l-isfruttament kummerċjali tal-Galileo fi ħdan struttura ta' PPP li tinvolvi finanzjament privat. L-għażla tal-PPP kienet imħeġġa u finalment approvata mill-Kunsill. Il-preparazzjoni tal-PPP kienet imxekkla mill-ħin limitat disponibbli. L-industrija ressqet proposti serji u realistiċi b'risposta għas-sejħa għal Konċessjoni tal-PPP.

41. Kif muri mill-istudji disponibbli għall-Kummissjoni, l-aħjar prattiċi fil-qasam tal-PPP kienu definittivament ikkunsidrati. Madanakollu dawn l-aħjar prattiċi ġew żviluppati ma' industriji u servizzi stabbiliti (toroq ewlenin, sptarijiet, impjanti tal-enerġija...), fejn ir-riskji huma diġà relattivament identifikati sew u fejn huwa faċli li jsiru paraguni tal-ispejjeż ibbażati fuq dejta eżiżtenti tal-ispejjeż. Dan kien u għadu 'l bogħod mill-każ tat-mobilitazzjoni, twettiq u sfruttament kummerċjali tal-Galileo.

(a) In-natura bla preċedent tal-Proġett Galileo għamlitha estremament diffiċli li jiġu applikati l-aħjar prattiċi tal-PPP, bħall-iżvilupp ta' kumparatur affidabli għas-settur pubbliku minħabba nuqqas ta' dejta.

Id-differenza materjali fl-ambitu bejn l-IOV u l-FOC (kapaċità operattiva sħiħa) għamlitha impossibbli li tiġi użata dejta mill-IOV biex jiġi żviluppat tali kumparatur.

L-istudji ikkummissjonati mill-Kummissjoni u mill-GJU indikaw b'mod ċar ir-riskju għat-mobilitazzjoni, twettiq u utillizzazzjoni kummerċjali tal-infrastruttura proposta u stmaw l-allokkazzjoni effiċjenti tagħhom bħala possibbli taħt l-iskema tal-PPP/ konċessjoni.

(b) Minħabba pressjoni ta' ħin, u d-diffikultà biex jinsabu biżżejjed preċedenti li wieħed jista' jibni fuqhom, il-Kummissjoni u l-GJU għażlu l-proċess ta' djalogu kompetittiv għall-proċess ta' akkwist, sabiex jippermetti l-irfinar gradwali tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti.

Il-proċedura ta' djalogu kompetittiv teżiżti biex tkopri każijiet kumplessi bħall ma hu l-PPP Galileo meta wieħed jikkonsidra l-istruttura teknika, finanzjarja u legali tiegħu.

L-elementi mhux magħrufa li jikkaratterizzaw il-PPP Galileo kellhom suppost jiġu ttrattati b'din il-proċedura b'interazzjonijiet ma' appaltaturi serji u ddedikati immens.

Iż-żmien tal-proċedura ġie estiż preċiżament sabiex jippermetti lill-kandidati jressqu pjani kummerċjali u mudelli finanzjarji rfinati u iktar kredibbli.

L-estensjoni tal-proċess ta' djalogu u l-interazzjonijiet bejn il-GJU u l-kandidati, anke wara l-amalgamazzjoni tagħhom, wasslet għal riżultati importanti, li kienu inkorporati fit-Termini Prinċipali.

(c) Il-persunal tal-GJU kien jinkludi professjonisti li kellhom esperjenza speċifika fil-qasam u proġetti spazjali, li għandhom esperjenzi maniġerjali speċifiċi relatati ma' proġetti ta' infrastruttura fis-settur pubbliku u finanzjament ta' proġetti. Ma kien hemm l-ebda "nuqqas ta' għarfien" meta mqabbla mat-timijiet tal-industrija.

Konsulenti b'esperjenza kienu involuti fil-fażi inizjali tal-Programm (ara partikolarment l-istudju tal-bidu). Sa mill-bidu tal-fażi attiva tad-djalogu kompetittiv, konsulenti b'esperjenza (Price Waterhouse Coopers, Lovell's,...) u l-persunal anzjan tal-Bank Ewropew tal-Investment kienu qed jgħinu lill-GJU fin-negozjati jew qabel jew wara l-amalgamazzjoni tal-kandidati u fil-kuntest tal-proċess tal-amalgamazzjoni nnifsu.

(d) L-amalgamazzjoni taż-żewġ offerti ma kenitx imħeġġa jew appoġġjata la mill-GJU u lanqas mill-Kummissjoni. Biex itaffu l-effetti fuq il-proċess deskritt mill-Qorti (essenzjalment it-telf ta' kompetizzjoni), il-Kummissjoni imponiet kundizzjonijiet fuq l-approvazzjoni tal-Amalgamazzjoni.

Wara skrutinju bir-reqqa tal-proposta konġunta, il-GJU, bl-għajnuna ta' konsulenti bi kwalifiki għolja, stmat li l-proposta konġunta toffri valur aħjar għall-flus mill-offerti individwali.

(e) L-Istati Membri ma kellhomx għalfejn joqogħdu fuq ir-rappurtaġġ uffiċjali tal-GJU biss minħabba li kienu rappreżentati fuq il-Bord ta' Superviżjoni tal-GJU li kien ikun mogħti rendikont b'mod estensiv dwar il-progress tan-negozjati u regolarment aġġornat fuq il-progress tal-programm.

Kienu wkoll rappreżentati fuq gruppi ta' ħidma sepċifiċi, b'mod partikolari l-laqqha tal-Esperti tal-PPP, biex isegwu iktar mill-qrib il-proċess ta' negozjar u kienu murija d-diffikultajiet kollha ffaċċjati waqt in-negozjati, preċiżament dwar kwistjonijiet relatati mal-konċessjoni.

Għalkemm kumplessi, in-negożjati kienu strutturati u mmexxija b'mod serju u professjonali miż-żewġ naħat, u ma offrewx bażi suffiċjenti biex il-GJU tiddubita l-fattibiltà tal-konċessjoni. Ir-rapporti tal-GJU kienu qed jimmiraw lejn pubbliku usa' mill-Isatai Membri, u għalhekk kellhom iżommu ċertu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

42. Il-mudell tal-PPP propost mill-Kummissjoni kien differenti minn mudelli tal-PPP eżistenti. In-natura speċifika nnifisha tal-attivitajiet u r-riskji involuti kienu jfissru li proġetti oħra eżistenti ma setgħux jittieħdu bħala referenza għall-Proġett Galileo f'dak li jirrigwarda t-tqassim tar-riskji u finanzjament bejn is-settur pubbliku u dak privat.

(a) Il-kumplessità teknoloġika tal-Proġett Galileo huwa fatt mifhum sew minn dawk kollha involuti u b'mod speċjali mis-settur privat.

(b) Studji tal-bidu indikaw b'mod ċar li l-ġenerazzjoni ta' dħul kienet diffiċli li tkun imbassra, iżda ma kkunsidrawhiex raġuni li tista' twaqqaf l-iskema tal-PPP.

Pagamenti ta' disponibiltà mis-settur pubbliku kienu kkunsidrati strument tajjeb biex jiżguraw vijabilità finanzjarja.

It-Termini Prinċipali kienu jinkludu struttura possibli għall-pagamenti ta' disponibiltà li fuqa ntlaħaq ftehim ta' livell għoli mas-settur privat.

(c) Il-fatt li d-disinn ġie żviluppat taħt ir-responsabilità tas-settur pubbliku matul il-fażi ta' żvilupp kien magħruf mis-settur privat u kien enfasizzat bħala element ta' kumplessità għat-tqassim tar-riskju rilevanti għall-iskema ta' konċessjoni.

Madanakollu rapporti minn esperti fil-qasam qatt ma speċifikawha bħala punt prinċipali li seta' jimblokka l-vijabilità tal-iskema ta' konċessjoni.

Ta' min ifakkar li l-industrija li żviluppat id-disinn waqt il-fażi ta' żvilupp kienet rappreżentata sew fil-kandidati għall-kuntratt ta' konċessjoni.

Kaxxa 2

Ir-riskju tas-suq, ir-riskju tad-disinn u sa ċertu punt ir-riskju tar-responsabbiltà għal partijiet terzi kienu l-iktar oqsma kontenzjużi waqt in-negożjati.

Madanakollu sar progress almenu f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni tar-riskju tar-responsabbiltà u r-riskju tas-suq.

Barra minn hekk huwa probabbli li l-falliment tan-negożjati ta' konċessjoni jistgħu jkunu attribwiti wkoll għal fatturi oħra, pereżempju lir-realizzazzjoni tal-industrija ta' għażliet iktar vantaġġużi ta' finanzjament.

Id-diffikultà li jiġi trasferit ir-riskju tas-suq kienet identifikata u rikonoxxuta, u b'konsegwenza t-Termini Prinċipali kienu jindikaw b'mod ċar għall-ftehim fejn it-trasferiment tar-riskju jkun minimu fl-ewwel stadju, b'mekkaniżmi għal żieda gradwali fil-grad ta' riskju tas-suq trasferit matul il-kuntratt.

It-trasferiment tar-riskju tad-disinn kienet l-iktar kwistjoni kontroversjali tan-negożjati tal-PPP.

Il-fażi tal-IOV oriġinarjament maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tad-disinn kienet ikkunsidrata bħala x-xkiel prinċipali għat-twettiq mis-settur privat.

L-attitudni tal-industrija li tirrifjuta li tieħu fuqha r-riskju tad-disinn minħabba nuqqas ta' viżibiltà, involviment u kapaċitajiet ta' validazzjoni tal-fażi tal-IOV kienet miġġielda bis-saħħa waqt in-negozjati ladarba id-detentur potenzjali tal-konċessjoni kien kompost prinċipalment mill-istess atturi industrijali li kellhom viżibiltà fuq ir-rendiment tagħhom waqt l-istadju ta' disinn.

L-elementi li jsawru s-sisien għal struttura li ttaffi r-responsabbiltà għal partijiet terzi ġew mifthiema fil-livell tat-Termini Prinċipali.

43. Skont ir-regolament tagħha l-GJU kellha “tgħaddi f’idejn [l-ESA] it-twettiq tal-attivitajiet meħtieġa waqt il-fażi ta’ żvilupp fir-rigward tal-oqsma tal-ispazju u tal-art assoċċjati mas-sistema”.

Dawn l-attivitajiet twettqu mill-ESA fil-qafas tal-programm GalileoSat iffinanzjat b’mod konġunt mill-istati membri tal-ESA b’mod volontarju u mill-Komunitajiet Ewropej.

45. L-ESA kienet responsabbli mit-twettiq tal-programm GalileoSat u kienet tirraporta lill-GJU dwar l-azzjonijiet tagħha. Is-superviżjoni tal-GJU kif imniżżla f’Artikolu 2 paragrafu 4, kienet limitata li tiżgura li l-fażijiet kollha tal-programm jintrabtu sewwa flimkien, u ma kenitx maħsuba bħala sostituzzjoni tal-kompetenza teknika tal-ESA.

47. Il-Baġit tal-Galileo għall-iżvilupp u validazzjoni kien stabbilit skont studji kkummissjonati mill-Kummissjoni u kien aċċettat mill-ESA fid-dikjarazzjoni tal-GalileoSat.

Id-dikjarazzjoni tal-GalileoSat ipprevediet flessibilità standard ta’ 20% min-naħa ESA fuq il-kontribuzzjoni tagħha, li ħolqot kontinġenza de facto ta’ 10% fuq il-baġit totali, li fil-fatt ma kienitx biżżejjed minħabba l-kumplessità tal-programm.

48. Il-bidu tard tal-programm GalileoSat mill-Istati Membri tal-ESA wassal għal dewmien biex ix-xogħol jaqbad u żieda fl-ispejjeż, li qatt ma ġew irkuprati.

49. L-akkwist fil-fażi tal-IOV sar mill-ESA skont is-sistema ta’ akkwist tagħha stess.

L-ESA ddeċidiet favur organizzazzjoni industrijali mmexxija minn kuntrattur waħdani ewlieni, iżda li xorta tiżgura, almenu fuq il-parti tal-programm iffinanzjat mill-Istati Membri tal-ESA, dħul ġeografiku għas-sottokuntratturi.

Galileo kien l-ewwel u l-uniku programm GNSS fil-fatt miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-industrija spazjali Ewropea. B’riżultat ta’ dan, il-kuntrattur ewlieni magħżul seta’ jgawdi vanataġġ kompetittiv definittiv għall-kompetizzjonijiet futuri (primarjament għall-fażi ta’ mobilitazzjoni). Dan kellu riperkussjonijiet kbar għall-politika industrijali sostnuta mill-ESA.

B’konsegwenza ta’ dan u tal-azzjonijiet ta’ bosta stati membri interessati, il-kuntrattur ewlieni eventwalment elett kienet impriża konġunta ta’ kumpaniji antagonisti, li qatt ma rnexxielhom jaħdmu flimkien b’mod effettiv.

Iffaċċjati b’żieda fl-ispejjeż u dewmien, l-ESA finalment iddeċidiet f’Diċembru 2007, li tagħżel organizzazzjoni industrijali u qafas kuntrattwali differenti, fejn hi tieħu direttament ir-

risponsabilitajiet ewlenin u tikkuntratta direttament lis-sottokuntratturi l-pakketti differenti tax-xogħol.

53. Aktivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-FP6 kienu jiffukaw fuq is-setturi prinċipali kollha tal-utent, jindirizzaw riċerka fuq l-applikazzjonijiet u aspetti oħra (l-istandardizzazzjoni, aspetti legali u ta' proviżjoni ta' servizz, suq...) li kellhom jippermettu l-użu futur tal-Galileo Il-proġetti ta' riċerka fis-setturi varji tal-utent ġeneralment inkludew attivitajiet ta' żvilupp, testijiet u dimostrazzjoni.

L-esplojtazzjoni ta' tali xogħol għandha tiġi inkluża fil-“Pjan ta' Azzjoni għall-Aplikazzjoni tal-GNSS” li ġej.

Id-definizzjoni tas-servizzi, li kienu l-bażi għall-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema, saru iktar kmieni, mill-fondi tal-FP5.

54. L-għan tal-FP hu li jhegġegħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji u servizzi, waqt li jħalli lill-atturi fis-suq ħielsa li jagħżlu f'liema qasam dawn l-iżviluppi jseħħu. Dan l-approċċ wera l-validità tiegħu fis-sens li bosta kumpaniji, b'mod notevoli SMEs, kisbu għarfien u esperjenza li poġġewhom bħala mexxejja fis-suq, bħall-Ifen u Septentrio għar-riċetturi doppji Galileo/GPS, Polestar għal soluzzjonijiet ta' pożizzjonament interni u Telesys għas-servizzi ibbażati fuq il-post.

Bħal f'kull attività ta' riċerka oħra, ir-riżultat tal-proġetti mhux garantit, u jiddependi fuq bosta fatturi li huma lil hinn mill-kompitu tal-Kummissjoni. L-użu tar-riżultati fuq is-suq kummerċjali jrid jibqa' deċiżjoni li trid tittieħed mill-konsorzja tal-proġett infushom.

55. Is-segwitu tal-proġetti mill-GSA kien żgurat prinċipalemt mill-persunal li preċedementem ħadem għall-GJU fuq dawn il-proġetti. Il-GSA ħeġġet it-tifrix tar-riżultati tal-proġett, bl-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti ta' suċċess “Growing Galileo” li jorganizzaw dawn ir-riżultati, u jipublikaw ġabra ta' tali riżultati.

Numru ta' proġetti tal-FP6 esperjenzaw dewmien, iżda analiżi proġett bi proġett turi kawżi varji li mhux neċessarjament huma marbuta mat-trasferiment.

56. L-attivitajiet iffinanzjati mill-FP6 jinkludu l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda, evalwazzjoni ta' potenzjal relatat tas-suq investigazzjoni ta' mudelli kummerċjali possibbli, u riċerka fuq pjanijiet kummerċjali adattati għall-kummerċjalizzazzjoni. Esperjenza tal-iżvilupp tas-suq u ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi turi li ħafna mill-innovazzjonijiet tas-suq huma maħluqa mis-suq, u mhux minn approċċ minn fuq għall-isfel. Dan huwa minnu b'mod speċjali fi swieq mhux maturi bħal dawn, fejn il-GJU/GSA kien ikollha diffikultajiet biex toħloq strateġiji ta' żvilupp komprensivi.

57. Id-dewmien fuq il-programm Galileo/EGNOS jista' jispjega biċċa mid-dewmien f'uħud mill-proġetti tal-FP6.

60. EGNOS soffra minn dewmien dovut l-aktar għal kwistjonijiet teknoloġiċi li mhumex fil-kontroll tal-Kummissjoni.

(a) Il-konklużjoni tal-ftehim tal-EGNOS irriżulta diffiċli ħafna minħabba diffikultajiet intrinziċi proprji tar-relazzjoni bejn il-partijiet differenti involuti. Finalment il-ftehim kien iffinalizzat sa tmiem l-2008 u ffirmat fil-31 ta' Marzu 2009. Barra minn hekk, il-programm tal-ESA għall-EGNOS (ARTES 9) taħt liema EGNOS qed jopera preżentament, se jintemm

fil-31 ta' Marzu 2009 żmien meta s-sistema għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-esplorazzjoni mill-operatur ekonomiku.

(b) F'Marzu 2009 is-sistema tkun effettivament ċertifikabbli, u huwa pjanat li l-operatur jkun iċċertifikat sal-2010 skont ir-Regolament Ajru Uniku Ewropew.

61.

(b) L-integrazzjoni tal-EGNOS fil-Galileo għalkemm affermata bħala għan f'livell politiku minn dejjem kienet sors ta' problemi mill-punt kuntrattwali.

Għal din ir-raġuni l-kandidati għall-kuntratt ta' konċessjoni kienu meħtieġa jindirizzaw l-integrazzjoni tal-EGNOS fil-Galileo bħala xenarju alternattiv.

L-offerti milqugħa kienu juru b'mod ċar il-benefiċċji tal-integrazzjoni taż-żewġ sistemi, u n-negozjati tal-kuntratt ta' konċessjoni wara l-amalgamazzjoni taż-żewġ kandidati saru f'xenarju integrat.

(c) Il-qafas istituzzjonali tal-EGNOS huwa kumpless minħabba raġunijiet storiċi dwar il-mod kif il-programm ġie strutturat.

(d) Il-GJU kkummissjonat il-preparazzjoni ta' diversi pjanijiet kummerċjali għall-EGNOS u studji fuq il-possibiltà tal-kumerċjalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu li wrew potenzjal kemxejn limitat li l-EGNOS jiġġenera dħul.

Diskussjonijiet li saru mas-settur tal-avjazzjoni urew id-diffikultà li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiġġenera dħul għas-sinjal tal-EGNOS stess li huwa miftuħ u aċċessibbli għal kwalunkwe utent b'xejn.

F'dan ir-rigward għandu jiġi emfasizzat li mill-punt tekniku EGNOS OS u SoL ma humiex differenti mill-aspett ta' aċċessibilità mill-utenti. Huma differenti biss mill-punt ta' ċertifikazzjoni.

Dawn l-assunzjonijiet iġġustifikaw l-attitudni tal-GJU li ma tinvestix f'attivitajiet għall-iżvilupp tas-suq għall-EGNOS.

62. Il-programm EGNOS treġa bħala programm tal-ESA (ARTES 9) prinċipalment ifffinanzjajt mill-istati membri tal-ESA u l-Finanzjament EOIG mill-UE kien limitat.

Dewmien u spejjeż żejda kienu esperjenzati fil-qafas tal-programm ARTES 9 minħabba raġunijiet tekniċi varji.

63.

(a) Indipendentement mill-proċess ta' konċessjoni, l-EGNOS iffaċċja serje ta' kwistjonijiet teknoloġiċi li ma kinux taħt il-kontroll la tal-Kummissjoni u lanqas tal-GJU li wasslu wkoll għal dewmien programmatiku.

(b) Huwa diffiċli ħafna li wiehied jappunta operatur għall-infrastruttura li mhix kompluta mill-punt teknoloġiku. Barra minn hekk kien ikun impossibbli għall-Kummissjoni li tqabblad operatur mingħajr ma jkollha drittijiet fuq l-assi li għandhom jiġu mħaddma.

Il-ħatra ta' operatur ekonomiku tal-EGNOS qiegħda issa tiġi ffinalizzata taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-bżonn li jkun konkluż ftehim qafas kellu impatt limitat fuq in-negozjati ta' konċessjoni.

64. Il-GJU rċeviet mandat ċar biex tintegra l-EGNOS fil-Galileo li għamilha neċessarja li jkun negozjat ftehim Qafas mal-partijiet interessati varji tal-EGNOS, biex twitti t-triq għat-trasferiment aħħari tas-sjieda tal-EGNOS.

In-negozjati għall-ftehim qafas tal-EGNOS fl-aħħar mill-aħħar ma kienux suċċes minħabba qafas istituzzjonali kumpless rikonoxxut mill-Qorti nnifisha, iżda servew bħala bażi soda għall-ftehim preżenti ffinalizzat mal-Kummissjoni.

65. Minħabba dewmien esperjenzat mill-programm, il-GJU ma implimentatx il-pjan ta' penetrazzjoni fis-suq tal-EGNOS.

67. L-allokazzjoni ta' kompiti bejn il-partijiet waqt il-fażi ta' żvilupp kienet ispirata mill-prinċipju ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet sabiex tinholq pjattaforma konġunta għall-iżvilupp tal-programm.

Dan l-approċċ reġa' ġie indirizzat fl-ambitu tal-fażi ta' mobilitazzjoni mir-Regolament tal-GNSS li b'mod ċar provda għal diviżjoni stretta tar-rwoli u r-responsabbiltajiet bejn il-partijiet involuti.

68.

(a) Rigward il-kompiti prinċipali tal-GJU ara l-pożizzjoni tal-Kummissjoni taħt punt 17.

Il-Kummissjoni tinnotta li l-istruttura ta' governanza, u b'mod notevoli r-rwol doppju tal-ESA kienu identifikati b'mod ċar fir-regolament fondatur tal-GJU.

(b) Il-likwidazzjoni tal-GJU ma għandiex impatt fuq ir-rwoll tal-GJU f'dik il-fażi tal-programm.

Minn naħa l-oħra l-għeluq tal-GJU kien neċessarju biex tiġi evitata dupplikazzjoni tar-rwoli bejn il-GJU u l-GSA.

69. Il-ftehim bejn l-ESA u l-GJU kien maħsub biex jibda sħubija bejn il-partijiet li qed jikofinanzjaw il-proġett li bih ESA setgħet tapplika r-regoli tagħha biex toħroġ il-kuntratti.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni u r-rappurtaġġ ma kinux dettaljati bħal ma jkunu f'relazzjonijiet kuntrattwali standard minħabba n-natura kooperattiva tal-ftehim. Il-modalitajiet sepiċifiċi ta' rappurtaġġ kienu stabbiliti mill-kumitat eżekuttiv tal-GJU meta l-obbligi tal-ħlas lill-ESA bdew ikunu dovuti.

Il-ftehim ta' delegazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-ESA ffirmat f'Diċembru 2008 għall-fażi ta' mobilitazzjoni, tipprovdi għall-monitoraġġ strett u obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ.

70. L-ESA kienet responsabbli kemm għall-fażi tal-IOV kif ukoll għall-EGNOS b'żewġ programme tal-ESA GalileoSat u ARTES 9.

71. Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li l-ESA hija kompletament responsabbli għar-riżultati mill-attivitajiet ta' żvilupp tekonoġiku li qed tagħmel. Il-Kummissjoni ħadet kompletament

ir-responsabbiltajiet politiċi tagħha fil-programm. Kull deċiżjoni tista' tiġi traċċata lura għall-entità fdata li toħodha.

73. Il-Kummissjoni eżerċitat ir-rwol ta' promutur prinċipali għall-programm tal-GNSS.

Fl-2005-2007 in-negożjati ta' konċessjoni kienu qed isiru u wasslu għall-Termini Prinċipali mistennija f'Diċembru 2006.

Azzjonijiet korrettivi kienu ttieħdu meta evidenza tal-falliment tan-negożjati ta' konċessjoni ħarġet fid-dieher.

Diffikultajiet esperjenzati fin-negożjati sal-aħħar tal-2006 me kinux biżżejjed biex wieħed jikkonkludi fuq l-impossibilità li wieħed jasal għall-infrastruttura tal-Galileo taħt skema ta' konċessjoni tal-PPP.

Kien biss fil-bidu tal-2007 li l-Kummissjoni kellha l-elementi biex tanalizza li t-titwil tal-proċess ta' konċessjoni ma kienx se jkun ta' valur siewi għas-settur pubbliku u għalhekk twaqqaf in-negożjati.

Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha fil-paragrafu 23.

74. Id-diffikultajiet esperjenzati fil-fażi ta' żvilupp kienu minħabba raġunijiet li kienu ġeneralment 'il barra mill-kontroll tal-Kummissjoni u prinċipalment influwenzati mill-prinċipji ta' ġestjoni li kienu qed jiggwidaw l-azzjonijiet tagħha.

(a) Il-Kummissjoni irnexxileha tikseb għanijiet ċari għall-Programmi tal-GNSS Ewropew, approvati mill-Kunsill u mill-Parlament.

Programm ta' dan il-kobor ikun mistenni li joħloq firxa ta' aspettattivi varji mill-partijiet interessati, b'mod notevoli Stati Membri seta' kellhom u promwovew għanijiet differenti iżda dan ma biddilx l-għanijiet imfassla fil-bidu tal-programm.

(b) L-għażla tal-mudell ta' konċessjoni tal-PPP li kapaċi jkopri l-fażijiet differenti tal-proġett (mobilitazzjoni, twettiq, esplojtazzjoni kummerċjali) fil-fatt jaqbel ma viżjoni u ppjanar fit-tul.

In-nuqqas ta' suċċess ta' dan il-proċess ma jaffettwax l-approċċ fit-tul adottat mill-Kunsill.

(i) Taħt skema ta' konċessjoni tal-PPP il-mudell ta' esplojtazzjoni u l-pjan direzzjonali suppost ikunu mogħtija mis-settur privat.

Waħda mir-raġunijiet għaliex intagħżel dan il-mudell hija propju li s-settur privat kien meqjus li kien fil-pożizzjoni li jagħmel dan.

Wara r-Regolament tal-GNSS il-Kummissjoni ser tkun responsabbli milli tiddefinixxi tali pjan direzzjonali għall-programm Galileo b'mod parallell mat-mobilitazzjoni tal-infrastruttura.

Sa fejn għandu x'jaqsam l-EGNOS il-ħolqien ta' pjan direzzjonali se jkun kwistjoni ta' negożjati fil-kuntest tal-proċess ta' għażla għall-operatur tal-EGNOS futur.

(ii) Il-problemi ffaċċjati fin-negożjar ta' ftehim qafas għall-EGNOS jiddependu prinċipalment fuq id-dinamika bejn il-partijiet interessati fl-EGNOS.

In-negożjar tal-ftehim waqa' f'idejn il-GSA u kien konkluż mill-Kummissjoni mingħajr ebda nuqqas ta' kontinwità jew diskrepanza fis-setgħa ta' negożjar.

Il-ftehim KE – EOIG kien iffinalizzat sa Diċembru 2008 u ffirmat fil-31 ta' Marzu 2009.

(iii) Meta qieset in-natura politika u strateġika tal-programm il-Kummissjoni ħadet ħsieb li tinforma regolarment u tfittex il-kunsens tal-Kunsill.

(c) Minħabba d-dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-Kummissjoni kella toħloq żewġ strutturi legali: Il-GJU (skont Artikolu 171) biex iservi bħala mezz ta' koperazzjoni mal-ESA fuq il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, u l-GSA (skont Artikolu 308) biex imexxi l-fażi ta' mobilitazzjoni u twettiq. Biex twitti t-triq għal dawn iż-żewġ strutturi, saru attivitajiet ta' appoġġ taħt erba' kuntratti differenti, iżda dawn ma kinux jinvolvu l-ħolqien ta' strutturi legali.

(d) Ara l-Kummenti tal-Kummissjoni f'punt 41 c).

(e) Il-matriċi tar-riskju għall-konċessjoni ġiet żviluppata f'formola komprensiva waqt il-fażi ta' dialoġu u bl-għajnuna ta' konsulenti b'esperjenza mill-GJU.

Ġabra estensiva ta' dokumenti fuq l-identifikazzjoni u l-allokazzjoni possibli ta' tali riskji kienet magħmula waqt in-negożjati mal-kandidati għall-konċessjoni.

In-natura tal-proġett, kif deskritta hawn fuq, ma ppermettietx identifikazzjoni u apprezzament iddettaljat tad-daqs ta' dawn ir-riskji minn qabel.

(f) Il-Kummissjoni eżerċitat ir-rwol ta' promutur prinċipali għall-programm tal-GNSS. Azzjonijiet korrettiivi kienu ttieħdu meta l-evidenza tal-falliment tan-negożjati ta' konċessjoni ħarġet fid-dieher.

Diffikultajiet esperjenzati fin-negożjati sal-aħħar tal-2006 me kinux biżżejjed biex wieħed jikkonkludi fuq l-impossibilità li naslu għall-infrastruttura tal-Galileo taħt skema ta' konċessjoni tal-PPP.

Kien biss fil-bidu tal-2007 li l-Kummissjoni kellha l-elementi biex tanalizza li t-titwil tal-proċess ta' konċessjoni ma kienx se jkun ta' valur siewi għas-settur pubbliku u għalhekk twaqqaf in-negożjati.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

75. Meta wieħed jikkonsidra n-natura innovattiva u s-sofistikazzjoni teknika tal-proġett l-Kummissjoni tikkonsidra l-evalwazzjoni li l-Qorti għamlet dwar l-ġestjoni tal-fażi tal-iżvilupp u l-validazzjoni bħala negattiva iżżejjed.

(a) Il-GJU ma kinitx maħluqa bħala amministrazzjoni operattiv b'saħħtu tal-programm. Ir-Regolament 876/2002 jgħid dan b'mod ċar: "Għall-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-programm Galileo, Impriża Konġunta skont it-tifsira tal-Artikolu 171 tat-Trattat qiegħed b'dan jiġi stabbilit għal perjodu ta' erba' snin. Il-mira tal-Impriża Konġunta għandha tkun li tassigura l-unità tal-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju, tal-proġett għall-fażi ta' riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni tal-programm Galileo, u għal dan il-għan jimmobilizza l-fondi assenjati lil dan il-programm." Tesiġi wkoll li l-GJU "tgħaddi f'idejn [l-ESA] it-twettiq tal-

attivitajiet meħtieġa waqt il-fażi ta' żvilupp fir-rigward tal-oqsma tal-ispazju u tal-art assoċjati mas-sistema," effettivament tirrikonoxxi r-responsabbiltà tal-ESA biex twettaq l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku.

(b) Il-Kummissjoni, fil-limitajiet tar-responsabbiltà tagħha, koinwament segwiet u gwidat il-programm. Il-Kummissjoni daħlet kull meta kien hemm bżonn biex tipprevjeni waqfien u tipprovdi fondi addizzjonali u tadatta l-istrutturi tal-programm.

L-allinjament mill-ġdid tal-programm propost mill-Kummissjoni fl-2008 ta b'mod ċar ir-rwol ta' amministratur tal-programm lil Kummissjoni, biex tindirizza l-kwistjoni li ġiet mogħtija prominenza mill-Qorti.

76. Il-PPP kien ippreparat bil-livell ta' informazzjoni disponibbli dakinhar, ibbażata fuq xogħol preparatorju li kellu aċċess għall-konsulenza esterna mill-aqwa.

Il-bidu tal-PPP kien ibbażat fuq studji u rapporti elaborati matul fażi ta' definizzjoni tal-Galileo, li kienet uriet il-vijabbiltà tat-mobilitazzjoni, twettiq u utilizzazzjoni kummerċjali tal-Galileo f'ħdan struttura tal-PPP li tinvolvi finanzjament privat. L-għażla tal-PPP kienet imhegħa u finalment approvata mill-Kunsill. Il-preparazzjoni tal-PPP kienet imxekkla mill-ħin limitat disponibbli. L-isfidi speċifiċi tal-PPP tal-Galileo, marbuta prinċipalment mal-ispeċifikitajiet tekniċi u tas-suq joffru b'mod sostanzjali spjegazzjoni għall-inabilità li jiġi konkluż il-proċess ta' konċessjoni.

77. L-ESA ltaqgħet ma' diffikultajiet tekniċi u programmatiċi, li jispjegaw id-dewmien u l-infiq żejjed.

78. L-attivitajiet RTŻ kienu strumentali biex jgħinu biex jiddefinixxu l-missjoni u l-ħidma tal-Galileo, jiffukaw, fuq is-setturi prinċipali tal-utent, jindirizaw riċerka fuq applikazzjonijiet u aspetti oħra li jippermettu l-użu futur tal-Galileo.

L-attivitajiet qajmu interess sinifikanti fil-komunitajiet tal-utenti u żviluppaw teknoloġija u għarfien li ser jkun sfruttat fil-fażi ta' kummerċjalizzazzjoni iktar tard.

79. L-integrazzjoni tal-EGNOS fil-Galileo kienet essenzjali biex tiżgura koinwità tal-programm EGNOS, u tiżgura l-fondi neċessarji.

Minkejja d-diffikultajiet teknoloġiċi, u grazzi għall-kjarifikazzjoni tal-qafas istituzzjonali fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, EGNOS ser ikun l-ewwel programm GNSS Ewropew operattiv.

80. Il-Kummissjoni kellha teżerċita r-rwol tagħha ta' promotur matul il-programm waqt li tqis il-partijiet interessati kollha, b'mod speċjali l-ESA bħala imsieħba f'din l-inizzjattiva konġunta. Il-Kummissjoni ġestiet attivament is-sitwazzjoni, u regolarment ħadet l-inizzjattiva biex tiżblokka u tmexxi l-programm il-quddiem.

81. Il-Kummissjoni bidlet mill-qiegħ il-ġestjoni tal-programm, waqt li inkludiet ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri.

82. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi li tieħu l-amministrazzjoni tal-programm Galileo f'idejha f'punt deċiżiv għall-programm Il-Kunsill u l-PE approvaw din il-proposta billi adottaw ir-regolament 683/2008. Huwa parti mill-kompiti tal-Kummissjoni li tipproponi l-aħjar soluzzjoni fuq medda ta' żmien.

Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni diġà ħadet passi konkreti ħafna biex tadatta r-riżorsi u l-istrumenti legali u finanzjarji tagħha biex taġixxi ta' amministratur tal-programm. Sabiex tiffaċilita l-proċess twaqqaf il-Panel Interistituzzjonali Galileo (GIP).

(a) Il-Kummissjoni żgurat it-trasferiment ta' 30 ħaddiem b'esperjenza mill-GSA (uħud b'esperjenza li tmur lura għall-GJU) u kkonkludiet reklutaġġ intern biex toħloq tim iddedikat għall-Galileo.

(b) Ir-Regolament 683/2008 qed jiċċara r-rwoli u r-responsabilitajiet rispettivi tal-ESA u tal-Kummissjoni. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni daħlet fi ftehimiet ta' delegazzjoni mal-ESA għat-twettiq tal-akkwist tal-FOC u iktar attivitajiet ta' żvilupp tal-EGNOS.

(c) Ir-Regolament 683/2008 ipprovda lill-Kummissjoni b'linja baġitarja ddedikata biex tiffinanzja l-infrastruttura għall-Galileo. Il-Kummissjoni qed tuża l-akkwist pubbliku biex tixtri l-infrastruttura.

Fir-rigward tal-ispejjeż ta' twettiq u ta' riforniment, il-Kummissjoni qed tipprepara l-qafas finanzjarju li jmiss biex tiżgura kopertura baġitarja adegwata. Hija għandha wkoll tirrevedi l-istrumenti finanzjarji disponibbli skont ir-regolament finanzjarju tagħha biex tiżgura li huma adegwati għall-iffinanzjament tal-programm.

(d) Il-qafas ta' governanza maħluq mir-Regolament 683/2008, jalloka r-rwoli u r-responsabilitajiet b'mod ċar.

83. Ir-Regolament 683/2008 b'mod ċar ta lill-Kummissjoni d-dover ta' tmexxija u li tiproponi lill-Kunsill u lill-Parlament xenarji għall-Galileo wara l-Fażi ta' Mobilitazzjoni. Barra minn hekk twaqqaf il-Panel Interistituzzjonali Galileo.

Rakkomandazzjoni 2

Ir-Regolament 683/2008 saħaq fuq l-għanijiet politiċi tal-programm li baqgħu kostanti matul l-aħħar snin. Ipprovda wkoll lill-programm bi pjan direzzjonali sod għall-fażi ta' mobilitazzjoni, u talab lill-Kummissjoni biex fl-2010 toħroġ Komunikazzjoni fuq il-futur tal-Galileo wara l-fażi ta' mobilitazzjoni.

(a) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni se tkopri, fost l-oħrajn, l-għanijiet strateġiċi u politiċi tal-Galileo. Hija ser tindirizza l-mistoqsija dwar il-mudell biex titħaddem is-sistema waqt li tqis ir-realtajiet tas-suq, il-pożizzjonament mixtieq tas-sistema fuq il-katina ta' valur, u b'mod ċar tenfasizza l-konsegwenzi ta' mudelli proposti fir-rigward ta' baġit u responsabilitajiet tas-settur pubbliku.

(b) Il-Komunikazzjoni ser tittratta l-kwistjoni tal-integrazzjoni tal-EGNOS fil-Galileo.

84. Il-Kummissjoni diġà bdiet ix-xogħol ma' partijiet interessati varji biex tabbozza din il-Komunikazzjoni u fittxet l-appoġġ ta' konsulenti esterni biex jgħinuha tivvaluta l-minjiera ta' informazzjoni miġbura matul is-snin, b'mod notevoli grazzi għall-esperjenza tan-negozjar tal-Konċessjoni.

Rakkomandazzjoni 3

Sabiex ikun lest fil-ħin għat-tmiem tal-fażi ta' mobilitazzjoni, il-Kummissjoni bdiet ix-xogħol għall-preparamenti tal-fażi ta' twettiq. Hija ser tqis l-esperjenza disponibbli.

85. Il-Kummissjoni ser tanalizza l-għażliet kif meħtieġ mir-Regolament 683/2008 u tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha fl-2010.

Rakkomandazzjoni 4

(a + b) Fil-qafas tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tiġbor il-ħtiġijiet tal-utent u tfassal azzjonijiet faċilitattivi li huma bżonnjużi biex iħeġġu l-użu tat-teknoloġija GNSS. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni tippromovi qafas regolatorju xieraq.

(c) Il-Kummissjoni ħadet passi biex tiżgura li EGNOS operattiv jissodisfa l-bżonnijiet tal-utenti, partikolarment fis-settur tal-avjazzjoni, u għal dak il-għan għażlet operatur b'esperjenza u b'għarfien b'saħħtu fuq l-avjazzjoni.

86. Il-Kummissjoni waqqfet intrapriża konġunta u tista' toħloq oħrajn. Kull waħda minn dawn hija ppjanata u analizzata fil-fond fl-isfond tal-kriterji rilevanti għall-attivitajiet tagħhom skont il-każ.

Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni teżamina b'reqqa, fuq bażi ta' każ b'każ, ir-razzjonal u l-governanza ottimali ta' kwalunkwe intrapriża konġunta ġdida.

ANNEX II

Il-programm EGNOS kien immexxi taħt programm fakultattiv tal-ESA (ARTES 9) skont il-ġestjoni tal-programm tal-ESA. Bħala l-ewwel programm tal-ESA fin-navigazzjoni, bata minn diffikultajiet tekniċi numerużi.

b) Il-programm ta' riċerka tħaddem għal 10 snin, li matulhom inbidlu l-ħtiġijiet tekniċi u l-ambjent taċ-ċertifikazzjoni evolva.

c) Minħabba l-falliment tan-negozjati ta' Konċessjoni l-pjan direzzjonali tal-EGNOS kellu jiġi abbozzat mill-ġdid skont il-governanza l-ġdida stabbilita f'Lulju 2008 permezz tar-Regolament 683/2008.

d) Waħda mir-raġunijiet prinċipali għax l-EGNOS mhux operattiv kienet id-difikkultajiet iffaċċjati mill-ESA biex iżommu s-sinjali disponibbli fil-livell ta' kwalità u affidabilità biex tippermetti ċ-ċertifikazzjoni tiegħu.

L-aċċettazzjoni teknika mill-ESA bdiet biss fil-bidu ta' Marzu 2009. Dan huwa prerekwiżit biex is-sistema tgħaddi f'idejn il-KE, li, dakinhar u mhux qabel, taċċetta s-sistema jekk tissodisfa l-għanijiet li l-ESA għamlet għaliha nnifisha fil-programm ARTES 9.

e) L-isforzi tal-ESA u tal-GJU biex juru l-kapaċitajiet tal-EGNOS 'il barra mill-Ewropa kienu kkoordinati u ffinanzjati mill-Kummissjoni. Skont dawn l-istudji preparatorji, il-Kummissjoni ser tiddeċiedi jekk tipponix jew le estensjoni tas-servizz 'il barra mill-Ewropa.

f) Il-GJU irċieva mingħand il-Kummissjoni fondi tat-TEN-T 2004 u tat-TEN-T 2005 speċifikament immirati għall-EGNOS, kif ukoll fondi minn DĠ AIDCO fl-2005. Barra minn hekk, bosta proġetti tal-FP6 kienu jittrattaw l-EGNOS. Fl-aħħar nett, il-GJU ibbenefika minn baġit għall-studji diskrezzjonali approvat fuq bażi annwali mill-Bord tiegħu, li seta' jkun użat, li kieku l-amministraturi tal-GJU iddeċidew hekk, biex jiffinanzja studji speċifiki relatati mal-EGNOS.

ANNEX III

Il-ftehimiet man-NRSCC u MATIMOP u mal-GJU kienu trasferiti lill-GSA. Il-likwidazzjoni tal-GJU kienet miftiehma mal-MATIMOP u man-NRSCC fuq livell tal-Bord ta' Ġestjoni. Diskussjonijiet ma pajjiżi terzi saru min-naħa tal-Kummissjoni, mhux mill-GJU, u għalhekk l-egħluq tal-GJU ma kellu l-ebda impatt fuq tali diskussjonijiet.

ANNEX IV

Il-Kummissjoni tirreferi b'mod ġenerali għar-risposti mogħtija hawn fuq għat-test tar-rapport tal-qorti, b'mod partikolari paragrafi 39, 41 u 42.

A.2. Minħabba n-natura bla preċedent tal-proġett ma kienx possibbli li jintlaħaq livell ta' maturità fuq il-ħtiġijiet u l-limitazzjonijiet li jista' jinsab fi proġetti ma industrij u servizzi stabbilliti (toroq ewlenin, sptarijiet, impjanti tal-enerġija), fejn ir-riskji huma diġà relattivament identifikati sew u fejn huwa faċli li jsiru paraguni tal-ispejjeż ibbażati fuq dejta eżistenti tal-ispejjeż. Minħabba pressjoni ta' ħin, u d-diffikultà biex jinsabu preċedenti li wieħed jista' jibni fuqhom, il-Kummissjoni u l-GJU għażlu l-proċess ta' djalogu kompetittiv għall-proċess ta' akkwist, sabiex jippermetti l-irfinar gradwali tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti.

Il-proċedura ta' djalogu kompetittiv teżisti biex tkopri każijiet kumplessi bħall ma hu l-PPP Galileo meta wieħed jikkonsidra l-istruttura teknika, finanzjarja u legali tiegħu.

L-elementi mhux magħrufa li jikkaratterizzaw il-PPP Galileo kellhom suppost jiġu meġhula b'din il-proċedura b'interazzjoni ma' appaltaturi serji u ddedikati.

L-estensjoni tal-proċess ta' djalogu u l-interazzjonijiet bejn il-GJU u l-kandidati, anke wara l-amalgamazzjoni tagħhom, wasslet għal riżultati importanti, li kienu inkorporati fit-Termini Prinċipali.

A.3. Ara t-tweġiba għal A.2.

A.4. Ara t-tweġiba għal A.2.

A.5. Fl-attivitajiet regolatorji riċenti kollha tagħha, il-Kummissjoni inkludiet dispożizzjonijiet li jħeġġu l-applikazzjonijiet tal-GNSS (ara pereżempju s-Sistema Elettronika ta' Pedaġġ Ewropea).

Madanakollu l-Kummissjoni qagħdet attenta li ma tgħawwix il-kompetizzjoni favur Galileo jew EGNOS.

L-ishma rispettivi tad-dħul li jiddipendu direttament jew indirettament fuq is-settur pubbliku kienu stmati mill-konċessjonarju prospettiv meta kien hemm in-negozjati. Il-Komunikazzjoni fuq il-futur tal-Galileo terġa' tanalizza ċ-ċifri u tipproponi miżuri regolatorji adegwati.

A.6. L-għażla tal-PPP kienet imħeġġa u finalment approvata mill-Kunsill.

L-iżviluppar ta' kumparatur affidabbli għas-settur pubbliku ma kinitx għażla realistika minħabba nuqqas ta' dejta relevanti, kuntrarjament ta' dak li jeżiżti għall-industriji aktar popolari.

Lanqas id-dejta li ġejja mill-IOV (validazzjoni fl-orbita) ma setgħet tiġi użata biex jiġi żviluppat tali kumparatur, minħabba d-differenza materjali fl-ambitu bejn l-IOV u l-FOC (kapaċità operattiva sħiħa).

A.7. Mid-djalogu kompetittiv, soluzzjonijiet innovattivi kienu ġġenerati u proposti minn dawk li tefgħu l-offerti, u diskussi fil-fond.

Attenzjoni partikolari nġatat biex ikunu analizzati s-soluzzjonijiet innovattivi relatati mal-kummerċjalizzazzjoni li kienu identifikati minn dawk li tefgħu l-offerti. Minn dan il-proċess il-Kummissjoni setgħet tikseb taġhrif dwar aplikazzjonijiet u swieq ġodda.

A.9. Dawn is-suġġetti kienu koperti minn studji li saru minn Price Waterhouse Coopers, u l-konklużjonijiet ta' dawk l-istudji kienu qed jappoġġjaw il- vijabbiltà tal-għażla tal-PPP.

B.1. Il-persunal tal-GJU kien jinkludi professjonisti li kellhom esperjenza speċifika fil-qasam u l-proġetti spazjali, li għandhom esperjenzi manġerjali speċifiċi relatati ma proġetti ta' infrastruttura fis-settur pubbliku u finanzjament ta' proġetti. Ma kien hemm l-ebda "nuqqas ta' għarfien" meta mqabbla mat-timijiet tal-industrija.

Konsulenti b'esperjenza kienu involuti fil-fażi inizjali tal-Programm (ara partikolarment l-istudju tal-bidu). Sa mill-bidu tal-fażi attiva tad-djalogu kompetittiv, konsulenti b'esperjenza (Price Waterhouse Coopers, Lovell's,...) u l-persunal anzjan tal-Bank Ewropew tal-Investment kienu qed jgħinu lill-GJU fin-negozjati jew qabel jew wara l-amalgamazzjoni tal-kandidati u fil-kuntest tal-proċess tal-amalgamazzjoni nnifsu.

B.2. Matul il-fażi tad-djalogu kompetittiv, inġatat attenzjoni sħiħa lill-valutazzjonu u l-indokrar tal-fehim tal-partijiet kollha fir-rigward tal-ħtiġijiet biex wieħed jidħol għal Konċessjoni.

Din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex intgħażlet il-proċedura ta' djalogu kompetittiv.

B.3. Waqt il-fażi tad-djalogu kompetittiv, l-abbozz tal-kuntratt kien irfinut u mwessa' aktar u saru diskussjonijiet estensivi fuq l-għażla tal-liġi applikabbli.

B.4. L-ippjanar kien ambizzjuż, u l-GJU emendatu biex tqis il-fatt li n-negozjati kienu iktar kumplessi milli inizjalment mistennija.

B.5. Il-possibbiltà kontinwa tat-twettiq tal-proġett kienet regolarment riveduta u kkummentata, b'mod notevoli f'komunikazzjonijiet suċċessivi tal-Kummissjoni.

B.6. Ara t-tweġiba għal A.6.

B.7. Kif innutat mill-Qorti, il-proċess tas-sejħiet għall-offerti rnexxielu jiġbed firxa wiesgħa ta' kumpaniji Ewropej, iddedikati sew għall-proġett. Huwa naturali li għall-proġett spazjali innovattiv u li joffri sfida, l-industrija spazjali kellha rwol prominenti fil-konsorzja. Madanakollu l-operaturi kienu preżenti fil-konsorzja kollha li kienu qed jikkompetu.

B.8. Ara t-tweġiba għal A.2.

B.11. L-ispiża tal-offerta tas-settur privat ma kinitx analizzata għax ma kien hemm l-ebda intenzjoni li tiġi ffinanzjata mill-fondi pubbliċi.

B.12. Ara t-tweġiba għal B.1.

B.13. L-ispiża tal-konsulenti esterni kienet kontinwament segwita.

C.1. Ara t-tweġiba għal B.2.

C.2. L-offerti kienu eżaminati u kkumparati fil-fond.

C.4. Minkejja l-amalgamazzjoni, il-GJU irnexxielha tmexxi l-proċess tan-negozjati u tikseb konverġenza fuq suġġetti varji, li kienu riflessi fit-Termini Prinċipali iffimat fi tmiem l-2006 mal-konsorzju magħqud.